ĠUNJU 2024 ĦARĠA NRU. 078

# il-pont



RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI


il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

# Werrej


| | |
|---|---|
| 5 | Editorjal |
| 7 | Aħbarijiet |
| 12 | Reazzjonijiet, Ittri, Ideat |
| 15 | L-Intervista \| John Bonello |
| 18 | L-Intervista \| Vincent Caruana Gauci |
| 22 | L-intervista \| Rena Balzan |
| 24 | L-Intervista \| Giuseppe Napolitano |
| 28 | Frans Deguara - Pont għall-Kittieba |
| 30 | Linji Paralleli li ma Jiltaqgħu Qatt |
| 32 | L-Orgni - Rakkont ta' Maria Camilleri |
| 35 | Is-Setaħ bħala Metafora |
| 36 | It-Tfal fil-Versi ta' Friggieri u Galea |
| 38 | Tifkira ta' Żewġ Poeti li Ħallewna |
| 39 | Riċensjoni - L-Annimali Umanizzati |
| 41 | *Fjura tas-Sabbara, Fjura tax-Xadina* |
| 43 | *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' Ninu Cremona |
| 46 | Il-Poeżija - Mill-Pinna tal-Maltin |
| 51 | Versi lil Hinn minn Xtutna |
| 54 | Minn Fuq l-Ixkaffa |



# Editorjal

PATRICK SAMMUT

Għal darb'oħra kont qed naqra kumment ta' Umberto Eco fejn jgħid li l-kotba turi kemm tirrispettahom meta taqrahom, mhux meta tħallihom hemm fuq l-ixkaffa. Jgħid ukoll li jekk il-ktieb hu tiegħek u m'għandux valur bħala oġġett ta' antikwarjat, allura toqgħodx taħsibha darbtejn biex tikteb fuqu ħsibijietek, xi noti, jew timmarka xi linji jew versi li jkunu laqtuk. Iżid jgħid li anki jekk tiddeċiedi tbigħ dak il-ktieb li tkun ktibt in-noti tiegħek fuqu u ħallejt fih xi marki oħra minn tiegħek, ma jkun ġara xejn għax hekk tkun ħallejt il-marka tiegħek fuqu darba għal dejjem. U dan kollu jippersonalizza jew jagħti laqta unika lil dak il-ktieb. Hekk tkun ħallejt traċċi ta' x'kienu l-interessi tiegħek. U b'hekk, anki jekk terġa' tifttħu wara ħafna u ħafna snin abbandunat fuq xkaffa, dawn il-marki juruk x'kienu dawk l-aspetti li xi darba kienu interessawk.

Dan kollu jfakkarni fl-esperjenza unika li ngarrab kull meta nordna ktieb użat minn barra u jasalli. Xi drabi jkun saħansitra miksi pulit bil-plastik biex jipproteġih. Imbagħad hemm il-kulur safrani tal-paġni, ir-riħa partikolari tal-ktieb, il-qoxra ta' barra imperfetta, fuq kollox xi annotamenti fuq il-paġni ta' ġewwa, l-isem jew ismijiet tal-proprjetarji ta' qabel. Xi drabi nsib ukoll xi cutting minn gazzetta, xi kupun antik, xi karta ċkejkna b'xi kitba miktuba fuqha minn min jaf min.... U ħallini nimmaġina minn taħt liema jdejn għadda, f'liema librerija jew familja seta' kien qabel, x'inhuma l-istejjer moħbija wara l-ktieb jew kotba li nkun ordnajt u ksibt mingħand ħaddieħor. U jekk toqgħod taħseb ftit, f'dal-każ huwa ktieb li jgħaqqad flimkien id-destin ta' qarrejja differenti anki jekk ġejjin minn pajjiżi differenti, ġieli saħansitra minn żminijiet differenti ladarba dan hu oġġett li b'modi diversi 'jintiret' jew jgħaddi minn idejn u ġenerazzjonijiet diversi. X'seħer wara dan kollu!

Iva, il-kotba jintirtu minn ġenerazzjoni għal oħra. Kemm minna fil-verità għandhom kotba li xi darba kienu tan-nanniet, jew ta' xi anzjan jew anzjana li ħallewna u wliedhom riedu jagħmlu l-ispazju fid-dar u b'hekk taw il-kotba tagħhom lil min iħobb il-ktieb? Huwa rigal sabiħ u sinjal ta' mħabba kbira meta dan iseħħ u kotba li jkunu jiffurmaw għal tant snin twal parti mil-librerija personali ta' bniedem jgħaddu f'idejn xi ħadd ieħor li japprezza daqstant il-ktieb. B'xi mod min ikun 'wiret' dawn il-kotba jibqa' jiftakar li f'dawn il-kotba hemm 'ruħ' jew l-'ispirtu' tal-proprjetarju - jew iktar minn wieħed - li jkun ippossedihom qabel.

Toqgħod taħseb, il-ktieb mhu xejn ħlief oġġett ieħor mill-mijiet li bosta minna - għalkemm mhux kulħadd - insibu fl-ispazju li nabitaw. U dan jintrabat ma' tip ta' paradoss li qed nara li qed iseħħ illum f'pajjiżna: fuq naħa l-għarfien li jekk inkomplu mexjin hekk l-ilsien Malti jista' ma jibqax l-ilsien ewlieni u nazzjonali mitkellem f'pajjiżna minn hawn u ftit taż-żmien ieħor; fuq l-oħra r-realtà sabiħa li n-numru ta' kotba li qed jiġu ppubblikati bl-ilsien Malti qed jiżdied, u fost dawn huma bosta dawk il-kotba li huma prodott tajjeb tassew, minkejja dak li jgħidu ċerti wħud li l-kwalità fejn tidħol il-letteratura Maltija naqset. Dan il-fatt tal-aħħar u l-inizjattivi ta' ċerti entitajiet li qed jagħmlu minn kollox biex jgħinu lill-barranin li qed jiġu f'pajjiżna jitgħallmu lsien art twelidna - il-Malti - huma fatturi pożittivi tassew u li jagħmlu kuraġġ lil dawk li ma jixtiqux jitilfu wirt tant prezzjuż li għaddewlna missirijietna bħalma huwa l-ilsien Malti.

Infakkar li s-sajf huwa għal bosta l-istaġun li jippermetti iktar ħin għall-qari. Mela AQRA KTIEB FIL-ĦIN ĦIELES TIEGĦEK! Is-sajf it-tajjeb lilkom qarrejja ta' IL-PONT.



# Aħbarijiet

## MID-DINJA LETTERARJA

### L-INGLIŻA LI ĦABBET L-ILSIEN MALTI U XPRUNAT IT-TRADUZZJONI




Sergio Grech (xellug) u Ivan Said (lemin)

Nhar l-4 ta' April 2024, is-Sur Ivan Said ta taħdita dwar May Butcher. Fid-diskors tiegħu, is-Sur Said ta ħarsa lejn is-snin tletin, deċenju mill-aktar turbolenti u importanti għall-ilsien Malti li matulu ġew ippubblikati xogħlijiet seminali, fosthom *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* (1930) ta' Juan Mamo, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938) ta' Ġużè Ellul Mercer u *Il-Jien u lil Hinn Minnu* (1938) ta' Dun Karm li May Butcher qalbet għall-Malti *The Ego and Beyond* fl-1943. Ittraduċiet ukoll *L-Innu Malti* għall-Ingliż u r-riċerka ta' Ninu Cremona *Mikiel Anton Vassalli u żminijietu* (1937) li dehret fl-1940 bit-titlu *Vassalli and his times*. Il-kelliem sellem lil Ninu Cremona għad-dedikazzjoni sħiħa tiegħu għar-riċerka fuq l-ilsien Malti u matul it-taħdita ta rendikont dettaljat tal-ħidma ta' May Butcher li mhux biss tgħallmet u ħaddmet il-Malti, iżda saħansitra xerrditu bil-pubblikazzjoni tal-grammatika bl-Ingliż tagħha *Elements of Maltese* (1938). Uħud mill-aqwa xogħlijiet ta' Ninu Cremona nqalbu għall-Ingliż minn May Butcher u fost it-traduzzjonijiet tagħha ta' xogħlijiet klassiċi Maltin insibu *Il-Fidwa tal-Bdiewa* (1936) li deher bħala *The Ransom of the Peasants* fil-'Journal of the Faculty of Arts' (1960-1971). Kienet membru akkademiku tal-Għaqda Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja tal-Malti, u kienet kittieba u traduttriċi prolifika li kienet temmen bis-sħiħ li l-korp letterarju Malti jeħtieġ it-traduzzjoni biex jikber, jinxtered u jiġi apprezzat. Fid-diskors tiegħu, Ivan Said espona l-pjan li kellha biex tixpruna t-traduzzjoni letterarja bil-Malti. It-taħdita se tkun aċċessibbli mill-istazzjon li l-Akkademja tal-Malti għandha fuq YouTube. Dan l-event ittella' f'kollaborazzjoni mal-Akkademja tal-Malti, u s-sit magħżul kien iċ-Ċentru Studji Agostinjani fil-Kumpless Santa Rita, San Ġiljan.

### TITFAKKAR MARY MEYLAK FIX-XEWKIJA, GĦAWDEX

Nhar il-5 ta' April 2024 ittellgħet serata letterarja fil-mitħna tax-Xewkija, Għawdex, u li matulha tfakkru l-ħajja u l-poeżija tal-poetessa Mary Meylak (1905-1975). L-organizzaturi ta' dan l-avveniment intitolat "Il-Ħajja fil-Versi" kienu d-Direttorat tal-Wirt Kulturali u Tal-Fuklar Folk Group. Kurt Cassar mid-Direttorat fetaħ is-serata u wera preżentazzjoni Power Point dwar avvenimenti f'Għawdex matul il-perijodu li fih għexet Meylak. Imbagħad, in-neputija tal-poetessa Għawdxija, Sylvia Caruana, tkellmet dwar it-tifkiriet tagħha tal-istil ta' ħajja ta' Meylak, filwaqt li Mary Gauci tkellmet dwar il-kontribut tal-poetessa lis-soċjetà u kif kienet tħares lejn il-ħajja soċjali. Joe Attard qasam ma' dawk preżenti t-tifkiriet tiegħu ta' Meylak bħala għalliema u qara xi wħud mill-poeżiji tagħha. Alda Bugeja tkellmet dwar l-




impatt ta' Meylak fuq is-soċjetà u enfasizzat li ħaqqha rikonoxximent għall-kontribut tagħha lill-umanità. Fl-aħħar nett Ġorġ Mizzi ta tagħrif interessanti dwar il-laqgħat tiegħu ma' Meylak u l-kitbiet tagħha, b'referenza speċjali għal bozzetto (dramm ta' att wieħed) intitolat *Stella u Leone*. Is-serata kienet immexxija minn Michel Refalo, minn Tal-Fuklar Folk Group.

### "ĦARSTEK VJOLA TKANTA" - SERATA MUŻIKO-LETTERARJA F'ĠIEĦ OLIVER FRIGGIERI



Parteċipanti waqt is-serata ddedikata lil Oliver Friggieri
[Ritratt mill-paġna Facebook tal-Għaqda tal-malti Università]

Nhar it-13 ta' April 2024 ittellgħet l-attività "Ħarstek Vjola Tkanta", serata mużiko-letterarja f'ġieħ Oliver Friggieri. Matulha ndaqqu għall-ewwel darba disa' poeżiji ta' Oliver Friggieri li ġew immużikati minn Tano Monseigneur, u kantati minn Rosabelle Bianchi, Charles Vincenti, u Louis Andrew Cassar. Maria-Elena Farrugia kienet il-pjanista. Disa' poeti emerġenti kitbu poeżija kull wieħed biex iwieġbu għal waħda ta' Friggieri fosthom "Il-Bikja tal-Buskett", "Karin u Raymond" u "Pellegrin Distratt". Il-kittieba kienu Nathan Anthony Pace, Luca Ellul, Ilona Sciberras, Bradley Cachia, Gabriel Lia, Matteo Pullicino, Maria Christina Mallia, Nicole Zammit u Klara Vassallo. Kenneth Scicluna qara x-xogħol oriġinali ta' Friggieri u Thea Sultana qrat il-poeżiji ta' kittieba li kienu assenti. Din l-attività ttellgħet mill-Fondazzjoni tal-Ġiżwiti f'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Malti u l-Għaqda tal-Malti – Università, u kienet parti mis-sensiela "Music & More at the Jesuits". L-attività saret fl-oratorju tal-Knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt.

### MARATONA TA' QARI FIL-LIBRERIJA PUBBLIKA ĊENTRALI




Nhar l-24 ta' April 2024 ittellgħet ġurnata ta' qari bil-Malti - mid-9 a.m. sad-9 p.m. - biex ġew ċelebrati flimkien il-Libreriji. Għal din l-okkażjoni ngħaqdu librara, awturi, pubblikaturi u nies li kollha għandhom għal qalbhom il-qari u l-ktieb. Il-Maratona ttellgħet live mill-pjattaforma ta' Malta Libraries. Fost il-parteċipanti kien hemm l-Għaqda tal-Malti Università, bil-President, Klara Vassallo, u s-Segretarju, Bradley Cachia, li qraw xi xogħlijiet minn ħarġiet differenti ta' 'Leħen il-Malti'. Ħadet sehem ukoll Fondazzjoni Sagħtar permezz tar-rivista 'Sagħtar'. Din il-maratona ġiet organizzata bħala parti mill-programm ta' attivitajiet marbuta mal-ġimgħa ddedikata lil-libreriji, li ħabtet mal-Jum Dinji tal-Ktieb u l-Jeddijiet tal-Awtur. F'rabta ma' dan, il-kittieba Salv Sammut u Rita Saliba qraw xi xogħlijiet tagħhom fil-Librerija Reġjonali ta' Birkirkara nhar is-27 ta' April 2024.

### TITNIEDA EDIZZJONI ĠDIDA TA' *TEJBILHOM ĦAJJITHOM* TA' JOHN F. MARKS



Dr Immanuel Mifsud, Prof. Arnold Cassola u s-Sur Mark Vella
[Ritratt mill-paġna Facebook tal-Għaqda tal-Malti]

Lejn tmiem April 2024 saret it-tnedija tal-edizzjoni l-ġdida ta' *Tejbilhom Ħajjithom* ta' John F. Marks, li saret

b'kollaborazzjoni ma' Klabb Kotba Maltin. Il-Viċi President tal-Għaqda, Anthea Enriquez, kienet is-sinsla ta' dan il-proġett bħala l-editriċi tar-rumanz. Hi ddeskriviet l-istampar ta' dawn il-pubblikazzjonijiet bħala "dmir li jżewwaq il-kultura tagħna, jeduka ġenerazzjonijiet futuri u jippreserva l-wirt intellettwali". Il-Prof. Arnold Cassola afda lill-Għaqda tal-Malti b'dan il-wirt letterarju għani, is-Sur Mark Vella ħa ħsieb il-kitba ta' studju u n-notamenti, u Dr Immanuel Mifsud tkellem waqt it-tnedija. Kienu preżenti l-familjari ta' Marks, filwaqt li Daniel Marks, l-unika iben ta' Marks li għadu ħaj, għamel intervent permezz ta' diskors irrekordjat. Is-serata tmexxiet mis-Segretarju Bradley Cachia, u l-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi, Ilona Sciberras, qrat żewġ siltiet mir-rumanz. L-Eks President Keith Attard tkellem f'isem il-President Klara Vassallo, li kienet indisposta.

### KONFERENZA PUBBLIKA BIL-MALTI FUQ IL-PROŻA POLITIKA FIL-CAMPUS TAL-BELT




Fir-ritratt il-Prof. Inġ. Simon Fabri [lemin] u l-Prof. Mario Thomas Vassallo [xellug]

Nhar is-27 ta' April 2024, fl-Aula Prima tal-Valletta Campus, fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta, saret konferenza pubblika bil-Malti fuq il-proża politika bl-isem ta' "In-Niggieża tan-Narrattiva: Il-Proża Politika." Dan l-avveniment kien miftuħ għall-akkademiċi, l-istudenti, u l-pubbliku ġenerali u d-dħul kien b'xejn. Il-konferenza, kienet organizzata bi sħab bejn id-Dipartiment tal-Politika Pubblika u d-Dipartiment tal-Malti fi ħdan l-Università. Fost il-kelliema waqt din il-konferenza kien hemm Justine Somerville, Dr Kurt Borg, Romario Sciberras, Prof. Michael Spagnol, Dr Luke J. Buhagiar, u Dr Immanuel Mifsud. Saru riflessjonijiet finali minn Prof. Emmanuel Said, Dekan tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Ġestjoni u l-Kontabilità, u Prof. Adrian Grima, Kap tad-Dipartiment tal-Malti. Din kienet it-tielet darba li dawn iż-żewġ dipartimenti minn fakultajiet differenti tal-Università ta' Malta ħadmu flimkien fuq konferenza nazzjonali. F'April tal-2023 saret it-tieni konferenza minn din is-sensiela ta' Lingua Politik fuq "Il-Qawwa tal-Kelma: Ir-Retorika Politika." Il-ktieb bid-diskorsi li saru dakinhar, editjat minn Mario Thomas Vassallo u Michael Spagnol, ingħata lil dawk kollha li attendew għal din il-konferenza.

### KUMITAT ĠDID GĦALL-GĦAQDA TAL-MALTI UNIVERSITÀ

Nhar it-28 ta' April 2024 l-Għaqda tal-Malti, Università




Il-membri tal-kumitat il-ġdid tal-Għaqda tal-Malti, Università [Ħajr lil Ilona li baghtitli dan ir-ritratt]

kellha l-Laqgħa Ġenerali Annwali tagħha. Matulha nħatar il-kumitat il-ġdid għas-sena li jmiss. Bħala President intagħżlet Ilona Sciberras, akkumpanjata minn Bradley Cachia bħala Viċi-President. Is-Segretarja hija Jade Briffa Raggio, filwaqt li Nicole Bartolo se taqdi r-rwol ta' Teżoriera. Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi se tkun Klara Vassallo.

### LEJLA MUŻIKO-LETTERARJA F'GĦAWDEX F'ĠIEĦ IL-POETA ĠORĠ PISANI



Nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Mejju 2024, l-Akkademja tal-Malti fakkret għeluq il-25 sena mill-mewt tal-Poeta Ġorġ Pisani b'serata mużiko-letterarja bis-sehem ta' għadd sabiħ ta' membri Għawdxin u msieħba oħra li kienu preżenti għal din il-kommemorazzjoni speċjali. Il-programm inkluda għażla ta' qari mill-poeżiji ta' Ġorġ Pisani, kif ukoll siltiet ta' proża misluta mix-xogħlijiet magħrufa tiegħu. Fetaħ is-serata Dr George Farrugia, President tal-Akkademja, u saru diskorsi mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi u minn iben il-Poeta, in-Nutar Dr Paul G. Pisani. Pisani miss bosta fergħat tal-letteratura: kiteb poeżiji li ġabar f'*Il-Għid taż-Żgħożija*, *Il-Waltz tad-Dellijiet*, *Melodiji u Kuluri* u *It-Trijonf tal-Paċi*; drammi bħal *Is-Sengħa tal-Imħabba*, *Apoteosi* u *Is-Sigriet ta' Swor Kristina*; novelli miġbura fil-ktieb *Għoxrin Novella*, esejs miġbura fil-ktieb *Evviva l-Ħajja*, ir-rumanzi *Beraq u Qawsalli* u *Żerniq fuq l-Għoljiet* u kiteb ukoll l-istudji folkloristiċi *Għawdex joħlom fil-Leġġendi*. Ġorġ Pisani jibqa' magħruf l-aktar għall-importanza li jagħti lil Għawdex bħala post sabiħ u mimli sliem. Waqt li jitkellem dwar bosta problemi soċjali u

umani, l-aħjar xogħlijiet tiegħu huma mnebbħa mill-imqades u mill-imkejjen tal-qedem. Aktarx għalhekk li Ġużè Chetcuti jsejjaħlu "l-poeta tal-istorja" għax għadd ġmielu ta' poeżiji li kiteb għandhom tema preistorika bħal *Ħaġar Qim*, *Il-Ġgantija t'Għawdex* u *Għar Dalam*. Il-programm tfassal minn sottokumitat magħmul minn Charles Bezzina, Joe Borg, Dr Manwel Schembri u Doris Zammit u kien imżewwaq bi tliet waqtiet mużikali bil-kant ta' Ruth Portelli u l-pjanista Jennifer Grech. Il-kommemorazzjoni għalqet b'filmat qasir fuq il-Poeta meħud minn Alvin Scicluna. Is-serata saret fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Bażilika ta' San Ġorġ, fir-Rabat Għawdex.

## IR-RUMANZ REBBIEĦ TAL-PREMJU INTERNAZZJONALI BOOKER 2024




L-awtriċi Ġermaniża Jenny Erpenbeck u t-traduttur Michael Hofmann

Kull sena dan il-Premju jintroduċi lill-qarrejja għall-aqwa rumanzi u ġabriet ta' rakkonti qosra mid-dinja kollha li ġew tradotti għall-Ingliż u ppubblikati fir-Renju Unit u/jew fl-Irlanda. Is-sitt xogħlijiet finalisti ntagħżlu minn 149 ktieb ippubblikati bejn l-1 ta' Mejju 2023 u April tal-2024, u kienu: ir-rumanz *Not a River* miktub minn Selva Almada bl-Ispanjol u tradott għall-Ingliż minn Annie McDermott; ir-rumanz *Mater 2-10* miktub bil-Korean minn Hwang Sok-yong u tradott minn Sora Kim-Russell u Youngjae Josephine Bae; ir-rumanz *What I'd Rather Not Think About* miktub bil-lingwa Olandiża minn Jente Posthuma u tradott minn Sarah Timmer Harvey; ir-rumanz bil-Portugiż *Crooked Plow* ta' Itamar Vieira Junior u tradott minn Johnny Lorenz; ir-rumanz bil-Ġermaniż *Kairos* miktub minn Jenny Erpenbeck u tradott minn Michael Hofmann; u, ir-rumanz *The Details*, miktub bl-Iżvediż minn Ia Genberg u tradott għall-Ingliż minn Kira Josefsson. Iċ-ċerimonja finali saret nhar il-21 ta' Mejju 2024 fit-Turbine Hall tat-Tate Modern f'Londra, bir-rumanz ta' Jenny Erpenbeck *Kairos* jintagħżel bħala rebbieħ. *Kairos* hu storja romantika li bdiet fil-Ġermanja tal-Lvant fi tmiem is-snin '80 meta Katharina, tfajla ta' 19-il sena, tiltaqa' b'kumbinazzjoni ma' Hans, kittieb u raġel miżżewwġ ta' 55 sena. Il-premju finali hu dak ta' 50 elf sterlina Ingliża li jinqasam ugwalment bejn il-kittieb u t-traduttur jew tradutturi rispettivament.

## MIFTUĦ IL-KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA 'DOREEN MICALLEF' 2024

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) qed jistieden lill-poeti li jiktbu bil-Malti biex jipparteċipaw fis-sitt edizzjoni tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija 'Doreen Micallef'. F'dawn l-aħħar snin il-Konkors intrebaħ minn poeti stabbiliti fosthom Therese Pace, Carmel Scicluna, il-Poeta Lawreata Nadia Mifsud, kif ukoll minn ilħna ġodda bħal Klara Vassallo. Il-konkors ikun aġġudikat minn grupp ta' aġġudikanti li jinħatar kull sena mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Il-ġurija tevalwa kull poeżija, b'mod anonimu, skont għadd ta' kriterji li jħarsu lejn l-awtentiċità, l-immaġinazzjoni, id-distintività fil-vuċi, u l-użu oriġinali tar-ritmu u l-figuri tat-taħdit. Ikunu ppremjati l-ewwel tliet postijiet: l-awturi tal-poeżija rebbieħa jirċievu premju ta' €1,000, u l-awturi taż-żewġ poeżiji ta' warajha jirċievu premju ta' €500 u €200 rispettivament. Ir-rebbieħa tal-konkors jitħabbru f'ċerimonja mtellgħa waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024 li dis-sena se jsir bejn is-6 u l-10 ta' Novembru. Il-parteċipanti huma mitluba jissottomettu poeżija oriġinali waħda biss li ma ġietx ippubblikata qabel xi mkien ieħor. Il-poeżija trid tkun bil-Malti u ma taqbiżx is-36 vers. Kull applikant mitlub jaqra bir-reqqa r-regolamenti tal-Konkors li jinsabu ppubblikati fuq is-sit tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Minn din l-edizzjoni, is-sottomissjonijiet tal-poeżiji, iffirmati biss bi psewdonimu, għandhom issiru esklussivament permezz tal-formola tal-applikazzjoni onlajn sad-data tal-għeluq tal-Konkors nhar it-Tnejn it-22 ta' Lulju 2024 f'nofsinhar.

## TMUT IL-KITTIEBA KANADIŻA ALICE MUNRO



Alice Munro (1931-2024)

Nhar it-13 ta' Mejju 2024 mietet f'Port Hope, Ontario, fil-Kanada, il-kittieba u rebbieħa tal-Premju Nobel għal-Letteratura (2013), Alice Munro. Hija kellha 92 sena. L-ewwel suċċess li kellha kien fl-1968, meta permezz tal-ġabra ta' stejjer qosra *Dance of The Happy Shades*, rebħet l-ogħla premju letterarju fil-Kanada, il-'Governor General's Award'. Munro ippubblikat 13-il ġabra ta' novelli, rumanz, bl-isem ta' *Lives of Girls and Women*, u żewġ volumi ta' *Selected Stories*. Munro twieldet fl-1931 f'Wingham, Ontario, u bosta mill-istejjer tagħha huma ambjentati hemmhekk u jirrakkontaw il-kultura u l-mod t'għajxien tan-nies taż-żona. L-aħħar ġabra ta' stejjer tagħha, *Dear Life*, kienet ippubblikata fl-2012, u kienet tinkludi anki rakkonti parzjalment awtobijografiċi.

**DARBTEJN INSIRU TFAL: LAQGĦA MA' TREVOR ŻAHRA**



Trevor Żahra waqt it-taħdita tiegħu

Fl-Oratorju tal-Immakulata Kunċizzjoni, il-Belt, il-Fondazzjoni tal-Knisja tal-Ġiżwiti, qed torganizza regolarment laqgħat, taħditiet letterarji u kunċerti ta' mużika klassika. Dan l-Oratorju, li huwa ġawhra tal-arti barokka, ġie restawrat professjonalment u llum jista' jitgawda fil-glorja kollha tiegħu. Alex Vella Gregory, id-direttur artistiku ta' dawn l-attivitajiet, qed jagħmel ħiltu kollha biex dan il-post ikun aċċessibbli għall-pubbliku inġenerali u bis-saħħa ta' dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu jinġabru donazzjonijiet bil-għan li l-post jibqa' jingħata l-manutenzjoni meħtieġa. Nhar it-23 ta' Mejju 2024, l-awtur Trevor Żahra kien mistieden biex jagħmel taħdita dwar il-karriera tiegħu, kemm fil-qasam tal-kitba kif ukoll dak tal-illustrazzjoni. Fit-taħdita, "Darbtejn Insiru Tfal", Żahra spjega kif it-tfulija tħalli marka kbira fuq il-bqija ta' ħajjitna, u li taf tkun bir bla qiegħ ta' ispirazzjoni għal kull artist. Spjega kif, sa qabel is-snin sebgħin, kien hemm baħħ kbir fil-qasam tal-letteratura bil-Malti għat-tfal. Dan il-vojt kien jimtela biss bis-sensiela *Ġabra ta' Ward* (li kienu kotba għall-iskejjel primarji); mir-rivista *Children's Own* u mill-programmi tat-tfal fuq ir-Rediffusion. L-uniku ktieb li nkiteb apposta għat-tfal qabel dan iż-żmien, kien *Ġoġò Rummiena* ta' Albert Cassola, ippubblikat fl-1954. It-taħdita ntemmet b'diversi interventi interessanti u mistoqsijiet mill-pubbliku preżenti.

**TAĦDITA DWAR L-ONOMATOPEA FIL-MALTI MINN LEANNE ELLUL**



Leanne Ellul waqt it-taħdita tagħha

Nhar it-23 ta' Mejju 2024, f'Dar il-Ħanin Samaritan, f'Santa Venera, l-Akkademja tal-Malti organizzat taħdita minn Leanne Ellul bl-isem ta' "Bejn Damdam u Barqam". L-onomatopea tirreferi għall-ħolqien ta' ħoss fil-lingwa li jimita ħoss fid-dinja. Hija fenomenu lingwistiku mħaddem ħafna fil-poeżija u fil-letteratura wkoll. Fil-każ tal-Malti, ħafna ħsejjes onomatopejċi huma kelmiet kwadrilitteri ta' suriet varji bħal 'barqam' u 'damdam'. Permezz tal-onomatopea f'lingwi differenti nimitaw il-ħsejjes tal-ambjent naturali bħal 'venven', il-ħsejjes tal-annimali bħal 'żanżan', il-ħsejjes li jagħmel il-bniedem b'ħalqu bħal 'laqlaq' u li jagħmel il-bniedem b'ġismu bħal 'tektek', fost tant ħsejjes oħrajn. Matul din it-taħdita Ellul tat ħarsa lejn id-definizzjonijiet ta' onomatopea, lejn eżempji ta' verbi u nomi kwadrilitteri fil-Malti flimkien ma' kliem onomatopejku ieħor li mhux ta' nisel Għarbi, u lejn l-onomatopea fil-poeżija. Iddiskutiet ukoll mistoqsijiet tip: L-onomatopea fenomenu universali? Il-ħsejjes fil-lingwa tassew jimitaw il-ħsejjes fid-dinja? U hemm ħsejjes fil-lingwa li huma eqreb lejn ħsejjes fid-dinja minn oħrajn? It-taħdita ta' Ellul żgur li wasslet lil dawk preżenti biex jibdew jaħsbu fi spettru ta' kliem li jirrappreżenta l-ħsejjes li nisimgħu ta' kuljum.

**FRANCESCO SABATINI JAGĦTI KOTBA TIEGĦU LILL-BIBLIJOTEKA TA' UNIVERSITÀ FI CHIETI**



Il-Prof. Francesco Sabatini

Francesco Sabatini, 92 sena, lingwista, filologu, lessikografu, u President onorarju tal-Accademia della Crusca, twieled f'Pescocostanzo (L'Aquila) fl-1931. Fix-xahar ta' Mejju 2024, huwa ddeċieda li jagħti għaxart elef ktieb minn tiegħu lill-Biblijoteka tal-Università D'Annunzio ta' Chieti-Pescara. Huma kollha kotba li huwa studja, annota u għex magħhom, u li minn issa 'l quddiem kulħadd jista' jara, kemm jekk ikun akkademiku, studjuż jew persuna komuni. Il-kollezzjoni jisimha "Francesca e Francesco Sabatini", b'tifkira tal-kumpanja tiegħu li magħha għex ħajtu kollha. Apparti l-eluf ta' volumi msemmijin, parti mill-kollezzjoni hija magħmula wkoll minn korrispondenza vasta li Sabatini kellu ma' studjużi internazzjonali oħrajn.

**TNEDIJA TA' KTIEB F'ĠIEĦ IL-PROF. JOSEPH BRINCAT**

Nhar l-24 ta' Mejju 2024, id-Dipartiment tal-Lingwi u tal-Istudji Umanistiċi fl-Edukazzjoni, tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, Università ta' Malta, f'kollaborazzjoni mal-Fakultà tal-Arti tal-istess Università organizzaw lejla li matulha tnieda l-ktieb *Malta and Italy. Language, Linguistics, Film and Literature. Writings in honour of Joseph M Brincat*, editjat mill-Prof. Sandro Caruana u pubblikazzjoni tal-Midsea Books. Is-sit magħżul kien l-Aula Magna, fil-Campus tal-Belt Valletta.

# Reazzjonijiet



Ittri

Ideat

**Email mingħand Louise Vella, l-1 ta' April 2024**

Bonġu Patrick,

Grazzi ta' edizzjoni oħra tal-PONT. Napprezza immens li ppubblikajt poeżija minn *Lethe*!

Nawguralek għall-ġejjieni sabiex tkompli tirregalalna edizzjonijiet mimlijin b'informazzjoni siewja dwar il-letteratura.

Saħħiet!
Louise

**Email mingħand Therese Vella, l-1 ta' April 2024**

Prosit u Grazzi Patrick!

Kulma għadni qrajt l-editorjal u laqtitni ħafna. L-editorjali tiegħek dejjem jogħġbuni u jagħmlu ħafna sens għax jitkellmu fuq fatti attwali. Naqbel ħafna mas-Sur Nazzareno Zerafa u dak li għedt int.

Nixtieq nemmen li l-qari għad jerġa' jiġi moda dalwaqt. Tama!!!

Tislijiet,
Therese

**Email mingħand Narcy Calamatta, l-1 ta' April 2024**

Niżżik ħajr sieħbi Patrick tal-kopja ta' IL-PONT. Nitlob għalik biex tisseddaq f'dil-ħidma siewja.

Qrajt fiha li kien hemm lejla fejn ġiet mgħarbla l-kitba ta' Ġwann Mamo *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*. Ġie msemmi li f'kull xena jissemma l-ikel Malti. Fakkruni fil-kitba tal-kommedjografu Eduardo de Filippo li f'kull kummiedja kien idaħħal il-kafè jew l-ikel. Dik għamla oħra kif tikteb l-istorja intima ta' ġens. Hekk għamlu pitturi kbar u poeti magħrufa. Għaliex m'għandhomx jesprimu ruħhom hekk ukoll il-kommedjografi?

Nixtieq inħajjar lil min hu studjuż ta' din il-kitba ta' Ġwann Mamo, biex jibdilha fi 'script' għal serje televiżiva. Jien lest li ngħin teknikament lil kull min jitħajjar jidħol għal dan ix-xogħol li aħna l-Maltin midjunin magħna infusna biex nagħmluh.

Sliem,
Narcy

**Email mingħand Mario Griscti, l-1 ta' April 2024**

Għażiż Patrick,

Irċevejt IL-PONT (April 2024). Ħajr u prosit tassew. Ġabra ta' letteratura u aħbarijiet lussu. Preżentazzjoni impekkabbli. Grazzi talli ddaħħalli xi kitbiet. Inkun nistennieh appena tasalli l-aħħar ħarġa. Iserraħni u jehdini tabilħaqq.

Grazzi u Sliem, ħabib.

B'Imħabba:
Mario

**Email mingħand Ġużè Cutayar, it-2 ta' April 2024**

Għażiż Patrick,

Grazzi ħafna, irċevejt IL-PONT bl-intervista. Jalla x-xhieda tiegħi tqanqal fina l-ħtieġa li tinbena l-Istorja tal-Emigranti li matul is-snin bnew ħajjithom fuq art barranija u żammu qawwija r-rabta ma' Malta. Kienet ix-xewqa ta' Oliver Friggieri: "Bis-saħħa ta' kitba ta' din ix-xeħta, tikber it-tama li mhux biss nitbiegħdu mill-verżjoni tal-istorja bħala d-djarju tal-ħakkiema iżda nersqu ħafna lejn id-dehra globali ta' poplu li mhuwiex biss il-ġemgħa li tgħammar fi spazju wieħed." (*Stħajjiltni...*)

Nifraħlek għax-xogħol li qiegħed twettaq f'ġieħ Ilsienna li għadna nwarrbu!!!

Sliem u Saħħa,
Ġużè (Franza)

**Email mingħand Nunziella Zahra Giglio, it-3 ta' April 2024**

Għażiż Sur Sammut,

Nittama li din l-ittra tiegħi ssibek f'saħħtek.

Il-magażin elettroniku tiegħek IL-PONT insibu verament interessanti u m'għandix dubju li llum sar imfittex ħafna. Fost ħwejjeġ oħra, fih tħobb iddewqilna xi kotba ġodda.

Nirringrazzjak bil-quddiem.

Tislijiet u s-saħħa dejjiema,
Nunziella.

**Email mingħand Lina Brockdorff, is-6 ta' April 2024**

Għażiż Patrick,

Prosit ta' ħarġa oħra ta' IL-PONT, kitba li żgur tinżel għasel ma' min jirċeviha. Fuq kollox nixtieq ngħidlek grazzi talli ġibt dik ir-riċensjoni dwar l-aħħar ktieb tiegħi. Naf kemm ikollok x'tagħmel u għalhekk aktar napprezza l-ħin li ddedikajt biex ktibt fuq *Ċoff Roża*.

Nittama li tinsabu lkoll tajbin u tislijiet mill-qalb,

Lina

**Email mingħand Joe Axiaq, il-11 ta' April 2024**

Għażiż Patrick,

Grazzi tal-aħħar edizzjoni ta' IL-PONT. Naqraha ftit ftit b'reqqa u b'apprezzament. Kont inħobb il-ġurnali Maltin għax kien ikun fihom ħafna informazzjoni, aħbarijiet u paġni letterarji. Dan illum kważi spiċċa, u int qed timla vojt imprezzabbli. Anki r-rivisti letterarju kważi għosfru. Qed nibgħatlek din il-poeżija biex jekk trid tippubblikaha.

Tislijiet u grazzi tax-xogħol li qed tagħmel.
Joe (L-Awstralja)

**Email mingħand Rita Gatt, is-19 ta' April 2024**

Għażiż Patrick,

Grazzi ferm tar-rivista. Ngħidlek il-verità, skirt naqraha u mank indunajt li għaddew iktar minn sagħtejn waqt li minn artiklu għal ieħor bqajt imsammra mas-siġġu, inqalleb paġna wara paġna. Ma' xi wħud mill-ħsibijiet bdejt nirrelata u nifhem sew l-emozzjonijiet li riedu jwasslulna l-kittieba/poeti.

Kull darba nkun se nieqaf imma nkompli naqra u nitpaxxa bil-kitbiet, bil-poeżiji, bl-intervisti varji li bihom hija mogħnija din ir-rivista.

Fiha rkejjen mimlija nostalġija, tqanqiliet ta' memorji u episodji li nħossni nitwaħħad magħhom. Fiha tagħlim sabiħ u imprezzabbli. Il-kitbiet u l-poeżiji bil-Malti lili jsaħħruni u dawk b'lingwi barranin jinteressawni ħafna.

Ħajr tal-impenn kbir li tiddedika għalina lkoll, għax nista' nifhem kemm ħin, kuntatti u riċerki tieħu rivista serja bħal din.

Saħħa u s-sliem,
Rita






## *IL-ĦSAD TAL-PEPRIN: POEŻIJI GĦAL GAŻA*, Horizons, 2024

**Ed. David Aloisio u John P. Portelli**

Din hija ġabra poetika li fiha nsibu x-xogħlijiet ta' 40 poeta differenti li l-età tagħhom tvarja minn 21 sa 81 sena. Fi kliem l-Edituri, "Dil-antoloġija nibtet bħala rispons għall-ħruxija li rajna u, b'xorti ħażina, għadna naraw fil-Palestina. Għax il-letteratura, l-etika u l-ideoloġija huma magħġuna flimkien, m'hemmx letteratura li hi newtrali; il-letteratura fiha nnifisha hija att politiku favur jew kontra xi ħaġa, anke jekk dik il-ħaġa tkun il-qamar! Il-poeti rrappreżentati hawn jesprimu fehmiet u ħsus varjati: hawn rabja lejn l-inġustizzji li qed isiru; hawn satira lejn il-politikanti li mhumiex jagħmlu biżżejjed biex titwaqqaf dit-tbatija bla bżonn; hawn emozzjonijiet ta' simpatija lejn il-poplu Palestinjan; hawn ukoll it-tama li din it-traġedja tieqaf. Il-poeżiji jħaddnu wkoll stili u suriet differenti... f'dil-ġabra ppruvajna nkunu inklużivi kemm jista' jkun fl-għażliet." Fil-ġabra hemm inklużi żewġ poeżiji tal-poeta kontemporanju Palestinjan Ahmed Midqad - 'Dear Death' u 'Hymns of Peace' - li jikteb mill-esperjenzi ħarxa li hu u l-familjari tiegħu qed iġarrbu bħalissa.

*Il-Ħsad tal-Peprin* għandu kumment tad-Direttur tal-Kultura, Alexander Farrugia, intitolat "Impenn Favur l-Umanità". Hu jikteb fejn, "Il-poeti f'din il-ġabra ma baqgħux passivi. Ħassew l-uġigħ li għandha tħoss l-umanità u esprimewh. U fejn naqashom il-kliem, għax il-kobor tat-traġedja jittraxxendi l-kliem komuni, irrikorrew għall-metafora... Dawn il-poeżiji huma wkoll turija ta' solidarjetà, u dikjarazzjoni politika favur it-trijonf tal-valuri umani fuq il-mewt u l-inġiniera u l-inġinerija tagħha."

Il-ktieb jista' jinxtara online mingħand Horizons għall-prezz ta' 12-il Ewro. Il-flus mill-bejgħ tal-kotba se jingħataw kollha lill-Medical Aid for Palestinians.



# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT F'INTERVISTA MA' JOHN BONELLO, L-AWTUR LI JIMRAĦ FIL-LETTERATURA FANTAXJENTIFIKA



**Liema huma dawk l-awturi, kotba jew films li setgħu b'xi mod influwenzawk fil-kitba ta' *Il-Logħba tal-Allat* u *Unus Mundus*?**

*Il-Logħba tal-Allat* influwenzata ħafna minn *The Wheel of Time*, serje ta' kotba ta' Robert Jordan, minn *Lord of the Rings* ta' J. R. R. Tolkein, u minn *His Dark Materials* ta' Philip Pullman.

*Unus Mundus* hija daqsxejn diffiċli biex insib eżatt x'ispirani għax il-mod kif żviluppat l-idea kien pjuttost stramb. Infatti l-idea nibtet waqt vjaġġ minn Ħad-Dingli sal-Belt fuq karozza tal-linja mill-antiki. Ġara li kif ix-xufier startja l-magna, bdiet tinbena storja ġewwa moħħi. Kien effett stramb, qawwi, traxxendentali. Il-passiġġieri telgħin u neżlin mill-karozza bejn stejġ u ieħor saru parti min-nisġa tal-istorja. Naħseb li f'dan il-każ, l-ispirazzjoni ewlenija kienu esperjenzi tiegħi personali mħalltin ma' diversi kotba ta' psewdoxjenza u psewdostorja li kont qrajt meta kont iżgħar, bħal kotba ta' Erich von Däniken, kif ukoll kotba bħal *The Hiram Key* u oħrajn dwar *conspiracies* u għaqdiet sigrieti.

***Interessanti ferm, anzi sorpriża, li fit-tielet parti ta' Il-Mergħat tal-Impossibbli* (l-ewwel volum minn tnejn ta' *Unus Mundus*) tissemma pandemija li tista' tolqot lid-dinja kollha, pandemija li tista' tiġi pprevenuta minn tilqima, li fl-aħħar mill-aħħar tista' tkun tilqima li tkun hi l-kaġun tat-tixrid ta' pandemija qattiela. Dan seħħ verament fl-2020 – bil-*conspiracy teories* li ġabet magħha -, imma dan il-ktieb ħareġ fl-2013, mela seba' snin qabel dan kollu seħħ. Dan ifakkar fil-fatt li l-ġeneru tas-*science fiction* spiss ħabbar ħwejjeġ li seħħew verament fil-futur. Xi tgħid dwar dan?**

Din is-*synchronicity* tiġri spiss għax il-fatt huwa li stejjer bħal din tal-pandemija li tissemma fil-ktieb tiegħi huma bbażati fuq *outcomes* li jistgħu jkunu possibbli. L-awtur jitlaq minn mistoqsija: min jaf kieku jiġri hekk? U biex twieġeb dik il-mistoqsija tuża l-immaġinazzjoni f'sitwazzjoni reali. L-ewwel darba li ltqajt ma' każ simili kien fl-2001, meta seħħ l-attakk ta' 9/11. L-awtur Tom Clancy kien ħareġ ktieb jismu *Debt of Honor* fin-1994 li fih kien iddeskriva sitwazzjoni simili ħafna għal dak li ġara, u meta rajt l-attakki fuq it-Twin Towers, l-ewwel ħaġa li ġietni f'moħħi kien propju dak il-




ktieb li kont qrajt snin qabel.

**F'*Unus Mundus* jitħaddmu ilsna differenti: il-Malti bħala dak ewlieni, imma anki l-Ingliż, it-Taljan u anki l-Franċiż. Għaliex dan?**

Għalija li kont inpitter, l-użu tal-kelma nħossu daqslikieku qed ipoġġi l-ilwien fuq it-tila. B'hekk l-użu t'ilsna differenti f'din id-duoloġija tista' tqisu bħal sfumaturi ta' lwien differenti. Allura meta f'parti mill-istorja, il-protagonist isib ruħu l-Ingilterra, hemm siltiet bl-Ingliż. Meta jiltaqa' ma' karatttru Franċiż, dan jitfa' xi frażijiet b'ilsien pajjiżu u b'hekk il-karattru joħroġ ftit aktar ġenwin.

***Unus Mundus* huma żewġ volumi b'saff filosofiku u profond iktar milli jidher. Għalhekk tiegħek huma rumanzi li jistgħu jitgawdew kemm minn min irid qarja li sserrħu, kif ukoll minn min irid ifittex dwaru nnifsu, il-ħajja u l-bniedem iktar fil-fond. Hemm pereżempju l-idea tal-vjaġġ ta' skoperta li Dante għamel mal-gwida tiegħu Virġilju fid-dinja ta' lil hinn. Kemm hu veru dan?**

Iva, din id-duoloġija kienet vjaġġ ta' skoperta għalija bħala kittieb, imma wkoll bħala persuna. Kif għidt qabel, il-mod kif żviluppat l-idea kien pjuttost uniku, fejn salt elementi u esperjenzi tiegħi personali mħalltin ma' kotba li qrajt qishom ġew f'daqqa f'mument wieħed. Nistqarr li kien xogħol diffiċli ħafna biex niktbu. Domt sitt snin b'kollox naħdem fuq din id-duoloġija u kien hemm mumenti meta bdejt inħoss pressjoni kbira fuqi, propju għax ridt nesprimi l-ħsibijiet tiegħi bl-aħjar mod.

**Minkejja li hu xogħol tal-ġeneru tas-*science fiction*, f'*Unus Mundus* tispikka t-tema ambjentalista. Kemm temmen li l-kittieba għandhom ikunu fuq quddiem biex jiftħu għajnejn il-poplu dwar din il-problema tal-bidla klimatika?**

Wieħed mill-aqwa edukaturi li kelli x-xorti nitgħallem taħtu, Tony Demicoli, darba qalli li l-ambjent għad ikun dik il-ħaġa li tgħaqqad il-ġnus kollha flimkien biex nippruvaw insalvaw id-dinja. Baqgħet dejjem f'moħħi u naf li kellu raġun. Huwa dmir ta' kulħadd li temi ambjentali jingħataw prijorità, għax finalment kollha fl-istess dinja qed ngħixu. Il-problema tal-bidla klimatika fl-istorja tiegħi użajtha bħala *plot device*, peró naf li nibtet mis-subkonxju, għax hija xi ħaġa li naħseb fuqha ta' spiss. Qegħdin ilkoll f'dgħajsa waħda, u int min int, kittieb, attur, bennej, skrivan, il-bidla fil-klima se tolqtok l-istess, jiġifieri nħoss li kulħadd għandu d-dmir jagħti sehmu.

**Żgur li wara storja bħal *Unus Mundus* hemm il-qari ta' min jaf kemm-il ktieb u riċerka kbira. Kemm hu importanti li wieħed jaqra ħafna qabel ma jibda jikteb?**

Ir-riċerka għal *Unus Mundus* kienet kbira. Mingħajr riċerka, u mingħajr firxa kbira ta' qari, mhux possibbli li awtur jirnexxilu jikteb xogħol ta' kwalità. Aktar ma taqra, aktar tibda tinduna x'jaħdem u x'ma jaħdimx, x'teknika tista' tuża biex twassal ċerti ħsibijiet, x'għandek tevita. Il-qari għal kittieb qisu l-eżeċizzju fiżiku għal atleta – trid taqra kemm tiflaħ biex tipprepara ruħek sew. Ir-riċerka mbagħad hija tip differenti ta' qari. Kull storja għandha bżonn ir-riċerka tagħha, iffukata fuq is-suġġett speċifiku ta' dak li qed tikteb. Din jaf tieħu xhur twal.

**It-tmiem ta' *Unus Mundus* kien f'moħħok sa mill-bidu nett? Kemm hija importanti għalik in-nisġa ta' rakkont?**

Kif semmejt, il-plott ġenerali ta' *Unus Mundus* inzerta li ġieni kollu f'salt. Dan ma jfissirx li kont naf l-istorja kif se tiżvolġi pass pass, iżda kelli idea ċara tad-direzzjoni li xtaqt nieħu. Għalhekk, it-tmiem kienet xi ħaġa li ridt nasal għaliha. Hemm ċerti kotba oħra (bħal pereżempju *Il-Logħba tal-Allat*) li bdejt propju mit-tmiem, u fassalt l-istorja fuq mistoqsija: x'ġara biex l-istorja ntemmet b'dak il-mod? Kull ktieb huwa storja għalih, u jkollok tadatta t-teknika ta' kif tibnieh skont iċ-ċirkustanzi.

**Naf li inti ppruvajt ukoll it-triq tat-traduzzjoni meta qlibt mit-Taljan għall-Malti r-rumanz *Io sono Zero* ta' Luigi Ballerini (2015) f'xogħol jismu *Zero* (2019, Merlin). Kif tiddeskriviha l-esperjenza tat-traduzzjoni f'dan il-każ? Liema kienu l-ikbar sfidi li ltqajt magħhom?**

*Żero* huwa l-ewwel ktieb li qlibt minn lsien barrani għall-Malti. Chris Gruppetta, minn Merlin Publishers, offrieli din l-isfida wara li fl-2015 kont ħadt sehem fil-workshops ta' traduzzjoni organizzati minn Inizjamed. L-ewwel draft ħdimt fuqu bejn Settembru u Diċembru 2016. Kien proċess itqal u itwal milli ħsibt li se jkun. L-ikbar sfida kienet dik li nżomm l-awtentiċità tal-leħen tal-awtur oriġinali, Luigi Ballerini. Xtaqt li l-qarrejja Maltin ikollhom l-istess esperjenza letterarja ta' dak li ried joffri l-awtur Taljan. L-istil tiegħu, bl-użu tal-ewwel persuna fl-imperfett, ma kienx wieħed ħafif biex taqilbu għall-Malti. Aħna mdorrijin aktar naqraw stejjer miktubin fil-perfett. Wara li lestejt l-ewwel draft, komplejt norqom il-manuskritt għal żmien twil, bl-għajnuna




ta' Chris Gruppetta li bħal dejjem tani bosta pariri biex ix-xogħol aħħari jkun kemm jista' jkun perfett.

**Inti ktibt ukoll ir-rumanz *It-Taàr* (Pubblikazzjoni Serafin Books). Kif ivarja dan mill-kotba msemmijin hawn fuq?**

*It-Taàr* huwa ktieb esperimentali ħafna li ppubblikajtu jien stess taħt Serafin Books, id-dar tal-pubblikazzjoni tiegħi. Kien proġett li fih esperimentajt kemm flaħt: fit-teknika tal-kitba, fejn addottajt stil minimalist li jvarja mal-andament u r-ritmu tal-ġrajja, fil-kuntrasti bejn il-karattri u bejn l-ambjent li nafu u dak li ħloqt jien. Kien ukoll esperiment bil-lingwa – *It-Taàr* ippubblikajtu kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż biex nara x'rispons ikolli mill-qarrejja Maltin. Ir-riżultat kien li l-Maltin xtraw aktar kopji bil-Malti. *It-Taàr* huwa l-ewwel ktieb fis-serje Distopja. Il-ġrajja ambjentata fil-futur, sebgħin sena wara gwerra nukleari globali li teqred il-biċċa l-kbira tal-ħajja fuq il-pjaneta tagħna. Jirrakkonta l-ġrajjiet li jgħaddu minnhom żewġ komunitajiet ta' sopravissuti, il-komunita tat-Taàr u dik tal-Baruni. Dawn jgħixu f'partijiet differenti ta' gżira kbira, li fiċ-ċentru tagħha hemm binja enormi, torri għoli aktar mis-sħab.

**Nota tal-editur:** Ta' min ifakkar li bħalissa John Bonello għaddej bit-traduzzjoni għall-Malti tal-ewwel volum tat-triloġija fantaxjentifika *The Three Body Problem* tal-awtur Ċiniż Liu Cixin, li se jkun ippubblikat aktar tard din is-sena minn Faraxa Publishing.

**George Zammit twieled f'Ħal Qormi fis-17 ta' Marzu 1908 u miet fil-21 ta' Lulju 1990. F'Lulju 2024 jagħlaq 34 sena mejjet.**

## L-GĦOLJIET GĦAWDXIN

L-għoljiet Għawdxin, l-għoljiet Għawdxin,
b'ilwien is-seħer miksijin!

Siekta jsaltnu fuq is-skiet
qishom għanja tas-smewwiet.

Qishom ħolma ta' serħan
min-Naffara sal-Ġurdan.

Mislutin 'il fuq 'il fuq
minn ta' Dbieġi sal-Mirżuq.

Bħal presepju miġburin
biex iqimu lill-Bambin.

X'inhuma l-fama l-qawwa l-flus
ħdejn ġmiel Għar Ilma, jew Gelmus?

Ħarsuni, dejjem imbissmin
għoljiet Għawdxin, għoljiet Għawdxin;

u xejn, tad-dinja mill-frugħat
ma jwarrabni mill-witat

li intom tħarsu, qiskom swar
minn Ta' Ċenċ sa Ta' Għammar.

Mhux ta' xejn, għoljiet Għawdxin,
mgħaxxqa tħarsu lejn xulxin;

għoljiet kbar u għoljiet żgħar
tgħassu dejjem, lejl u nhar.

Ħalli tħarsu, f'din il-Gżira
l-isbaħ ġawhra tat-tifkira,

wirt ta' mħabba u ta' twemmin,
għoljiet Għawdxin, għoljiet Għawdxin!

**GEORGE ZAMMIT**
(Minn *Poeżiji*, KKM, 1980)



# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT JINTERVISTA LIL VINCENT CARUANA GAUCI DWAR IL-KTIEB *ĠRAJJIETNA. SOĊJETÀ FILARMONICA MARIA MATER GRATIÆ*, 2023

**Meta u kif twieled proġett bħal dan? Kemm hemm sigħat investiti fih, u liema huma l-pedamenti ewlenin li huwa msejjes fuqhom?**

Il-proġett beda fl-aħħar ta' Settembru tal-2018 u beda minn kurżità personali flimkien ma' dik ta' ħafna membri oħra tas-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ biex insiru nafu aktar dwar l-istorja ta' din l-Għaqda, speċjalment dwar il-bidu tagħha. Kien hemm ħafna mistoqsijiet, għidut jew inkella tradizzjonijiet li dejjem smajna dwarhom, min iżid, min inaqqas, min jelabora u min jivvinta, li kienu għadhom mhux ippruvati storikament, jew inkella ma kinux sostnuti biżżejjed minn kitbiet jew riċerka storika serja. Għalhekk ittieħdet id-deċiżjoni li tibda tinġabar l-istorja ta' dis-Soċjetà. F'dal-punt mhux biex isir xi ktieb, bħalma eventwalment sar, iżda biex tinqata' l-kurżità u jsir magħruf dak li hu sew. Fil-fatt l-ewwel kitbiet tiegħi marbuta mal-istorja ta' dis-Soċjetà f'diversi pubblikazzjonijiet kienu ħafna iktar intiżi fuq il-bidu ta' dil-banda u l-protagonisti tagħha, milli aspetti oħra tal-istorja.

Fil-bidu ta' dal-proġett bdew jinġabru d-dokumenti kollha li għandha dis-Soċjetà f'post wieħed. L-arkivju mużikali tas-Soċjetà kien ilu jeżisti u miżmum pupilla s-snin, però d-dokumenti kienu pjuttost sparpaljati. Għaldaqstant l-ewwel eżerċizzju li sar kien li nġabru d-dokumenti kollha eżistenti u dawn ġew katalogati f'librerija waħda. Dan wassal biex sa Mejju tal-2019 il-każin żanżan l-arkivju dokumentali tiegħu. L-ikbar akkwist minn dan l-eżerċizzju kien li nġabret il-



korrispondenza kollha li kien hemm merfugħa fil-każin. Dawn l-ittri, b'uħud minnhom imorru lura għal aktar minn mitt sena, taw sors ieħor ġdid tal-istorja li qatt ma ġie mittiefes qabel fil-kitbiet tas-Soċjetà. Dan għaliex il-kitbiet

storiċi ta' qabel dejjem saru b'referenzi mill-minuti tas-Soċjetà jew inkella mir-rendikonti tal-kaxxier. Issa magħhom żdiedu wkoll il-volumi tal-korrispondenza li taw żvolta ġdida lill-istejjer, b'uħud minnhom lanqas biss kienu jissemmew fil-minuti tal-kumitati tas-Soċjetà.

Però, dan ukoll ma kienx biżżejjed. Dan għall-fatt li d-dokumenti tas-Soċjetà, għalkemm issa kienu miġburin, xorta ma kinux ikopru b'mod adegwat il-perjodi kollha ta' kemm ilha mwaqqfa s-Soċjetà. Għaldaqstant ittieħdet id-deċiżjoni li jsir tiftix għal kitbiet dwar dis-Soċjetà f'diversi arkivji pubbliċi. It-tiftix beda fl-arkivju tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar u mbagħad kompla fl-Arkivji Nazzjonali tar-Rabat, il-Bibljoteka Nazzjonali u l-Melitensia tal-Univeristà ta' Malta, l-Arkivji tal-Kurja, dawk Notarili, fl-arkivji tal-Qorti, tal-Pulizija kif ukoll fl-arkivji diġitali tal-Ammiraljat Ingliż. Mhux kullimkien instabu kitbiet fuq is-Soċjetà, però mill-frammenti li nstabu u mid-drabi li dis-Soċjetà issemmiet fil-gazzetti Maltin, ħarġu biżżejjed dettalji dwar l-istorja tas-Soċjetà, speċjalment f'dawk l-ewwel snin tal-bidu tagħha jew inkella fejn kien hemm nieqes minn dokumenti oħra interni. Sadattant, l-arkivju dokumentali tas-Soċjetà kien qed jiġi moqri biċċa biċċa u maqlub f'dokumenti diġitali li kienu ser jiffaċilitaw ħafna x-xogħol ta' kwalunkwe riċerka jew kitba dwar dis-Soċjetà. Dax-xogħol ħa spinta kbira waqt il-perjodu tal-panedija COVID-19, fejn minħabba l-lockdown, ġiet opportunità ġdida ta' ħafna sigħat biex fihom navvanza fil-qari tad-dokumenti kollha. B'hekk għall-aħħar nofs tal-2021, il-minuti, ir-rendikonti u l-korrispondenzi tas-Soċjetà kienu nqraw kollha u katalogati f'dokumenti diġitali.

Minn hemm, il-pass li kien imiss kien li jinkiteb ktieb dwar dak kollu li sibna u dak kollu li sirna nafu. Nikkalkula li dal-proġett ħadli qrib it-3,000 siegħa xogħol, b'magħhom jiżdiedu madwar 500 siegħa oħra minn persuni li għenuni matul it-triq, sakemm fl-aħħar inkiteb il-ktieb *Ġrajjietna* – mibni fuq id-dokumenti storiċi kollha li sibna dwar dil-banda ta' Ħaż-Żabbar.

**Kemm kiber dan il-proġett mill-waqt meta ħsibt għall-ewwel darba fih u bdejtu, sakemm wasal fi tmiemu?**

Sa mill-bidu tal-proġett, ix-xogħol li dħalna għalih, qatt ma kien xi wieħed li kellu jitlesta f'ħakka t'għajn. Però, bħal kull ħaġa oħra li tkun tridha tiġik sew, ir-riċerka dwar l-istorja tas-Soċjetà ħadet diversi toroq li fil-bidu lanqas biss tkun ikkunsidrajthom. Iktar ma bdejt naqra fil-minuti u l-ittri tas-Soċjetà, iktar bdejt nistaqsi mistoqsijiet u iktar bdejt nitħeġġeġ biex infittex f'sorsi oħra dwar dak li nkun qrajt f'xi nota qasira tal-minuti. L-iktar li ħassejt dil-ħtieġa kienet meta bdew jissemmew avvenimenti Żabbarin jew inkella nazzjonali u li dis-Soċjetà misset magħhom. Bdejt nagħmel minn kollox biex l-episodji tal-każin inwaħħadhom iżjed ma' dawk lokali u nagħti stampa iktar wiesgħa lill-istorja. Rajt li kien ikun eżerċizzju pjuttost fqir kieku ppruvajt niżola l-istejjer tas-Soċjetà minn dawk li ġraw madwarha, qisha dis-Soċjetà kienet f'xi laguna għaliha, meta fir-realtà l-istorja tas-Soċjetà kienet bla dubju mgħaġna ma' dik ta' Ħaż-Żabbar u ta' Malta inġenerali. Għalhekk fil-kitba, speċjalment f'kapitli li jitkellmu dwar perjodi storiċi partikolari, tajt sfond adegwat għal dak li kien għaddej madwar dil-banda u allura stajt ukoll nagħti spjegazzjonijiet għal ċertu aġir tal-kumitati fid-deċiżjonijiet tagħhom.

**Mill-ewwel wieħed jinduna li għalkemm *Ġrajjietna* jintrabat mas-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ ta' Ħaż-Żabbar, dan hu ktieb li jitbiegħed mis-superfiċjalità u jibbaża fuq riċerka serja. Kemm hu veru dan, u x'jagħmlu ktieb ta' riċerka?**

Fl-aħħar ta' kull kapitlu ta' *Ġrajjietna* jinstabu r-referenzi marbuta mal-kitba. Dawn flimkien jammontaw għal iżjed minn 900 referenza, bejn dokumenti interni tas-Soċjetà stess, kif ukoll ta' oħrajn mill-arkivji li semmejna. M'hemm l-ebda fatt storiku f'dal-ktieb li ma ġiex sostnut minn referenzi adegwati. Fejn kien hemm in-nuqqas tagħhom, kien importanti li jitniżżel li dak miktub huwa għidut, tradizzjoni jew inkella l-opinjoni tiegħi stess. B'hekk *Ġrajjietna* jieħu l-istil ta' ktieb tal-istorja, b'dak kollu neċessarju biex dal-ktieb jidħol komdu f'dil-kategorija. Kien grazzi għax-xogħol metikoluż tal-editur tal-ktieb, l-istoriku Dr Alexander Cutajar, li wasalna għal dal-prodott. Dr Cutajar ta l-gwida u l-pariri tiegħu, bħala persuna intiża fl-istorja u l-kitba tagħha, però mhux midħla tal-każini tal-banda, biex b'hekk il-ktieb, għalkemm miktub minni, partitarju u persuna involuta direttament fil-każin, ma jkunx ktieb fanatiku, partiġġjan jew inkella joffri biss kitba mimlija verniċ u lostru u jaħbi l-elementi umani tal-istorja tas-Soċjetà.

**Matul il-qari ta' *Ġrajjietna* jinħass li dan mhux biss ktieb ta' storja, imma jinkludi elementi oħrajn bħall-mużika, it-teatru, is-soċjoloġija, u iktar. Xi tgħid dwar dan?**

*Ġrajjietna* huwa rakkont ta' Soċjetà ħajja f'raħal sempliċi f'Malta. In-nies li ffrekwentaw dal-post matul iż-żmien ġabu magħhom id-delizzji, l-opinjonijiet u t-talenti tagħhom. Għalhekk dis-Soċjetà ħadet l-interessi tagħha minn dawk li ffrekwentawha u allura mexxewha skont il-gosti tagħhom. Żgur li t-teatrin fis-Soċjetà nibet mill-interess ta' niesha. Dan wassal biex eventwalment inbena t-Teatru Blue Arena fl-istess każin, liema teatru mbagħad, iddefinixxa l-operat tas-Soċjetà anke sal-preżent. Naturalment ma nistgħux ninsew li dis-Soċjetà twaqqfet biex imliet vojt li kien hawn f'Ħaż-Żabbar – it-tagħlim tal-mużika fil-lokalità u mbagħad is-sehem tal-mużiċisti fil-festa titulari tar-raħal, iċ-ċelebrazzjoni ewlenija fil-ħajja tal-irħula tradizzjonali Maltin. Għalhekk *Ġrajjietna* bilfors kellu jirrakkonta storja mużikali li nibtet mat-twaqqif tal-banda u li żviluppat u kibret mal-istess Soċjetà.

L-element uman jinħass dejjem f'kull diskussjoni, battibekk, deċiżjoni u avveniment li saru f'dal-każin. Ma qgħadtx lura milli nsemmi persuni b'isimhom meta dawn dehru fid-diskussjonijiet, fid-diffikultajiet u fl-avvenimenti tas-Soċjetà. Għalhekk il-ktieb dejjem qed jirrakkonta dwar in-nies, anke f'kull tentufa li saret minn dal-każin. L-editur għalhekk fid-daħla tiegħu jgħid li dax-xogħol iservi tajjeb għall-istudjużi tas-soċjoloġija għaliex "jistgħu jestrapolaw dan it-tagħrif biex jgħaqqdu stampa tal-ħajja fil-każini Maltin fl-imgħoddi u ż-żmien reċenti bil-għan li jifhmu aħjar kif dawn jiffunzjonaw."

**Dan hu volum li jirrakkonta s-sehem ta' bosta individwi li jiffurmaw parti mill-istorja ta' Ħaż-Żabbar, ħafna minnhom m'għadhomx magħna. Mela hu studju dettaljat tar-relazzjoni bejn l-individwu u l-komunità. Kemm hu minnu dan, u kemm hu importanti li relazzjoni bħal din tiġi mfakkra u ddokumentata bil-miktub?**




Matul il-kitba ta' dal-ktieb, ippruvajt kemm nista' nfakkar in-nies li għexu u li ħadmu f'dis-Soċjetà, speċjalment dawk li ħallew marka fuq id-direzzjoni u l-operat tagħha. Fost dawn il-persuni kien hemm minnhom li kienu diġà magħrufa ħafna, bħal Presidenti jew Surmastrijiet kbar, però mbagħad kien hemm persuni oħra li bil-modi tagħhom ħadmu u stinkaw biex dis-Soċjetà waslet fejn tinsab illum. Dawn l-individwi kollha ħaqqhom sehem f'din l-istorja. Il-ħasra hi li persuni ħabrieka li forsi matul iż-żmien ma kinux parti minn xi kumitat, jew li ma nkiteb xejn dwarhom, dawn illum intesew maż-żmien u allura ma stajt qatt nilħaqhom f'kitbieti. Lill-oħrajn li stajt nikteb dwarhom, issa ħallejthom bħala parti mill-memorja ta' dis-Soċjetà, Soċjetà li għalkemm fiżikament ma teżistix, in-nies li ħadmu fiha sawruha u għaġnuha b'għemilhom f'parti integrali mill-komunità Żabbarija u fl-aħħar mill-aħħar parti mill-wirt u l-kultura Maltija.

**Laqtuni ħafna l-partijiet fejn tinkludi l-kronoloġiji, il-profili ta' personalitajiet differenti, imma anki l-ħafna ritratti ta' personaġġi, avvenimenti u anki dokumenti varji. Minn fejn ksibtu materjal bħal dan, u għaliex hu importanti f'pubblikazzjoni bħal din?**

Apparti s-sbatax-il kapitlu li jinkludi dal-ktieb, ġie deċiż li f'diversi postijiet indaħħal kronoloġija biex iżżid u telabora iżjed mal-kapitlu ta' qabilha. F'dawn il-kronoloġiji ħallejt l-informazzjoni prattikament kif sibtha, ġieli anke bil-lingwa oriġinali misjuba, bħat-Taljan u l-Ingliż fil-każ tal-gazzetti. Din l-informazzjoni, għalkemm importanti għar-rakkont globali, ħalliet lill-kapitli liberi mingħajr ma jkunu mimlija informazzjoni li ttaqqal in-narrattiva u għalhekk toqtol il-mixja tal-kitba.

Mal-kitba tal-kapitli u anke ta' dawn il-kronoloġiji, irnexxieli nsib ammont sabiħ ta' ritratti li jkomplu jgħinu lill-qarrej. F'dal-ktieb hemm inklużi iktar minn 375 ritratt, dejjem b'relevanza għall-kapitlu u dak li jkun hemm miktub fih. Dawn jgħinu lill-qarrej jimmaġina aħjar l-istorja kif saret u anke waħedhom jagħtu idea ċara taż-żmien u l-okkażjoni maqbuda fir-ritratt. Il-maġġoranza ta' dawn ir-ritratti huma parti mill-arkivji tas-Soċjetà, ħafna minnhom miġbura minn persuni qabli li interessathom l-istorja tas-Soċjetà u anke fittxew dwarha. Ritratti oħrajn irnexxielna nsibuhom għand diversi persuni li resqu lejn is-Soċjetà meta semgħu b'dal-proġett li kien għaddej u oħrajn instabu f'kollezzjonijiet f'uħud mill-arkivji pubbliċi li semmejna. Fost ir-ritratti li ntużaw, mill-Arkivji Nazzjonali tar-Rabat irnexxilna nsibu l-firem tal-ewwel żewġ presidenti tas-Soċjetà, liema firem tagħhom ma nstabu mkien fuq dokumenti tas-Soċjetà u kellna nsibuhom f'petizzjonijiet antiki lill-Gvernatur ta' Malta. B'dil-kisba allura rnexxielna ngħaqqdu l-firem tal-presidenti kollha tas-Soċjetà, xi ħaġa frivola fiha nnifisha, però sabiħa fl-istess ħin tant li daħħalthom taħt ir-ritratti ta' kull President f'kapitlu sbatax, il-kapitlu tal-profili.

**Riċerkatur tajjeb hu dak li jirnexxilu jorbot flimkien l-istorja ċ-"ċkejkna" ma' dik "ikbar" u nazzjonali u jirrakkuntaha permezz ta' stil mexxej u nieqes mill-pedantiku. Inħoss li dan inti rnexxielek tagħmlu fi *Ġrajjietna*. Xi tgħid dwar dan?**

Infaħħru kemm infaħħru u ngħollu kemm ngħollu lill-każin tal-banda għall-istorja glorjuża u pompuża tiegħu, xorta jibqa' l-fatt li din l-għaqda hija waħda ċkejkna u sempliċi meta mqabbla ma' raħal sħiħ jew saħansitra l-pajjiż... aħseb u ara jekk neħduha fil-kuntest ta' xi storja globali, bħal xi gwerra kbira jew pandemija. Allura jkun daħq fil-wiċċ jekk ir-rakkonti ta' din is-sempliċi banda jiġu offruti lill-qarrej bħala punti iżolati maqtugħa mir-realtà ħafna ikbar ta' dak li jkun għaddej madwar il-pajjiż fl-istess żmien. Anzi, normalment l-istorja tal-każin isseħħ sforz il-kurrenti ħafna ikbar ta' madwarha. Fi *Ġrajjietna* ppruvajt ngħin lill-qarrej jifhem fiex daħlet dis-Soċjetà meta f'mumenti partikolari f'Malta jew inkella f'Ħaż-Żabbar kienu għaddejjin avvenimenti straordinarji u allura ridt nuri kif dis-Soċjetà rnexxielha tirreaġixxi għal dak li hu ikbar minnha. Meta l-ġrajja nazzjonali kienet ħafna akbar u ta' importanza minn dik tas-Soċjetà, bħal fil-każ taż-żewġ gwerer dinjija jew inkella l-avvenimenti tas-Sette Giugno jew l-għoti tas-Self Government lil Malta, ħassejt li l-ewwel għandi nispjega lilhom qabel ma mbagħad inżeffen lil dis-soċjetà mużikali li bil-mod sempliċi tagħha, ħadet sehem fihom. B'hekk l-istorja ż-żgħira tas-Soċjetà saret tagħmel iżjed sens fid-dawl tal-istorja ikbar nazzjonali.

**Ċert li min jaqra dan il-volum se jsir jaf aħjar mhux biss l-istorja tas-Soċjetà Filarmonika ttrattata, imma anki ta' Ħaż-Żabbar u saħansitra ta' Malta. Taqbel? U dan bħal ikompli jwessa' n-numru ta' qarrejja li jistgħu jinteressaw ruħhom fi studju bħal dan. Kemm hu minnu dan?**

Huwa Ħaż-Żabbar u ż-Żabbarin li waqqfu u sawru din is-Soċjetà. Eventwalment b'għemilha, dil-banda mbagħad tat u żiedet il-karatteristika tagħha ma' dik lokali. Allura l-istorja ta' dis-Soċjetà hija storja ta' raħal, filwaqt li dan nistgħu ngħiduh bil-kontra wkoll – it-tnejn ma jinfirdux minn xulxin għax huma ta' xulxin. Kieku dis-Soċjetà ma twaqqfitx fl-1883 imma iktar tard, jew forsi qatt, kieku Ħaż-Żabbar kien ikun

kif nafuh illum? Min jaf?! Li huwa żgur hu li t-timbru ta' dak li hu Żabbari nbidel minn meta ssawret dis-Soċjetà fih.

Min-naħa l-oħra, kemm tapplika dil-ħaġa fil-kuntest nazzjonali? Jekk nitkellmu mil-lat edukattiv u mużikali, allura dis-Soċjetà tat il-kontribut siewi tagħha għal bosta snin u lil għadd ġmielu ta' persuni. L-istess kieku kellna nkejlu l-kontribuzzjoni kulturali ta' dis-Soċjetà lejn Malta. Illum nirrikonoxxu li l-każini tal-banda huma parti integrali mit-tessut kulturali Malti. Dan joħroġ kontinwament minn diversi studji separati dwar x'isawwar il-kultura Maltija. Allura s-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ, waħda mill-għexieren ta' baned madwar il-gżejjer tagħna, tat, bil-mod żgħir tagħha, il-kontribut tagħha lejn l-istorja Maltija.

**Min hu Vincent Caruana Gauci? X'kienu l-istudji li segwa matul is-snin? X'inhu xogħlu llum, u x'inhuma l-passatempi tiegħu?**

Twelidt ir-Rabat Għawdex fl-1982, għaliex in-naħa t'ommi huma Għawdxin, però minn dejjem konna noqogħdu Ħaż-Żabbar. L-istudji tiegħi bdew fil-Kulleġġ De La Salle, fejn bqajt nistudja hemmhekk mill-Primarja sas-Sixth Form. L-inklinazzjoni tiegħi lejn il-qasam edukattiv ġej l-iżjed miż-żmien tiegħi bħala tifel, żagħżugħ u eventwalment anke soċju tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (M.U.S.E.U.M.) Fi ħdan din l-għaqda volontarja u vokazzjonali, bdejt ngħallem lit-tfal żgħar meta kien għad kelli tnax-il sena u bqajt ngħallem id-duttrina lil diversi klassijiet t'etajiet differenti sakemm ħriġt minnha fl-2003. Minn De La Salle dħalt l-Università ta' Malta għall-kors ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni u f'Settembru tal-2004 bdejt naħdem bħala għalliem tal-Fiżika u l-Kimika, l-ewwel fil-Junior Lyceum tal-Bniet ta' Santa Luċija u mbagħad meta lħaqt Assistent Kap ta' skola mxejt għall-Kulleġġ San Injazju, Skola Medja tal-Ħandaq, fejn għadni nservi sal-preżent.

L-ikbar passatemp tiegħi huwa x-xogħol volontarju għall-każin li dwaru ktibt l-ewwel ktieb tiegħi. Il-volontarjat ma' dal-każin ivarja minn dak manwali u artiġġjanali, fejn jidħol l-armar tal-festa, għal xogħol ta' ppjanar u kitba, speċjalment b'risq il-festa ta' Ħaż-Żabbar u l-organizzazzjoni ta' attivitajiet tal-massa li dal-każin jorganizza minn żmien għal żmien. Lat ieħor tal-volontarjat mas-Soċjetà jinkludi l-ksib ta' fondi pubbliċi li soċjetajiet mużikali huma eliġibbli għalihom. Fost il-proġetti li dis-Soċjetà rnexxielha tikseb bl-għajnuna tiegħi u ta' oħrajn, hemm fondi sostanzjali biex tinbena binja kbira u ġdida madwar it-Teatru Blue Arena u anki fondi ta' għajnuna li nġiebu għall-ktieb *Ġrajjietna*.

Permezz tal-każin niltaqa ma' ħafna persuni differenti, mhux biss dawk midħla tas-Soċjetà imma ħafna oħrajn barranin għaliha li niltaqgħu magħhom waqt l-operat tas-Soċjetà tagħna. Dawn l-esperjenzi jkabbru u jsebbħu l-ġrajja tiegħi, ġrajja li ma ktibthiex fi *Ġrajjietna* imma tkompli żżid mar-rakkonti personali tiegħi li min jaf kemm ħa nedha nirrakkuntahom 'il quddiem lil ta' warajja.

**Xi jmiss issa?**

F'Novembru li għadda bdejt noħlom dwar proġett ieħor marbut mal-istorja tas-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ. Mhux fuq l-istil storiku ta' *Ġrajjietna*, imma fl-istess ħin bl-istess laqta umana, jekk mhux iżjed intiż fuq dan il-lat. Għadni fil-bidu, tant li għadni lanqas tgħarraft lill-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà fuq x'bi ħsiebni nagħmel u nitlob l-approvazzjoni uffiċjali tas-Soċjetà fuq dal-proġett. Però waħdi diġà bdejt inħammem, nhewden u niġri bil-ħsibijiet u naħseb li eventwalment dal-proġett ħa jwassalni għal ktieb ieħor dwar is-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ.

## IL-MEWT TAS-SAJJIED

Mal-għodwa ta' raxx niedi,
xammew ir-riħa tifkira tal-baħar
it-tliet żwiemel bojod u d-debba sewdiena,
u tnaffru ħosbiena
u għotru fuq blat imxaffar kuruna niggieża
ta' melħ u ta' rmied:
u dawru mejt rashom, tajru ngħashom,
u żehru maż-żwiemel ta' Ħelios
li telgħu mxarrba
sfrattati b'qalb teħber imħarrba
minn fejn il-għors għeb
minn baħar tad-deheb.

Fuq l-iġbla kuruna ta' melħ u ta' rmied,
rajt disgħa w disgħin sajjied,
mielu rashom, ħsiebhom nasba
jmil ma' disgħa w disgħin qasba.
Imbagħad ilbieraħ kienu mija
jsawtu l-baħar għalenija,
illum biss disgħa w disgħin
imqassmin iktar wesgħin fuq l-igbla.

Ma' lejl ta' dmugh niedi,
xammew ir-riħa tifkira tal-qabar
it-tliet żwiemel bojod u d-debba sewdiena,
u tnaffru ħosbiena,
u qamu mill-blat imxaffar kuruna qerrieda
ta' melħ u ta' rmied,
għollew rashom, tajru ngħashom,
u niżlu maż-żwiemel Seleni,
u tawha għall-ħarba
u mietu mxarrba
mal-qamar li idda
ġo baħar tal-fidda.

**DANIEL MASSA**
(Minn *Xibkatuliss*, Union Press, 1989)



# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## INTERVISTA MA' ANTOINETTE PACE DWAR IT-TRADUZZJONI TAR-RUMANZI TA' RENA BALZAN, PUBLIKAZZJONIJIET FARAXA

**Meta beda l-interess tiegħek fil-qasam tat-traduzzjoni?**

Nista' ngħid li minn mindu kont għadni studenta fis-Sekondarja, it-traduzzjoni minn dejjem affaxxinatni. Meta konna naqilbu kitbiet bit-Taljan jew bil-Franċiż għall-Ingliż u viċi versa kont tassew nieħu pjaċir nara kif tinbidel il-lingwa meta tiġi tradotta. Imbagħad, niftakar, studjajna s-sunett ta' John Keats "On first looking into Chapman's Homer". George Chapman mill-1598 sal-1616 ippubblika t-traduzzjoni famuża tiegħu tax-xogħlijiet ta' Homer u Keats, 250 sena wara qed jgħid x'impatt enormi ħalliet fuqu din it-traduzzjoni – qisu sab stilla jew dinja ġdida. Impressjonani tassew. Keats ma setax jaqra bil-Grieg antik iżda seta' jaqra l-kitba ta' Omeru tradotta fil-lingwa Ingliża.

**Għaliex Rena Balzan?**

Meta kbirt, imbagħad, sintendi, intbaħt jien stess bil-valur veru tat-traduzzjoni meta bdejt naqra, bl-Ingliż, xogħlijiet kbar letterarji ta' awturi kbar barranin li ma kitbux bl-Ingliż. Dawn it-traduzzjonijiet fetħuli tieqa fuq il-letteratura tad-dinja... u dak huwa l-veru valur tat-traduzzjoni għalija.

**Naf li qabel *Fiż-Żifna tal-Ibliet* (1995), inti qlibt ukoll għall-Ingliż ir-rumanz tal-istess awtriċi *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* (1998). Xi tgħid dwar dan?**

Għaliex Rena Balzan hija artista, hija xjentista u hija mara.




In-nisġa ta' dawn it-tliet kwalitajiet flimkien li toħroġ tant qawwija fil-kitba tagħha nkoraġġietni sabiex nittraduċi żewġ xogħlijiet ta' Rena. Huma xogħlijiet fejn l-analiżi u l-preżentazzjoni tal-iżvilupp tal-karattri speċjalment il-

protagonisti femminili, l-espożizzjoni ta' temi importanti u l-espressjoni artistika ta' Rena Balzan jingħaqdu sabiex ikollna rumanz li jistħoqqlu jilħaq udjenza aktar wiesa'. Dan hu wara kollox l-iskop ewlieni tat-traduzzjoni.

U fuq nota aktar personali – lil Rena ili nafha ħafna snin u dejjem kelli ammirazzjoni kbira lejha bħala mara intellettwali u sensittiva li bbrillat fl-oqsma tax-xjenza u tal-letteratura minn żmien meta l-mara Maltija kienet għadha fil-bidu tal-progress tagħha f'dawn il-linji.

**Liema huma l-ikbar sfidi li ltqajt magħhom matul il-proċess tat-traduzzjoni għall-Ingliż ta' dawn iż-żewġ rumanzi ta' Balzan li bl-Ingliż ingħataw it-titli *Bonds in the Mirror of Time* (2014) u *In Tune with City Life* (2022)?**

L-esperjenza tiegħi waqt it-traduzzjoni ta' *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* kienet tassew esperjenza unika. Il-karattri tan-nanna ta' Erica u ta' Nada bil-perspettivi differenti tagħhom jagħtu stampa ċara ta' aspetti diversi, realtajiet, problemi u tamiet fil-ħajja tal-mara u dawn ħassejthom ħafna waqt it-traduzzjoni. U xtaqt nesprimihom sewwa f'lingwa li twassalhom ċar lill-qarrejja. In-nannu wkoll, x'jaħseb, kif jitkellem, kif jaġixxi xtaqt li nwasslu lill-qarrejja tal-verżjoni tradotta mill-Malti b'Ingliż li jesprimi l-kumplessità tiegħu. Il-karattri li ħolqot Rena xtaqt inwassalhom fit-totalità tagħhom. Hekk ukoll xtaqt ngħaddi l-ideat kollha, li kultant il-kittieba esprimiet f'lingwa figurattiva, u noħloq sew ir-raġunamenti, l-ideat u l-konklużjonijiet ta' Nada. Ħassejtu d-dmir tiegħi li nkun l-intermedjarja bejn il-kittieba u l-qarrejja li qed jaqraw *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* bħala *Bonds in the Mirror of Time*. Mhux dejjem kienet ħaġa faċli u l-ħin kien dejjem ta' sfida kbira għalija, imma fl-istess ħin it-traduzzjoni tal-ktieb ta' Rena Balzan kienet esperjenza ta' sodisfazzjon kbir għalija.

**Apparti dawn iż-żewġ kotba, inti qatt ittraduċejt għall-Ingliż kotba oħra? Liema eżattament? U jekk le, għandek f'moħħok li tittraduċi xi xogħol ieħor għall-Ingliż?**

Nixtieq intenni li t-traduzzjoni taż-żewġ rumanzi ta' Rena Balzan kienet għalija esperjenza unika, edukattiva u tatni sens kbir ta' sodisfazzjon. Ovvjament iltqajt ma ċerti sfidi.

Bħala sfida personali kelli l-problema tal-ħin speċjalment waqt it-traduzzjoni ta' *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* meta kont għadni naħdem bħala Kap ta' Skola. Imbagħad kelli dawk l-isfidi li jiltaqa' magħhom kull min jagħmel traduzzjoni letterarja.

Kif nista nkun tassew fidila ma dak li kitbet l-awtriċi bla ma nittraduċi kelma b'kelma? Kif nista noħloq fit-traduzzjoni tiegħi il-veru ton u emozzjonijiet li Rena Balzan riedet tgħaddi lill-qarrejja tagħha? Kif nista nittrasmetti l-istess ritmu tal-kitba mill-Malti għall-Ingliż?

Sfidi li kif għedt jiltaqa' magħhom kull traduttur imma naħseb li billi kont naf lil Rena u billi studjajt sew il-kitba tagħha għamilt l-aħjar li stajt biex dawn l-isfidi negħlibhom. Bħala sfida kbira kelli l-isfida ta' kif stajt ngħaddi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet, ħafna drabi kumplessi ħafna, tal-protagonisti femminili tar-rumanzi li Rena Balzan tanalizza b'tant reqqa, ħafna drabi kważi klinikament. Din l-isfida madankollu ħassejt li stajt nirbaħha għax bħala mara stajt nidentifika aħjar ma' dawn il-karattri li qegħdin ifittxu u jibnu identità vera.

**Għaliex il-bżonn li xogħlijiet letterarji bil-Malti jinqalbu għal ilsna barranin importanti bħalma huwa l-Ingliż? X'tip ta' feedback tirċievi minn min qara r-rumanzi ta' Balzan bl-Ingliż, forsi anki mill-barranin?**

Minħabba l-karriera tiegħi fil-qasam tal-edukazzjoni li kienet impenjattiva ħafna, nista ngħid li qatt ma kelli l-ħin u ċ-ċans li nittraduċi xi xogħol letterarju. Xi artikli żgħar li ttraduċejt jew mill-Ingliż għall-Malti jew mill-Malti għall-Ingliż dejjem kienu intiżi sabiex nużahom f'kuntest edukattiv, f'xi seminar jew laqgħat għal studenti, għalliema u ġenituri.

Dwar il-futur min jaf? It-traduzzjoni hija sengħa, arti jew it-tnejn, li tatni sodisfazzjon kbir.

It-traduzzjoni għandha rwol ċentrali sabiex niltaqgħu ma' karattri u kunċetti ġodda, sabiex nifhmu u kważi nieħdu sehem f'kultura differenti minn tagħna. Mingħajr it-traduzzjoni ta' xogħlijiet letterarji dan ma jistax isir għax il-maġġoranza kbira tal-qarrejja ma jkunux jistgħu jaqraw xogħlijiet ta' awturi barranin, miktubin b'lingwi li huma ma jafux. U f'dinja iktar globalizzata dan sar bżonn kbir – li ma ningħalqux ġo għarfien limitat. Din hija l-importanza tat-traduzzjoni ta' xogħlijiet letterarji.

Hekk meta wieħed jittraduċi xogħol letterarju Malti f'lingwi barranin, bħall-Ingliż li hu mitkellem u moqri minn miljuni ta' nies, ikun potenzjalment qiegħed iwassal messaġġ, kultura, kitba sħiħa lil numru wisq akbar ta' qarrejja milli kieku x-xogħol jibqa' bil-Malti biss. Il-letteratura Maltija hija niċċa li jistħoqqilha tkun aktar magħrufa u dan l-iskop jista' jintlaħaq biss bit-traduzzjoni ta' xogħlijiet bħal dawn ta' Rena Balzan.

In-nies li ltqajt magħhom ma kellhomx ħlief tifħir għal kwalità letterarja għolja ta' dawn ir-rumanzi u kollha fehmu u apprezzaw l-importanza tat-traduzzjoni tagħhom. "Qatt ma qrajt xogħlijiet letterarji – rumanzi – ta' Rena Balzan bil-Malti. Jien nafha biss bħala Prof. Balzan l-Università," qaltli ex studenta tal-Mediċina issa speċjalista. "Imbagħad rajt *In Tune With City Life* ġewwa *bookshop*. Qabbadni l-kurżità. Xtrajtu u qrajtu. Impressjonani. L-analiżi ta' Iris speċjalment. Il-ħajja kollha tagħha..."

**X'tagħmel Antoinette Pace bħala xogħol/professjoni? X'inhuma l-attivitajiet tiegħek meta ma tkunx qed taħdem?**

Il-professjoni tiegħi hija ta' edukatriċi. Għallimt l-Ingliż f'kull livell sal-livell Avvanzat. Imbagħad ħdimt bħala Kap ta' Skola għal diversi snin u bħala Awditur fil-qasam tal-edukazzjoni. Issa ninsab irtirata.

L-edukazzjoni hija qasam marbut ma' qalbi. Marbuta ma' qalbi wkoll hija l-letteratura ta' pajjiżi differenti – għalhekk it-traduzzjoni... Bħala passatempi għandi l-qari, il-mużika u l-mixi fil-kampanja u ħdejn il-baħar. Inħobb ukoll niltaqa' ma' qraba, ħbieb u nies ġodda u niddiskuti. U issa għandi t-traduzzjoni. Min jaf?

# 1-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT INTERVISTA GIUSEPPE NAPOLITANO, RIGUARDO *VENTI POESIE VENT'ANNI DOPO*, DEDICATO A SUO PADRE

**Quando e perché è nata l'idea di questo libro? Di che cosa tratta?**

Tempo fa, in occasione di un convegno dedicato a mio padre e alla sua produzione letteraria, per il quinto anniversario della sua morte, uno dei relatori mi propose di raccogliere venti poesie di Nicola Napolitano, le migliori, le più rappresentative, per farlo conoscere meglio... Allora mi sembrò una battuta cattiva, o per lo meno uno scherzo: solo venti poesie di un poeta che ne aveva scritte e pubblicate diverse centinaia, davvero poche, pochissime... Però, quando siamo arrivati a vent'anni dalla morte, e volevo pubblicare qualcosa di lui per ricordare questo anniversario, mi sono ricordato quelle "venti poesie" e ho pensato di affidare a "venti amici" la lettura delle poesie di mio padre per scegliere appunto le venti poesie più gradite – così è nato il libro "Venti poesie vent'anni dopo", una piccola antologia essenziale.

**Qual è stato il tuo ruolo riguardo un tale libro? Quanto tempo ha occupato per far sì che tale progetto diventasse realtà?**

Ho invitato a partecipare all'operazione "venti poesie" non soltanto gli amici scrittori e critici che avevano conosciuto mio padre (ormai molto pochi) ma altri amici, poeti e artisti, che potessero scoprire qualcosa di congeniale nella sua produzione poetica. Ho scelto cinquanta poesie e le ho fatte leggere a chi non lo aveva conosciuto (mentre altri avevano già i suoi libri). Ci sono voluti alcuni mesi per raccogliere i



Nicola Napolitano, elaborazione di Renato Marchese.

contributi – diventati più di venti, nel frattempo, anche se dedicati a venti poesie: nel libro ci sono infatti anche i quadri di amici pittori che si sono ispirati a una poesia, e ci sono le traduzioni di poeti stranieri... Insomma, una interessante antologia poetica con varie interpretazioni tutte personali e




tutte commoventi. Io ho scritto una introduzione al libro, ho commentato anche qualche poesia tra le "venti" e qualcuna a parte poiché per me molto "personale", proprio nel senso che era dedicata a me quando fu scritta.

**Chi sono i tanti contributori: amici di tuo padre, amici tuoi? Sicuramente sono persone - poeti, saggisti, pittori, ma anche traduttori e altri - che vengono da tanti paesi differenti. Come mai? Come li hai conosciuti?**

Ho scelto le persone di cui sapevo di potermi fidare: non soltanto intellettuali affermati, nei vari campi, della poesia e della pittura, ma soprattutto amici che volessero partecipare ad una missione: far conoscere meglio un autore che meritava di essere conosciuto. Avendo deciso di selezionare solo venti poesie di mio padre, ho dovuto pormi dei limiti anche nella selezione dei "critici" invitati, ma tutti hanno accettato con entusiasmo. Ho partecipato negli ultimi anni a molti festival internazionali di poesia, dove ho incontrato tanti poeti stranieri, alcuni dei quali li ho invitati a leggere e tradurre una poesia di mio padre: e così mi hanno proposto traduzioni in lingue diverse (albanese, arabo, armeno, maltese, spagnolo). Mi piaceva l'idea che Nicola Napolitano avesse anche uno spazio all'estero, sia pure piccolo, poiché i temi della sua poesia sono adatti alla cultura mediterranea.

**Sfogliando il libro si capisce che tutto è inteso a commemorare un anniversario e una persona particolare. È uno dei migliori regali che un figlio potesse fare a un padre che non c'è più. Le tue reazioni?**

Mio padre nella sua vita non ha avuto molta fortuna: erano altri tempi, certo, e pubblicare un libro e farlo conoscere era più difficile ed anche costoso (oggi ci sono anche mezzi virtuali per far circolare un'opera letteraria nei siti adatti). Già quando era vivo e soprattutto dopo la sua morte ho pensato che meritasse – per quel poco che gli potevo offrire io, con le mie conoscenze anche internazionali – di vedere la sua poesia diffusa un po' di più. Volevo che la sua voce non rimanesse confinata al suo tempo: un figlio questo fa, con un padre, lo fa vivere oltre il tempo. Spero di aver fatto un regalo significativo a una persona che in vita ha avuto poche soddisfazioni. Aver chiamato tanti amici a collaborare, italiani e stranieri, rende senz'altro più ricco questo regalo e lo proietta nello spazio e nel tempo.

**Ci sono stati aspetti o cose nuove che hai scoperto di tuo padre tramite una pubblicazione come questa? Quali?**

Una vera scoperta di cose nuove, no, non c'è stata: mio padre lo conoscevo bene e non mi ha riservato sorprese in questa occasione, rileggendo le sue cose. Ho comunque verificato che – purtroppo – ha scritto molte poesie veramente importanti, che avrebbero dovuto maggiormente interessare la critica e attirare i lettori. Pazienza, non è successo prima, spero che il mio lavoro gli renda qualcosa in più sul piano dell'attenzione dei lettori di poesia.

***Venti poesie vent'anni dopo* è in circolazione da alcuni mesi. Com'è stato accolto dai lettori? Di che tipo di lettori si tratta?**

In Italia la circolazione di un libro di poesia, generalmente, non è molto fortunata. Questo libro non è stato pubblicato per un grande pubblico, ma per essere diffuso tra coloro che possono, e dovrebbero, comprendere il valore di un messaggio poetico. Si rivolge soprattutto a giovani lettori che a scuola incontrano prevalentemente poeti "classici", cioè per lo più defunti o appartenenti a culture lontane. In queste "venti poesie vent'anni dopo" si cerca di far riflettere – specialmente i giovani – sul valore di testimonianza che ha la poesia di un autore "minore" ma degno di attenzione perché ha trattato con personalità temi sociali, morali, eccetera... Un autore che è vissuto e ha lavorato sempre impegnato, soprattutto a scuola come docente, per dare un segno di umanità, di generosa accettazione della vita con le sue pene e le speranze: una visone francescana del mondo.



Giuseppe Napolitano

**Un tuo caro e personale ricordo di tuo padre?**

Rispondo intanto con due poesie, tratte dal mio ultimo libro, *55 cose in versi*: la prima l'ho scritta in una visita al Liceo che lui frequentò quando era già grande (aveva interrotto gli studi per la morte del padre) avendo tra i professori uno che aveva solo qualche anno più di lui. Immagino di vederli chiacchierare dei problemi della vita, della fortuna...

## SORRIDERE ALLA VITA

Papà, il Liceo dove il giovane docente
(una lapide ricorda lo scomparso)
ti incoraggiava a credere al futuro:
vi ho incontrati nel cortile assolato
come forse quando ancora era lontana
la dolorosa ombra di lì a poco
scesa sulla tua vita – ma la vita
quella vera era comunque in te, nelle parole
ascoltate e condivise che facevano
sperare fosse ancora da percorrere
per farla tua per darle miglior campo
da quella fervida esperienza seminato
e in sapide parole ricostruita –
e consegnata a chi volesse credere
insieme a te, a voi, che fosse ancora
possibile dopo i lutti e le sventure
sorridere un amaro sorriso
ma sorridere per vivere la vita.

**Duomo di Sessa Aurunca, 15 luglio 2023**

La seconda è una memoria mia, di quando ero ragazzino e mio padre mi portava sempre in giro a visitare luoghi che per me (per noi, c'era pure mio fratello) erano misteriosi e a volte anche paurosi, ma la sua mano ci dava fiducia... il ricordo che ho di lui è di un padre a volte assente, perché impegnato nel suo lavoro di professore e preside, ma pure disponibile a trovare il tempo per giocare con i figli, costruendo per noi giocattoli di legno o accompagnandoci in lunghe passeggiate nelle quali ci spiegava la vita della natura...

## TORRE SARACENA. MONTE D'ORO

Miei passi adolescenti,
sguardi
curiosi all'orizzonte.

Ferma
la mano di mio padre
sicura.

Fiori del tempo,
le agavi,
mute sentinelle.

Sotto il rudere imponente
intrecciavamo
i percorsi di una vita.



Bidwi

Poeta inti, bidwi bla isem u bla unuri,
li t-tuba ħarxa tfarrak fis-silenzju
biex tibdilha fi sbula ħoxna.
Fuq l-irdumijiet ħawlija,
inti tkisser il-ħamrija u l-ġebel niexef,
li jilbsu mant aħdar,
u l-pjanti fraġli u l-fillieri solenni
taż-żebbuġ u tad-dwieli
hemm jikbru sodi.
Holm u fantasmi vagi,
li fuqhom taqa' l-għabra taż-żmien,
jipproduċu oħrajn, jieklu l-ħobż tiegħek.
Hallieq ta' meravilji sielma,
inti tgħin biex tiftaħ permezz ta' bewset ix-xemx
it-tbissima tal-lewż bikrija
u t-tuffieħ roża u artab,
u l-bjuda feśtuża taċ-ċirasa
u l-ħmura tar-rummien;
minn fergħa selvaġġa,
int, kirurgu anonimu,
permezz ta' tilqima sempliċi,
toffri, lill-bejjiegħa tal-kliem,
il-ħawħ sukkolenti u ta' togħma tajba
u l-għenieqed imdiehba.

*Tradotta in maltese da* Patrick Sammut

31

**Din hija poeżija ta' Nicola Napolitano maqluba għall-Malti minn Patrick Sammut**

## SPIGHE DI GRANO

Sorelle spighe, tenera dolcezza
alla ruvida mano del colono,
voi siete la speranza
che in oro si tramuta.
L'occhio tutte vi abbraccia
in un affetto che non ha parole;
pane, pane dei figli, tutto
per chi altro non può avere.
Flessuose ne la brezza
di luce v'inondate
in un respiro di serena pace.
Cantano amore i salici d'intorno,
sorride chi alle zolle gettò il seme.
Spighe di grano,
davanti a voi rinasce e si ravviva
la fede nella vita.

**NICOLA NAPOLITANO**
**(Minn *Venti poesie vent'anni dopo*, AliRibelli, 2023)**

# Reċenzjonijiet



# Rakkonti

# Kitbiet oħra



## FRANS DEGUARA - PONT GĦALL-KITTIEBA

**Kitba ta' Philip Borg**

Il-kittieba u l-awturi kollha jeħtieġu min ixandar u jxerred il-proża u l-versi tagħhom.  Tassew li hemm min hu bħali, li bosta drabi jikteb imma jerfa' fil-kexxun, minkejja li kull kitba hija esternazzjoni ta' ħsieb u esperjenzi bil-għan li tinqasam mal-oħrajn.  Tinqasam ma' dawk li għadhom jafu jsibu ħin jaqraw.  Jew biex jitgħallmu jew biex jagħrfu għerf li nbena u nġabar minn dak li jgħaddu minnu l-kittieba nfushom jew mit-tiftix li jkunu għamlu.  Għal min hu bħali, irid ikun xi ħadd bħal ħabibi Frans Deguara tal-Mosta biex iċaqlaqna u jxerred dak li niktbu.

Frans huwa l-bniedem wara l-kotba li ħarġu għall-festa tal-Assunta fil-Mosta fuq medda ġmielha ta' erbgħa u għoxrin sena. Din drawwa qadima li l-parroċċi, il-baned u l-għaqdiet f'kull raħal joħorġu l-ktieb jew ktejjeb bil-"programm tal-festa".  Frans qabad ma' din id-drawwa snin ilu, iżda fittex meded iktar wiesgħa biex kull sena jagħtina ġabriet li jesponu tagħrif wisq iktar imlewwen u varjat. Ma baqax marbut biss mal-festa, mat-titular u mal-banda - fil-każ tiegħu, il-banda Nicolò Isouard - iżda terraq lejn l-Istorja, twemmin, drawwiet, binjiet, persunaġġi, kultura u elf ħaġ'oħra dwar il-Mosta tal-bieraħ u tal-lum.

**Djarju u letteratura**

Tista' tgħid kellu skeda għaddejja s-sena kollha, ifittex u jfakkar lil min soltu jikteb jew oħrajn ġodda. Ifittex lil kull min jaf li jista' jagħti kontribut, ibda mill-kalibru għoli tal-mibki Oliver Friggieri - li tiegħu kien sar ħbieb sew, sal-iktar persuna li qatt ma xandret kitbietha. Prudenti kemm trid Frans, imma għandu ħabta kif jiffitta bil-pulit, biex jiżgura li l-ktieb-annwal kull sena jkun volum miżgħud b'kitbiet tajbin - mhux tqil fil-piż biss, minħabba l-paġni u l-karta użata. Frans kellu dejjem l-għajnuna ta' sħabu Raymond Ghigo Laferla, Joe Camilleri u Raymond Deguara biex l-annwal ikun komplut.

Ngħid għalija, kien Frans innifsu li, mhux biss beda jħajjarni napprezza s-sabiħ storiku, ambjentali jew reliġjuż fil-Mosta, imma jiġri warajja biex ma nonqosx nagħti sehmi kull sena - kemm meta kont għadni noqgħod il-Mosta u kemm meta ġejt lura Birkirkara.  Ngħid is-sew, ġieli nitħajjar innaddaf u nbattal l-inbox, imma l-ittri ta' Frans inżommhom għax ġenwini u fuq kollox, miktubin b'Malti sabiħ u korrett. Nistqarr li nies bħal Frans u Joe Bartolo tal-Għaqda Talent Mosti ġegħluni nħossni tassew milqugħ f'dak ir-raħal-belt, u mhux biss emigrant!

Ikolli ngħid li, jekk il-ktieb-annwal tal-festa seta' beda bħala passatemp għal Frans, malajr sar impenn kbir u għalih kien sar qisu t-tarbija tiegħu: jiġbor, jorqom, jgħaqqad, iqassam, jikkoreġi fejn meħtieg u jillustra b'tant ritratti - uħud minnhom uniċi. Kemm ili naf lil Frans - naħseb medda ta' 30 sena - nafu dejjem impenjat fis-soċjetà mużikali Nicolò Isouard imma lil hinn minnha wkoll.

**Delizzju li sar dmir**

Fl-aħħar xahar qabel il-festa kien saħansitra jirtira ġimgħa sħiħa mix-xogħol biex jirfina l-aħħar irtokki għat-tqassim u l-impaġnar tal-ktieb... li ma jmurx allaħaresqatt jonqos xi farka lill-awturi li tant ikun ġera warajhom!  Mhux biss jiġbor il-kitbiet biex jimla, imma jqassamhom f'kategoriji, bejn reliġjużi, melitensia, u kitbiet oħra - inkluża sezzjoni għall-poeżiji.  Biex ikun tassew ta' servizz, ifittex li joffri spazju wkoll lil poeti li forsi qatt ma ħolmu li l-versi tagħhom għad xi darba jaraw id-dawl.

L-għożża ta' Frans għall-kitba ma ħallitux marbut biss mal-kotba tal-festa, imma wasslitu jkun editur jew ko-editur ta' żewġ kotba prestiġġjużi: *Il-Mosta - Ġrajjietha u Niesha* fl-2008, u *Mill-Mosta 'l Barra* fl-2015. It-tnejn imżejnin b'kitbiet ta' studjużi magħrufin fil-qasam tar-riċerka storika u ta' oħrajn li jirrakkuntaw xejriet u ġrajjiet bi kronoloġija u anneddoti dettaljati għall-aħħar. Fihom tinħass sew l-għożża kbira




Żewġ pubblikazzjonijiet li tagħhom Frans Deguara kien editur jew ko-editur

tiegħu għal kulma hemm x'tgħid dwar il-Mosta u l-Mostin. Ma setax jonqos li din id-dedikazzjoni wasslitu biex fl-aħħar snin resaq 'il quddiem u kien elett darbtejn fil-Kunsill Lokali Mosti, fejn ukoll sab il-mezz kif ixerred iktar għarfien tal-patrimonju kulturali lokali lir-residenti.

**L-espert dwar Battisti**

Frans kellu u għandu passatempi oħra, mela le! Imma fihom ukoll, l-impenn għalih kien kmandament. Bħalma kienet u baqgħet in-namra tiegħu mal-mibki kantawtur leġġendarju Taljan, Lucio Battisti. Segwih, ħabbu u sar awtorità fuq ħajtu u s-suċċessi li kellu. Kiteb u xandar dwaru bosta drabi u kull darba b'mod komprensiv u professjonali għall-aħħar. F'dan is-sens ukoll Frans Deguara jitqies bħala awtur huwa nnifsu. Id-devozzjoni lejn Battisti ħaditu mhux darba sa fuq il-qabar tal-kantant-poeta, fejn Frans kompla jġedded l-għożża l-oħra tiegħu għall-klabb tal-A.C. Milan - passjoni li fis-snin wasslitu jkun attiv f'kumitati tat-'tifosi' Milanisti lokali.

Ma' dan id-delizzju Frans għandu wkoll "passjoni għal-liturġija tal-Passjoni" u l-iktar il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Bi kburija kull sena jieħu sehem fil-persunaġġ bibliku ta' Kajfa, il-qassis il-kbir tal-Lhud. Ma setax jonqos li Frans ikun impenjat ukoll f'raħal twelidu fejn hemm kult qawwi u qadim għal dawn it-tradizzjonijiet popolari.

**Kull delizzju, kmandament**

Kienu x'kienu l-impenji jew delizzji, l-ewwel interess ta' Frans jibqa' fil-Mosta. U dan jixhduh is-sensiela twila ta' kotba li tagħhom Frans kien editur. Huwa fehem sew li "il-kotba tal-festi" huma rakkont li jtul is-snin biex ifakkar – mhux biss lil min għex il-festa, iżda wkoll lil min ma setax jew ma felaħx igawdiha. Mas-snin kull wieħed minn dawn l-Annwali jifforma mużajk li lil ta' warajna se jpittrilhom kif għexna, xi ħsibna, kif ħdimna, kif fraħna, kif bkejna, kif erġajna bdejna u kif kbirna bħala komunità. Wisq iktar meta nqis kif, tul l-imxija l-kbira ta' sentejn ilu, Frans xorta ħass id-dmir li joħroġ il-ktieb-annwal, minkejja l-misraħ baħħ u t-toroq għerja minn kull tiżjin!

Annwali b'kitbiet bħal dawn mitqilhom deheb u preġju għani biex għada pitgħada, snin u għexieren ta' snin oħra, il-ġenerazzjonijiet ġejjiena jistgħu jagħrfu, jifhmu u jduqu aħjar lil nisilhom. Jinbidlu kemm jinbidlu l-mezzi ta' tagħlim mas-snin, tikber kemm tikber it-teknoloġija, kotba bħal dawn jibqgħu bażi li titwemmen u ta' min jorbot fuqha. Igerbu s-snin u min se jkun qed jimraħ f'dawn l-Annwali se jkun iħossu jhares fil-mera l-qadima u fil-bogħod jilmaħ it-tbissima jew id-demgħa ta' nanniet u bużnanniet li minnhom ikun tnissel u mingħandhom wiret mhux biss bixra fiżika imma wkoll gzuz ta' tilqimiet fil-karattru tiegħu.

**Mhux il-festa biss**

Għal min bħal Frans Deguara jħobb il-valur tal-letteratura, il-ktieb-annwal huwa tiżwiqa li tistieden lill-moħħ jimraħ fil-jiem għeżież ta' qabel, madwar u wara l-festa - li din is-sena ġiet dikjarata wirt intanġibbli dinji mill-UNESCO. Kif ngħidu, iż-żmien itir u wisq iktar fil-ferħ tal-festa, iżda għandna l-benefiċċju tal-kitbiet u ritratti li Frans jiġbor b'tant maestrija għalina u għal min għad jiġi warajna.

Inħares lejn l-annwal ta' din is-sena, u ta' qablu u ta' qablu u kull waħda mill-erbgħa u għoxrin edizzjoni li ħa ħsieb Frans, u nifhem iktar xi tfisser l-idjoma Latina "verba volant sed scripta manet" – il-kliem itir imma il-kitba tibqa'! Kull bidu għandu tmiem u - ngħidha bi swied il-qalb - Frans ħass li l-2023 kellha tagħlaq ir-responsabbiltà tiegħu għall-ktieb-annwal wara 24 sena kontinwi.

Jixraq li nikkwota lill-mibki Oliver Friggieri li dwar Frans kiteb hekk: "ili naf lil Frans għal bosta snin u nqisu fost l-akbar ħbieb tiegħi. Bniedem onest, mimli rispett lejn kulħadd... dejjem dispost biex jgħin lil ħaddieħor. Jaħdem f'oqsma diversi, u jaħdem b'kompetenza, b'gost u bla ħlas. Inqisu bħala Mosti mill-aqwa għaliex lill-Mosta jħobbha minn qalbu..." Mingħajr l-iċken dubju, lill-Professur Friggieri nissekondah f'kull kelma li kiteb!

Niktbu kemm niktbu, qatt ma jkun biżżejjed biex inroddulu ħajr għall-ħeġġa, għall-ħin u l-ħila biex għaqqad ġawhra kull sena biex dammha fil-kullana sabiħa ta' pubblikazzjonijiet li għaddew minn taħt idejh. Grazzi Frans! Min jaf? Forsi moħħok qed jhewden għal xi ġabra oħra? Sadattant, nawguraw l-istess ħeġġa lil min qed tħarreġ biex ikompli l-ħidma siewja tiegħek!




L-Annwal tal-festa - kompendju ta' tagħrif li għalih Frans Deguara ħadem sena wara l-oħra



Raymond Mahoney (xellug) u Charles Flores (lemin) fuq l-irdum tax-Xlendi fl-1966, waqt ħarġa organizzata mill-Għaqda Letterarja Maltija

## LINJI PARALLELI LI MA JILTAQGĦU QATT

***F'għeluq l-ewwel sena mill-mewt (25 ta' Lulju 2023) ta' Raymond Mahoney, Charles Flores jikteb dwar il-ħbiberija tiegħu, fuq medda ta' għexieren ta' snin, mal-mibki poeta u kittieb.***

Iltqajna l-ewwel fuq il-ġurnali li dik il-ħabta kienu bil-pika min se jkollu l-aktar Paġna Letterarja popolari, xi ħaġa li llum ma titwemminx. Imbagħad saru l-ewwel kuntatti permezz ta' ittri, korrispondenza li kibret f'netwerk ħawtiela fost kittieba u poeti żgħażagħ oħra, fosthom Trevor Żahra, Charles Xuereb u Salv Sammut. Ilkoll kemm aħna mitlufin niktbu u nfittxu niksbu spazju għal dawk ix-xogħlijiet li xtaqna narawhom stampati.

Kienet korrispondenza mimlija ideat, tamiet u kritika kostruttiva li għenet mhux ftit biex dawk minna li setgħu ħasbu li konna lħaqna s-sema, malajr insibu li saqajna kienu għadhom imwaħħlin mal-art.

Din il-ħbiberija kollettiva kompliet tikber hekk kif dħalna membri tal-Għaqda Kittieba Żgħażagħ u l-Għaqda Letterarja Maltija. Ma kienx xi dħul ħafif. Kienet diġà bdiet tberren il-firda bejn "l-antiki" u l-"moderni" u għadni niftakar sew kemm kien hemm min tmasħan waqt laqgħa ġenerali tal-GĦLM kontra t-talba tagħna biex insiru membri, bħallikieku konna se nniġġsu l-ġenerazzjoni ta' qabel il-gwerra. L-ironija kienet li ħafna minnhom kienu ilhom l-idoli tagħna!

Iżda bil-għaqal u d-diplomazija tat-tmexxija tal-President tal-Għaqda dik il-ħabta, John C. Friggieri, finalment ġejna aċċettati. Bdejna nieħdu sehem fil-laqgħat u s-serati letterarji, kif ukol fil-ħarġiet li kienet torganizza l-GĦLM bil-ħsieb li tkattar l-ispirtu soċjali fost il-membri, fejn kellek ġabra interessanti ta' ġenerazzjonijiet. Il-klikka tagħna x'aktarx li kienet tintagħżel mill-istil tax-xahar, l-ilbies informali u s-sens ta' avventura. Konna sejrin Għawdex qisna fuq xi kroċera tal-lum. Hekk ukoll meta xxabbatna mal-għoljiet Għawdxin, fosthom l-irdumijiet tax-Xlendi. Niftakarna naslu fil-quċċata nifisna maqtugħ, kulħadd jonfoħ u jimsaħ l-għaraq.

Iżda ż-żmien tal-bidla kien wasal. Tħallatna ma' żgħażagħ oħra fil-laqgħat informali fiċ-ċentru tal-Belt fejn, uħud minna, flixkun birra konna nagħmluh iwassal sa siegħa. Kien minn dawk il-laqgħat ta' diskussjoni spontanja dwar il-poeżija moderna, il-palk il-ġdid u l-ħtieġa li Malta wkoll issib mogħdija għalihom. Hekk twieled, xi ftit xurban iżda se jisplodi bil-ħeġġa, il-Moviment Qawmien Letterarju fl-1967. Kienu diversi l-fundaturi, fosthom Mario Azzopardi, Albert Marshall, Oliver Friggieri, Anthony S. Azzopardi, Doreen Micallef, Raymond Mahoney, Salv Sammut, Achille Mizzi u jien. Fl-istess żmien, ingħaqad magħna Victor Fenech minn Londra.

Ray u jien konna għadna kemm middejna riġlejna fid-dinja tal-ġurnaliżmu, hu għal perjodu qasir meta għażel li jidħol fis-settur bankarju, jien għall-bqija ta' ħajti, u għalhekk dlonk sibna ruħna fl-ewwel Kumitat tal-MQL, lesti ninxteħtu għax-xogħol li kien hemm bżonn isir taħt it-tmexxija ta' nies diġà stabiliti bħal Charles Coleiro, Joe A. Grima u Frans Sammut.

Għad li d-differenza fl-età bejn xulxin ma kinitx ikbar minn sena jew sentejn bejn il-membri aktar żgħażagħ, lil Ray u lili kienu sikwit isejħulna "ż-żgħar", imma xorta waħda tajna s-sehem tagħna fl-attivitajiet innovattivi li bdew isiru, fi stħarriġ fost il-pubbliku, fir-rappurtaġġ tal-ġurnali u t-TV u l-pubblikazzjoni tar-rivista "Il-Polz".

Kien minn dak il-waqt fl-istorja li nibtet l-espressjoni ta' Ray dwar il-ħbiberija tagħna – linji paralleli li ma jiltaqgħu qatt. Ma kontx tara lil wieħed jekk ma tarax lill-ieħor, u dan minkejja li l-fehma tagħna dwar il-ħajja, l-istil ta' kitba, t-tematika, u t-twemmin bir-ritwali kollha tiegħu, kienet għal kollox opposta għal xulxin. Ray kien jikteb il-vers modern, iżda baqa' jxaqleb lejn il-ħsieb ta' lehma klassika. Għaraf iħaddem il-pinna tad-deheb tiegħu b'mod li kien isaħħrek, għalkemm dejjem kien ikun ġentili u kumplimentuż dwar il-versi li konna niskambjaw fil-korrispondenza tagħna.

Id-dinja baqgħet iddur u magħha l-ħbiberija tagħna. Bħalna



Ħarġa lejn Għawdex mal-Għaqda Letterarja Maltija fl-1966. Jidhru mix-xellug għal-lemin: Ray Mahoney, Trevor Żahra, Salvu Sammut u Charles Flores

t-tnejn, sħabna kollha bdew isibu t-trejqa magħżula tagħhom fid-dinja tax-xogħol, fl-istudji avvanzati u fil-kisbiet li dejjem ifittex il-bniedem. Malta ta' wara l-Indipendenza kienet inbidlet u xi biċċa żgħira minnha konna, kemm għat-tajjeb kif ukoll għall-ħażin, bdilnieha aħna ż-żgħażagħ tas-Snin 60.

Il-maturità minnha nnifisha ġġib il-firda. Ray u jien fittixna mogħdijiet differenti, iżda l-ħbiberija tagħna ma xxellfet qatt. Il-kuntatt bl-ittri u t-telefonati ma spiċċax, hekk kif konna għadna nfittxu l-parir ta' xulxin, ninkoraġġixxu lil xulxin qabel xi pass drastiku f'ħajjitna, u nifthu qalbna ma' xulxin.

Hekk bqajna sa xjuħitna. Ir-realtajiet tal-ħajja baqgħu dawk li kienu dejjem. Issa bdew sfidi ġodda li dwarhom tkellimna fit-tul. Ray u jien konna nafu li, anki meta l-kuntatt beda jinħass jitmermer minħabba ċirkustanzi varji, kull meta kien se jkun



Attività tal-Moviment Qawmien Letterarju fil-katakombi. Ray Mahoney (dahru lejn il-kamera) jidher jaqra poeżija għad-dawl tax-xemgħat....

hemm bżonn wieħed tal-ieħor, dik il-fjamma antika tal-ħbiberija kienet se terġa' tixgħel tħeġġeġ.

Sakemm wasal dak il-jum kiefer li waħda miż-żewġ linji paralleli waqfet ħesrem. Kellu raġun, iżda, Ray.... baqgħu ma ltaqgħux. Konvint li hu ħalliena jemmen li għad jiltaqgħu x'imkien ieħor. Il-linji paralleli issa mifrudin aktar minn qatt qabel. Strieħ fis-sliem, ħabib għażiż.



il-polz

organu tal-moviment qawmien letterarju — lulju 1967 għadd 1

GĦALIEX IL-MOVIMENT QAWMIEN LETTERARJU

Minn JOE A. GRIMA — MEXXEJ TAL-MOVIMENT

IL-ĦTIEĠA tal-Moviment Qawmien Letterarju l-lum ġiet aċċettata minn kulħadd; kemm mill-poplu kif ukoll min-naħa uffiċċjali u mill-Akkademja tal-Malti. Il-lum nistgħu ngħidu, mingħajr il-biża' li nkunu qed niżbaljaw, illi l-Moviment Qawmien Letterarju għandu l-barka u l-appoġġ ta' kull min għandu għal qalbu l-kultura tal-poplu tagħna.

L-isem tal-Moviment flimkien mat-tliet għanijiet ewlenin tagħna huma xhieda ta' dak illi fi ħsiebu jagħmel il-Moviment Qawmien Letterarju. Mhux biss, imma fil-ftit xhur li ilu mwaqqaf il-Moviment il-poplu Malti għandu xhieda ħajja tal-ħidma li dħalna għaliha.

Kif wegħidna sa mit-twaqqif tal-Moviment aħna rridu li nimmiraw il-ħidma tagħna biex inwasslu l-letteratura għand il-poplu. Sal-lum kellna ħafna li qegħdin jagħtu ħinhom u saħħithom biex jaraw il-letteratura tagħna miexja 'l quddiem — imma ftit li xejn kien hemm kuntatt mal-poplu. Għalhekk aħna ddeċidejna li mmiddu għonqna għax-xogħol ħalli nibnu pont li jgħaqqad lill-poplu ma' dawk li qed jaħdmu biex jaraw il-wirt kulturali tagħna miżmum fil-għożża li tixraqlu.

Aħna nemmnu illi jekk irridu li nkunu nistgħu nibqgħu niftaħru biċ-ċiviltà antika tagħna jeħtieġ li ndarru lill-poplu tagħna japprezza l-letteratura u l-kultura. Irridu ndarru lill-poplu tagħna, ukoll lill-ħaddiema tat-tarzna, tal-fabbriki u dawk li jsewwu t-triqat japprezzaw il-letteratura ħalli huma wkoll jieklu minn dak l-ikel li jtuq l-ispirtu. Hawn għandna ħafna x'nitgħallmu mill-poplu Ingliż, Franċiż, Russu u wkoll Lhudi li jiffolla fil-pjazez, fis-swali, fit-teatri u fil-ħwienet ħalli jisma' l-qari tal-poeżija u japprezza x-xogħlijiet letterarji u drammatiċi filwaqt li jaqra bl-ikbar interess xogħlijiet letterarji ta' livell għoli.

Il-Moviment Qawmien Letterarju twaqqaf biss bil-għan illi naraw lill-poplu tagħna japprezza iktar il-kultura u l-letteratura. Aħna rridu biss li nagħtu lill-poplu; ma rridu xejn għalina. It-tama tagħna hija li l-poplu jifhimna u jikkopera magħna f'dak li qegħdin noffrulu, u dan fl-interess tan-nazzjon żagħżugħ tagħna.

WE STAND FOR UNIQUENESS CREATIVENESS & SOPHISTICATION AT

perla enterpises ltd.

(inc. matrenza jewellers)

— now open in high str., hamrun

L-ewwel ħarġa ta' "Il-Polz" 1967

## KUNĊERT GĦALL-PJANU

**Lill-pjanista**

B'dirgħajk miftuħa bħal t'għasfur f'titjira
il-ġwienaħ mifruxin man-nifs imżiegħel tal-majjistral,
b'xagħrek satin jitmewweġ bħalma l-baħar
jitliegħeb ma' xufftejn imħabbtu sħuna,
lewn sbulet qamħa, xemx li tagħsar demmha,
b'fommok imħarrek fi tregħid il-kordi
moħbija jqattru diqa Venezjana
matul kanali mħarsa m'nn ajkli w ljuni,
b'għajnejk iferrgħu nostalġija mxennqa
fil-ħarsa ġawhar u kristall imnikket
ta' sema mħeddel f'riħet stefanotis,
sawwab in-noti bejn l-arazzi mwarrda
għad-dawl tax-xema' ħamra mill-gandlieri
u tilmaħ baħar jofrogħ, wita tħaddar
sal-qilla mragħwa tal-allat imgħaddba
issir il-bikja ta' tarbija ltima.

**RAYMOND MAHONEY**
(Minn *Il-Poeżija Maltija*, ed. Oliver Friggieri, Malta University Press, 1996)



## L-ORGNI

**Kitba ta' Maria Camilleri**

Illum għalaqt għoxrin sena membru tal-Kunsill Lokali tar-raħal. Matul iż-żmien kelli bosta esperjenzi, koroh u sbieħ, imma jkolli ngħid li praspura bħal dik li ltqajt magħha fil-bidu tal-karriera tiegħi bħala kunsilliera, kienet waħda unika. Inti temmen li figura ta' bniedem, pupazz, magħmula mill-injam u miżbugħa b'ħafna kuluri, tista' tisraq bniedem uman, tieħdu magħha u tibdlu f'pupazz bħalha? Ma temminx? Mela isma' din u wara, ara tibdilx fehmtek.

Kont ili madwar xahrejn li ġejt eletta bħala kunsilliera. Kont ferħana bil-kariga ġdida tiegħi. Ġejt fdata biex nieħu ħsieb l-Edukazzjoni u l-Kultura. Barra li dawn huma suġġetti għal qalbi ferm, ridt ukoll nagħmel impressjoni tajba fuq ir-residenti speċjalment dawk li kienu vvutawli.

Għamilt xi żjarat fl-iskejjel, iltqajt ma' tal-każini tal-banda, mal-grupp tal-armar u ma' diversi għaqdiet tal-volontarjat. Kien wasal iż-żmien li naqbeż qabża sal-Mużew tas-Santwarju, post miżgħud b'bosta xogħlijiet tal-arti u teżori li jmorru lura mijiet ta' snin, saħansitra lejn żmien il-kavallieri. Wasalt quddiem l-antiporta kbira, ċempilt il-qanpiena u sakemm ġew jiftħuli stajt nisma' l-ħoss ta' daqq stunat fuq xi strument tal-mużika, li bsart li kien xi orgni.

Ħareġ jilqagħni d-Direttur tal-Mużew, raġel ta' madwar sittin sena, irtirat, pulit u fuq tiegħu, dħuli, u fuq kollox, dedikat fuq xogħlu. Ma kienx xi raġel li tista' tgħidlu sabiħ. Laqatni dak ix-xagħar folt u goff ta' fuq ħuġbejh li kien jiltaqa' f'nofs moħħu u kien itih bixra kważi komika. Deher sorpriż u tferfex xi ftit li rani hekk għal għarrieda imma meta fehmtu li din tiegħi kienet żjara informali, ikkalma u introduċa ruħu.

"Jien id-Direttur tal-Mużew, Bertu Borg,"qalli.
"Għandi pjaċir, Sur Direttur. Jien Catherine Gatt. U nippreferi jgħajtuli Kate."
"U jien inzertajt ma tantx inħobbhom it-titli allura nieħu gost jekk issejjaħli b'ismi, jekk ma jimpurtax."
"Tajjeb, mela ftehemna," għidtlu jien. Ħadna b'idejn xulxin u wara stedinni biex idawwarni mal-binja.

Imxejna flimkien lejn is-sala l-kbira minn fejn kien ġej dak it-tambir li kont smajt ftit qabel u fejn kien hemm għall-wiri sett ta' strumenti antiki tal-banda. F'rokna, taħt tieqa, kien hemm orgni kbir u madwaru, xi ħamest itfal imqarbin itambru fuqu bl-addoċċ.

Kont se ngħid xi ħaġa imma qabel ma lħaqt ftaħt ħalqi, tfaċċat ma nafx minn fejn, waħda mara, li daħlet qisha vleġġa u għal ftit ma baqgħetx dieħla ġo fija. Jien ma kien fini xejn dak iż-żmien imma hi kienet mibnija ġmielha, qisha wrestler. Kieku laqtitni żgur kienet titfagħni n-naħa l-oħra tal-kamra. Għaddiet minn quddiemna bla ma sellmitilna u baqgħet sejra tiġri lejn it-tfal. Id-Direttur baqa' jħares donnu ma kienx jaf x'laqtu.

"Ieqfu! Biżżejjed! Tmissu xejn! Barra! Issa!" bdiet twerżaq b'kemm kellha garġi.

F'kemm tgħid ammen, it-tfal ħarbu minn hemm b'saqajhom ma' daharhom. Imbagħad il-mara, daret lejn id-Direttur, tatu ħarsa biċ-ċiera, rasset xufftejha, tefgħet rasha lura u bla kliem u bla sliem, lebbtet 'il barra mis-sala.

Bqajt inħares miblugħa. Ma kontx naf x'se naqbad ngħid.
"Din Bernarda. Salibi!" qalli d-Direttur.
"Saliba," għidtlu jien.
"Le, Kate. Salibi! Dik is-salib tiegħi. Ilha taħdem hawn is-snin. Kienet hi li waqqfet il-grupp tal-volontiera. Il-mużew għamlitu tagħha. Lili, bħala Direttur, ma tistax għalija. Sħabha qaluli li kienet ilha ħafna tittama li din il-kariga teħodha hi. Allura lili bdiet tarani bħal dak li sraqtilha l-ħolma tagħha."

Waqaf, ħareġ maktur u beda jixxotta l-għaraq minn ma' wiċċu mbergħen.
"Ħa ngħidlek, Sur Direttur..... "
Qatagħli kliemi. "Bertu, jekk jogħġbok!"
"Skużani. Mela Bertu, ħa ngħidlek, veru kienet daqsxejn goffa imma naħseb li għandha ftit raġun ukoll. Dak l-orgni antik u prestiġġjuż u mhux ta' min iħallih fl-idejn," għidtlu jien.
"Jien naħsibha mod ieħor, Kate. Ngħid jien, aħna nippruvaw inħeġġu lit-tfal biex jitgħallmu l-mużika, sewwa? Għidli kif jistgħu jitgħallmu jekk joqogħdu jħarsu biss lejn l-istrumenti bla ma jmissuhom. Ma tagħmilx sens!"
"Naqbel miegħek sa ċertu pont. U qed tiġini idea. Naħseb togħġbok."



Hawnhekk Bertu deher interessat u wiċċu ħa d-dawl.
"Ħa nipprova nalloka xi fondi biex jinxtraw strumenti moderni. Hekk it-tfal ikunu jistgħu jitgħallmu fuqhom. Anzi, nippruvaw insibu xi għalliema volontiera biex tħarreġ lit-tfal."

Id-direttur ħares lejja b'għajnejh jibbru bil-ferħ.
"Kieku tajjeb! U għalliema, għandi lil xi ħadd f'moħħi. Is-Sinjura Galea. Ilha ħafna ddoqq l-orgni fil-knisja. Mara brava ħafna. Illum stess inċemplilha. Ma tgħidlix le, żgur!"
Kemm deher ferħan! Stħajjiltu tifel żgħir jifraħ b'ġugarell.

Imma f'daqqa waħda wiċċu ddallam.
"X'ġara?" staqsejtu.
"Bernarda!" qalli. "Żgur li mhix se taqbel ma' din l-inizzjattiva. Dik il-mara ma taħmel lil ħadd, wisq aktar lit-tfal. Ma tistax għalihom. Ma rajthiex x'għamlitilhom? Taħseb li se tikkuntenta u taċċetta li t-tfal jiġu jitħarrġu fil-mużika appuntu hawn, fil-mużew ta' qalbha? Nistgħu ninsew," qalli kważi bid-dmugħ f'għajnejh.
"Int ħalli f'idejja. Inkellmek aktar tard. M'jien se nwiegħdek xejn imma ħa nipprova," għidtlu.
Sellimtlu u tlaqt.

Wara xi ġimagħtejn, Bertu ċempilli u qalli li Bernarda rriżenjat. Iddispjaċieni għaliha imma jkolli nammetti li ħadt ir-ruħ ukoll, bħalma għamlu sħabha l-volontiera l-oħra u b'mod speċjali huwa.
L-istrumenti nxtraw. Dawk l-antiki ngħalqu ġo vetrini tal-ħġieġ u madwar l-orgni tpoġġa bħal ħabel oħxon aħmar, biex in-nies jarawh imma ma jmissuhx.
Il-lezzjonijiet kienu suċċess. Kont spiss inżur il-mużew u ħadt gost nara l-proġett milqugħ tant tajjeb mir-residenti, għax bħalma ngħidu, il-mużika qiegħda mnaqqxa fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna. It-tfal ġew bi ħġarhom għal-lezzjonijiet tant li minbarra l-klassi ta' kull nhar t'Erbgħa, kellhom iżidu oħra nhar ta' Ġimgħa. Il-lezzjonijiet kienu bla ħlas imma d-donazzjonijiet ma naqsux, tant li fi żmien xahar il-fondi telgħu għal aktar minn dak li kien jinġabar f'sena sħiħa.

Lil Bernarda ħadd aktar ma semmieha sakemm darba minnhom id-Direttur irċieva messaġġ li għarrfu li Bernarda kienet ħallietna. Għelejt għaliha. Minkejja l-karattru stramb tagħha, kont qtajtha bħala mara ta' prinċipju, serja u lir-raħal kienet tħobbu, dejjem bil-mod partikolari tagħha.

Id-Direttur la wera xi sogħba kbira u lanqas ma feraħ, almenu sa fejn kien jidher. Imma xi ġimagħtejn wara feraħ mhux ftit meta rċieva l-aħbar li Bernarda kienet ħalliet lill-mużew orgni antik li kien ilu fil-familja tagħha għal bosta ġenerazzjonijiet.

Għaddew xi tliet xhur u l-istrument inġieb fil-mużew. Kien orgni uniku. Fin-naħa ta' fuq kellu speċi ta' pjattaforma ċkejkna u fuqha ħames figuri tal-injam, jirrappreżentaw ħames bandisti. Kienu miżbugħa b'kuluri jgħajtu, kull wieħed minnhom iżomm f'idu strument ċkejken. Kien hemm dak tat-trumbetta, ieħor fuq it-tambur, id-daqqaq tal-vjolin u ieħor b'par platti tar-ramm, lest biex ifaqqagħhom mar-ritmu tan-noti. Il-ħames figura kellu bakketta f'idu bħas-surmast tal-banda.

Fil-ġenb kien hemm maqbad li meta wieħed idawru, l-orgni jibda jdoqq waqt li l-pupazzi-mużiċisti jibdew jagħmlu l-mossi fuq l-istrumenti tagħhom bħallikieku kienu huma li kienu qed idoqqu. Dan l-istrument fakkarni f'dik li, bosta snin qabel, fi tfulitna, konna nafuha bħala t-terramaxka li kienet iddur kultant fit-toroq tagħna. Konna noħorġu bi ħġarna aħna t-tfal meta konna nisimgħuha. Kienet taffaxxinana u għalina kienet qisha xi ħaġa maġika u ta' barra minn hawn!

"Dan akkwist straordinarju," kien qalli Bertu meta mort narah xi ftit jiem wara. Imma jkolli ngħid li f'ħarstu stajt ninnota ħjiel ta' dubju. Imma dwar dan ma tkellimt xejn.
"Proset Bert. Sinjal li ħafritlek," għidtlu.
"Ma naħsibx ta. M'għandix idea x'kellha f'moħħha."
"Toqgħodx iddaħħal suspetti f'moħħok, Bert. Issa aħseb biex fuqu jsir ir-restawr meħtieġ ħalli jerġa' lura għall-glorja kollha tiegħu. U ħaġ'oħra, għall-ispejjeż toqgħodx tinkwieta. Dawk jaħseb għalihom il-kunsill. Wara kollox, dan parti mid-dmir tagħna, li nippromwovu l-kultura fil-lokalità."

Xi ftit xhur wara, attendejna għall-kxif u l-inawgurazzjoni tal-orgni ta' Bernarda. Kien hemm bosta mistednin distinti u lejn l-aħħar taċ-ċerimonja, kien xieraq li l-orgni jindaqq. Kulħadd tpaxxa bil-mużika sabiħa u ma stajniex ma niggustawx lil dawk il-figuri żgħar iduru u jdoqqu l-istrumenti tagħhom. U r-restawr kien sar verament b'mod professjonali għall-aħħar.

F'ħin minnhom Bertu ġibidni fil-ġenb.
"Innutajt xi ħaġa dwar il-figura tas-surmast?" staqsieni.
Ħarist għal ftit sekondi lejn il-figura li wrieni u wara ftit għidtlu, "Iva, ta. Dik mara.  Surmast mara mhix ħaġa komuni, almenu jien qatt ma smajtha."
"U tfakkrek f'xi ħadd?" reġa'.
Għall-ewwel tbissimt għax ħsibtu qed jiċċajta.
Meta ra hekk, reġa' qalli, "Le, bis-serjetà qed ngħidlek. Erġa' ħares sew lejn dik il-mara-surmast."

Ħarist aktar bir-reqqa.
"Iva, ta. Tagħti lemħa lil Bernarda," għidtlu.
"Ma nafx jien. Xejn mhi qed togħġobni dil-biċċa," spiċċa jgħidli.

Kont l-uffiċċju meta ħadt it-telefonata. Kien Bertu u kien jinstama' inkwetat mhux ftit.
"It-tifel ta' waħda mill-grupp tal-volontiera li nzerta kien hawn m'ommu dalgħodu, sparixxa. Ilna l-ġurnata kollha

nfittxuh. Fil-fatt għadna kemm għamilna rapport lill-pulizija. Dan żgur xogħol Bernarda. Dik ħaditu!" qalli bil-biża' tinħass sew f'leħnu. "Qaluli li t-tifel fettillu jitla' fuq l-orgni u jieħu l-istikka tad-daqqaq tal-vjolin. Kien ġa pprova jagħmel hekk aktar kmieni u qabditu oħra mill-volontiera. Tgħidx kemm għajtet miegħu. Imma milli jidher, tiegħu għaddiet!"
"U tgħidx ħmerijiet, Bert. Dak mistoħbi x'imkien u ma jdumux ma jsibuh, issa tara."
Imma għaddew xi tlett ijiem u t-tifel baqa' ma deher imkien.

Iddeċidejt li nasal wasla sal-mużew biex inkellem lil Bertu u forsi jirnexxili nikkalmah xi ftit.
"Kif tridni ma ninkwetax. Ejja ħa nurik xi ħaġa."
Imxejna lejn l-orgni. "Ħares sew," qalli.
B'sebgħu ipponta lejn il-pupu tal-vjolin.
"Dak huwa t-tifel li sparixxa," qalli. "Ara, anke l-beritta ta' fuq rasu, milbusa kif kien jilbisha t-tifel, bil-pizz fuq wara."
M'għidt xejn. Lit-tifel ma kontx nafu u l-idea li mara mejta jew figura tal-injam tieħu tifel, tibdlu f'pupazz u ttellgħu fuq l-orgni, għalija kienet idea ridikola.



Imma l-għada bqajt issummata meta fuq il-gazzetta deher ritratt tat-tifel mitluf. Kien fula maqsuma mal-figura tad-daqqaq tal-vjolin. L-istorja ġriet mar-raħal kollu. Il-viżitaturi fil-mużew naqsu sew. It-tfal ma baqgħux jiġu għal-lezzjonijiet u l-volontiera, ħlief għal xi tnejn minnhom, ma resqux 'l hemm.

Għaddew ftit ġimgħat u ma ssemma xejn dwar l-orgni. L-affarijiet dehru li bdew jikkalmaw tant li kont persważa li dak kollu li ġara kien frott tal-immaġinazzjoni ta' Bertu. Forsi kien għejja? Forsi kellu bżonn jieħu vaganza? B'danakollu, it-tfittxija għat-tifel kienet għadha għaddejja.

Ġurnata minnhom ċempilli u talabni mmur sal-mużew għax kellu xi ħaġa xi jgħidli. Qalbi għamlet tikk! Issa biex ġej?
"Tiftakru lil Grezzju, dak li, kull nhar ta' Ħamis kien jiġi jagħti daqqa t'id fit-tindif tal-mużew?"
"Iva, dażgur u kont inħobb inkellmu wkoll," komplejt jien.
"Il-mużika kien iħobbha u spiss kont naqbdu jdawwar il-maqbad ħalli jisma' l-orgni jdoqq u jara l-pupi jiċċaqilqu u jdoqqu. Iż-żewġ volontiera sħabu indunaw li ma kienx magħhom meta ġew biex jagħlqu. Dak il-ħin ma inkwetawx għax basru li kien qabad u telaq mingħajr ma qal lil ħadd. Għal ġimgħa sħiħa ħadd ma semmieh u llum peress li l-Ħamis stennejna li narawh. Imma baqa' ma tfaċċax. Għarrfuni b'dil-biċċa dalgħodu u ..."
Qtajtlu kliemu, "U mort tiġri tittawwal lill-figuri ta' fuq l-orgni, hux hekk?"
"Hekk hu! U ma skantajtx bi ftit meta rajt id-daqqaq tat-trumbetta jixbah perfettament lil Grezzju. Ejja miegħi ħalli tara b'għajnejk."

Waqafna quddiem l-orgni. M'għaraftx x'naqbad naħseb jew ngħid. Għajnejn u xagħar id-daqqaq kienu l-istess kulur bħal ta' Grezzju. Anke kellu għazza ċkejkna proprju fil-ġenb ta' wiċċu, eżatt fejn kienet tiegħu. Minn daqshekk, Bertu kellu raġun.

U kompla, "Issa ersaq ftit 'l hawn u ara tarax bħali," qalli, waqt li ħareġ idu bħallikieku kien se jmiss wiċċ il-figura. Imma dlonk reġa' ġibidha lura donnu kien ħa xi xokk.

Flejt il-wiċċ tas-surmast-mara. Kellha ħalqha mċarrat fi tbissima. Kif qatt ma nnutajtha din qabel? Kont qed nimmaġina? Jew kont qed niddakkar minn Bertu? Forsi r-raġel kellu raġun, anke meta qalli li kien jisma' l-mużika ħierġa mill-orgni minkejja li ħadd ma kien ikun qribu?
"Qatgħetha xewqitha! Dak li riedet! Tkisser ir-reputazzjoni tal-mużew u tkisser lili magħha."

Kienu l-aħħar kelmiet li smajt mingħand Bertu. Dan l-inkwiet kien tah ġewwa wisq. Meta, ftit jiem wara, ġriet l-aħbar li Bertu kien miet b'attakk f'qalbu, kulħadd waħħal fl-orgni.

Xi xahrejn wara mort sal-Mużew biex niltaqa' mad-Direttur il-ġdid. Meta ġejt biex nitlaq ħassejt xi ħaġa tiġbidni lejn is-sala l-kbira. Waqaft quddiem l-orgni għal ftit minuti. Imbagħad middejt il-pass biex nitlaq. Waqaft f'daqqa. Erġajt ħarist. Id-daqqaq tal-platti kellu x-xagħar ta' fuq ħuġbejh folt u goff u kważi kien jiltaqa' f'nofs moħħu.

***

Għaddew aktar minn għoxrin sena u din l-istorja tal-orgni tas-Sinjura Bernarda llum saret parti mill-istorja tar-raħal. Fi żmien l-Għid, il-mużew jitbierek bħalma jitbierku l-kumplament tad-djar. Imma l-orgni jgawdi barka speċjali meta l-Arċipriet jieqaf quddiemu u waqt li jroxx l-ilma mbierek fuq id-daqqaqa ċkejkna, jitlob għal dawk it-tliet sfortunati li sparixxew b'mod misterjuż u li sal-lum, ħadd aktar ma reġa' rahom jew sema' dwarhom.

Lill-Arċipriet smajtu jgħid li darba minnhom, huwa u jroxx l-ilma, deherlu li lemaħ lil dik tal-bakketta f'idha tħares lejh bi tbissima nkejjuża fuq fommha. U ħass tkexkixa bard!

## IS-SETAH BĦALA METAFORA

**Kitba ta' Victor V. Vella**

Meta kont ippublikajt l-ewwel ktieb tiegħi, it-titlu kien *Fis-Setaħ għar-Rwieħ*. Dan l-isem sawwartu biex taħtu ħloqt port ta' konversazzjoni jew ta' tpaċpiċ bejn żewġ nisa emigranti, Karmena u Marija, li fi 30 djalogu ddiskutew il-ħajja ġdida tagħhom u wkoll iqabbluha ma' dik ta' fuq il-gżira li ħallew. Is-setaħ tat-titlu sar bħal pont bejn hemm u hawn, imma l-iżjed għax sar jew ħadtu bħala simbolu/metafora għall-ħajja Maltija.

L-Ingliżi/Awstraljani għandhom il-pub fejn jiltaqgħu u jpaċpċu u jbillu griżmejhom. Aħna bħala Maltin għandna z-zuntier, għandna l-kazin u wkoll is-setaħ. Aħjar ngħid 'kellna' għax id-dinja tbiddlet. Tant tbiddlet li l-kelma 'setaħ' ma naħsibx li tant għadha tinstema' fl-ambjent Malti. Dari speċjalment fl-ambjent raħli Malti s-setaħ kien parti mir-razzett tant li ħa postu fil-kultura Maltija. Għalkemm ma tantx kien jissemma daqs l-għaġin il-forn u ċ-ċumbini tal-bizzilla, xorta kien il-post fejn il-bidwi kien joqgħod jistrieħ waħdu jew mal-familja, jieħu belgħa kafè kollu fond fi skutella mimlija ftiet.

Is-setaħ kien l-iktar parti pubblika tar-razzett. Kien bla saqaf u mkennen bil-ħitan ta' żewġ kmamar li jiffurmaw kantuniera kbira. Għalkemm bla saqaf, għax aħna l-għeluq idejjaqna, is-setaħ kien imkennen mir-riħ, speċjalment mill-Grigal jew mit-Tramuntana kiesħa fix-xitwa u fl-istess ħin miftuħ għas-sirda jew ziffa friska fis-sajf. Fuq kollox barra rdoss, il-ħitan kienu wkoll joffru d-dell speċjalment fis-sajf, u b'hekk kont tista' tużah kull staġun. Kien ikun fit-tieni sular fil-livell tal-għorof bil-kċina b'kollox, billi s-sular t'isfel aktarx kien jikkonsisti f'bitħa jew mandra għall-bhejjem. Il-fatt li kien fil-għoli kienet parti mill-arkitettura primittiva tal-pajjiżi tal-Mediterran għax mill-għoli kont tara kollox, il-qasam jew raba' li jkollok u wkoll jiswa bħal fanal biex tara x'qiegħed jiġri. Fuq kollox fejn iż-żiffa tinħass iżjed.

Il-ftuħ, l-għoli u l-kenn/dell huma parti mill-identità Maltija, minħabba l-ajru Malti. B'dan kollu s-setaħ kien post ta' serħ. Fuq kollox, is-setaħ kien il-post tat-tpaċpiċ fejn, wara ġurnata xogħol, wara li tagħlef il-bagħal u l-mogħoż, titla' t-taraġ u tintefa' bilqiegħda fuq xirek fuq żewġ ċanguni tal-franka, tixxotta l-għaraq u tgħajjat, 'Kemm se jdum ma jagħli? U Kelina, imgewzra f'erba' dbielet, tqum tfetfet biex tara l-kafè hux qiegħed ibaqbaq. It -tpaċpiċ jiżdied mar-riħa tal-kafè u iktar jisħon - nispera li mhux wisq! - meta jisħel jiġi Nardu ta' ħdejhom u jindafar fuq iċ-ċint tas-setaħ jirrakkonta jew jivvinta l-istejjer ta' dari bl-għeruq u x-xniexel.

Dan kien ir-ritwal ta' filgħaxija, tal-mistrieħ li jixbah ħafna lil dak ta' nofsinhar li kienu wkoll jiltaqgħu għall-fatra jew l-ikla ħafifa. Jitbiddlu biss l-postijiet għax kulħadd ifittex id-dell jew ir-rwieħ, speċjalment fis-sajf.

Semmejt is-setaħ bħala parti mill-istil tal-bini tal-Mediterran. Kull pajjiż jew kultura għandha jew għandu l-post soċjali fejn tiltaqa' l-familja jew mal-ħbieb jew 'biex tgħid kelma ma' xi ħadd'. Il-Portugiżi għandhom il-*verandah* li l-Ingliżi wirtu bħala *veranda*, jew il-*porch* jew .... Aħna, billi Malta żgħira u l-ispazju hu limitat, għandna l-bjut, il-galleriji u wkoll is-setah li llum spiċċa għax bnewh u sar kamra oħra.

Baqa' biss is-setaħ bħala simbolu jew souvenir tal-imgħoddi. L-iżjed ta' pajjiż li kien jimxi iżjed bil-mod u li n-nies kellhom il-ħin biex ipaċpċu u jistrieħu. U s-setaħ kien il-palk pubbliku fejn ix-xeni ta' kuljum tal-familja, bl-omm tredda' lit-tarbija, jew iddendel l-inxir waqt li tmur tittawwal jekk il-minestra nħarqetx , jew bir-raġel ipejjep pipa tabakk jew ukoll jistrieħ kwarta wara li jieħu naqra nbid li jimmarka. Jekk ukoll ma jorqodx għas-sirda ta' bil-lejl taħt il-kwiekeb, ħalli jindokra l-bettieħ u jisma' ż-żarżir tal-grillu l-lejl kollu.

Kien il-post ta' kulħadd: kien ukoll il-post ta' solitudini... fejn tista' toqgħod waħdek: titlob, timmedita l-kwiekeb, tammira n-natura jew tisma' d-durrajsa tpespes lis-sieħeb.

Is-setaħ sar parti mill-istorja. Għadna narawh biss f'xi pittura ta' razzett bħal dawk tal-pittur Ġorġ Fenech. Il-beraħ tas-setaħ li kien jilqgħek donnu wieħed b'dirgħajn miftuħa spiċċa maż-żmien. Illum il-mostur għeleb il-ftuħ. U kull roqgħa nibnuha 'ħalli ma jarawniex!'






## IT-TFAL FIL-VERSI TA' OLIVER FRIGGIERI U SIMONE GALEA

**Jikteb Patrick Sammut**

Waħda mit-temi li jorbtu flimkien lil Oliver Friggieri u Simone Galea bħala poeti hija t-tfulija. Naraw li t-tfal fil-poeżiji tagħhom jitqiegħdu f'kuntesti jew ċirkostanzi differenti, fosthom ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal, it-tfal u l-immigrazzjoni, it-tfal u s-sistema edukattiva, saħansitra t-tfal u l-mewt.

Fl-1988 Oliver Friggieri kiteb *Poeżija għal Ommi* fejn jimmaġina lil ommu tindirizza lilu meta kien għadu tifel: "Għaliex narak imħasseb/ bid-diqa fuq għajnejk,/ jiem sħaħ tiċċassa tgiddem/ il-pinna bejn xofftejk?" Friggieri adult bħal iħossu ħati għal kemm ommu kienet tinkwieta tarah dejjem maqtugħ għalih waħdu jaħseb u jikteb sa minn bikri. L-omm kienet taħseb li binha kien imdejjaq minħabba xi ħaġa ħażina li għamlet miegħu tant li tistaqsih: "Met'għedtli biex inħobbok/ u jien ma ħabbejtekx?" Però, fuq nota differenti u iktar pożittiva, aktar tard Friggieri adult jistqarr lil ommu: "Tajthieli l-poeżija/ int stess kif jien twelidt,/ il-poeżija f'ġufek/ jien xrobtha bla ma ridt." Kienet l-omm stess li għaddiet lill-iben-poeta sa minn meta kien f'ġufha din il-ġibda lejn il-poeżija u għalhekk anki l-kwalitajiet ta' bniedem sensittiv, żgur mhux "bniedem tal-ħadid". Friggieri l-adult itemm din il-poeżija twila billi jesprimi x-xewqa li jerġa' lura għall-kenn ta' ġuf ommu, imkien fejn hemm il-mistrieħ tant mixtieq.

L-imħabba tal-ġenitur lejn l-ulied tidher ukoll fil-poeżija ta' Simone Galea *Il-Magħmudija ta' Binti*. Kontra dik ta' Friggieri, din ta' Galea hija poeżija ta' xeħta iktar moderna kemm bħala forma kif ukoll tematikament. Galea bħal tipprotesta kontra l-idea tradizzjonali li ladarba l-mara li taħdem issir omm jeħtieġ tħalli l-post tax-xogħol għax inkellha bintha "titla' mgħawġa/ jew b'ħofra fonda f'qalbha." Kontra l-ommijiet tradizzjonali, Galea baqgħet taħdem u fl-istess ħin rabbiet ukoll lil bintha, u dan tgħidu b'ċerta kburija: "Imma aktar ma ħdimt/ binti aktar issaħħet/ u l-fjuri li qtajt/ poġġejthom madwar qalbha,/ saqqejthom tant/ li sal-lum għadhom ma tbilux." B'dan il-mod bintha telgħet mara emanċipata bħal "nisa oħra/ jużaw il-kuluri kollha". Dan tikkonfermah bintha stess meta fl-aħħar strofa tgħidilha: Ma,/ dirgħajk rotob dejjem wennsuni/ u meta ħarist lejk tħares lejn id-dinja/ xewqat il-ħajja/ fawruni."

Ir-relazzjoni bejn il-missier u l-ulied subien terġa' f'żewġ eleġiji 'tewmin' miktuba minn Oliver Friggieri, li f'dan il-każ jikteb dwar żewġ ulied li ma gawdex il-ħajja. Hekk f'*Pellegrin Distratt* (1982) Friggieri jikteb dwar dan "it-tifel li miet qabel twieled", kif naqraw fis-sottotitlu. Naqraw dwar dan ir-rapport li nħoloq bejn missier u iben meta dan tal-aħħar kien f'ġuf ommu, sakemm wasal il-"jum li ma sebaħx" u dan l-iben twieled mejjet. Minkejja din l-assenza, il-poeta-missier jibdel lil dan l-iben fi preżenza dejjiema permezz ta' din l-eleġija li jtemmha b'versi b'saħħthom tassew: "Int qronfla li ma tfuħx, kunjom bla isem,/ u isem bla kunjom, int xejn – int ibni."

Eleġija simili hija dik li Friggieri kiteb fl-1983, intitolata *Ribell Ġentili*, iddedikata lil "tifel li twieled biex imut". Hawnhekk Friggieri-missier jimmaġina lill-ewwel iben li jinsab il-ġenna jsejjaħ lil dan it-tieni ibnu biex jiġi ħdejh: "Sejjeħlek ħuk u sejjaħnielek aħna,/ għażilt li tmur." Dan it-tieni iben ma jismax is-sejħa tal-ġenituri sabiex jagħżel il-ħajja, imma minflok bħal jirribella u jagħżel il-mewt u għalhekk li jingħaqad ma' ħuh. Minkejja l-uġigħ li Friggieri jesprimi bħala missier għal din it-tieni telfa, il-poeta jordna lil dan it-tieni ibnu hekk: "Fittex wieħed wieħed/ u malli ssib lil ħuk aqbadlu idu,/ ħallih imexxik hu, ħuk akbar minnek./ U tintilfux..." Minkejja li fl-immaġinazzjoni tal-poeta-missier l-ulied jinsabu l-ġenna, xorta jibqa' jemmen li t-tifel il-kbir għandu jieħu ħsieb lil ħuh iż-żgħir.

It-tfulija tinħass sewwa fil-poeżija *Ballun tal-Ġilda* ta'




Simone Galea, li din id-darba hija xogħol iktar pożittiv. Il-ballun fit-titlu jfakkar fil-fatt li t-tfal l-ewwel ma jfittxu huma l-logħob u d-divertiment. Hawn naqraw dwar żewġt itfal li jinsabu f'żewġ soċjetajiet jew ċirkostanzi opposti: fuq naħa hemm "Jacob, prinċep żgħir iswed" li jgħix f'"dar miftuħa/ fiha jidħol u joħroġ/ kull min irid."; fuq l-oħra hemm Rafel li "għandu ballun kbir tal-ġilda". Jacob jirrappreżenta lit-tfal tat-Tielet Dinja li huma neqsin minn bosta bżonnijiet bażiċi, fosthom sempliċi ballun biex jilagħbu bih u jgħaddu ftit mill-ħafna ħin liberu li jkollhom. Rafel, min-naħa l-oħra, jirrappreżenta lit-tfal tad-dinja sinjura li materjalment għandhom kollox, imma paradossalment neqsin mill-ħin liberu. Għal Rafel "laħaq daħal il-lejl,/ nugrufun xħiħ daħallu f'daru/ u ħadlu l-ballun il-kbir tal-ġilda."

It-tfal jerġgħu jissemmew f'poeżija oħra ta' Galea, *It-Tfal tal-Ħarifa*. Il-poetessa tagħmel distinzjoni bejn it-tfal li waslu, li huma t-tfal tat-titlu, dawk "li jħażżu s-sentenzi tagħna mal-ħitan/ jimmarkaw b'subgħajhom/ it-turġien li tlajna u nżilna elf darba", u t-tfal li għadhom ma waslux, mela "t-tfal/ tas-sajf, tar-rebbiegħa, tax-xitwa... irwieħhom fjuri,/ baħar fond, xemx tisreġ,/ il-kuluri kollha ta' bejnietna." Dan donnu kuntrast bejn dawk it-tfal li kibru qabel il-waqt u tilfu l-gost u s-sabiħ tat-tfulija ladarba tgħallmu sa minn bikri jimitaw lill-adulti, u dawk it-tfal li baqgħu liberi mill-iskemi limitattivi tal-adulti u b'hekk kibru id f'id mad-dinja naturali u fl-istess ħin tgħallmu japprezzaw il-veru sabiħ tal-ħajja. Hemm min qal ukoll li t-tfal tal-ħarifa jistgħu jkunu dawk li jaħsbu eżattament bħall-ġenerazzjonijiet ta' qabilhom, mela kibru bħal pappagalli, bla ebda ħsibijiet li huma verament tagħhom, mentri t-"tfal l-oħra" huma dawk li ttellgħu f'ambjent fejn tgħallmu jaħsbu għal rashom, indipendentement, u b'hemm jafu jkunu kreattivi u jħaddmu l-ħsieb liberu u kritiku. Galea tistaqsi meta se jaslu dawn tal-aħħar, mela bħal donnha qed tistaqsi wkoll meta se jkollna sistema edukattiva li verament tgħallem lil uliedna jaħsbu b'moħħhom u jkunu jafu verament jagħżlu bejn tajjeb u ħażin, utli u mhux, u l-bqija.

It-tfal huma tema importanti kemm fil-poeżiji ta' Oliver Friggieri kif ukoll f'dawk ta' Simone Galea. Huma dawk li magħhom jidħlu fi djalogu l-adulti jew il-ġenituri; huma dawk li sa minn żmien bikri jġarrbu t-tbatija jew iċ-ċaħda; huma dawk li saħansitra ma jirnexxilhomx jidħlu f'din id-dinja tal-ħajjin biex b'hekk jinqabdu fil-kurrenti pożittivi u negattivi li jġorruhom matul ħajjithom. Jinħass sew li ż-żewġ poeti, minkejja li jintrabtu ma' żewġ ġenerazzjonijiet differenti, jgħinuna nirriflettu sew dwar din il-fażi tal-ħajja, it-tfulija, minn perspettivi differenti.

## RIBELL ĠENTILI (silta)

Kemm hu ħafif, kemm ċkejken,
kemm ċkejken dat-tebut...
Kemm kiefer l-epitaffju:
'Dan twieled biex imut'.

Ribell, din hi l-benniena
u dawn l-ilbiesi sbieħ,
u din hi l-kamra tiegħek,
dan logħob biex tilgħab bih.

Int ġejt w int mort, ribell. Issa fil-folol
ta' nies u nies fil-ġenna bajda tiegħek
hemm wiċċ li jixbhek. Fittex wieħed wieħed
u malli ssib lil ħuk aqbadlu idu,
ħallih imexxik hu, ħuk akbar minnek.
U tintilfux; obdini, jien missierek.

**OLIVER FRIGGIERI**
(Minn *Oliver Friggieri. Poeżiji*, Mireva, 1988)

## BALLUN TAL-ĠILDA

Ġejt narak fir-renju tiegħek
Jacob, prinċep żgħir iswed
dar miftuħa
fiha jidħol u joħroġ kull min irid.

Meta tlabtni ballun tal-ġilda
biex tgħaddi l-ħin
ħrigt l-arloġġ tad-dinja tiegħi
spjegajtlek, dak trid taħdem għalih.

Rafel, għandu ballun kbir tal-ġilda
jilgħab kull nhar ta' Sibt
fil-grawnd imdawwar b'xibka.
Fih mhux kulħadd jidħol.

Ried ftit żmien ieħor jilgħab kieku
imma fil-ħin tad-dinja tiegħi
laħaq daħal il-lejl,
nugrufun xħiħ daħallu f'daru
u ħadlu l-ballun il-kbir tal-ġilda.

**SIMONE GALEA**
(Minn *xi drabi mqar persuna*, KKM, 2011)





Xellug: Amante Buontempo; Lemin: Charles Magro

## TIFKIRA TA' ŻEWĠ POETI LI ĦALLEWNA FL-24 TA' ĠUNJU TA' SNIN DIFFERENTI

*Ix-xahar ta' Ġunju huwa marbut mal-mewt ta' żewġ poeti li kienu marbutin sewwa mal-Għaqda Poeti Maltin. Nhar l-24 ta' Ġunju 2004 kien ħalla din id-dinja r-Rev. Mons. Amante Buontempo, fundatur tal-Għ.P.M. (1975), President għal tant snin u aktar tard President Onorarju tal-istess għaqda. Huwa kiteb poeżiji bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan, flimkien ma' drammi u proża. Min-naħa l-oħra, Charles Magro ħalla din id-dinja fl-istess data, imma fl-2016. Anki huwa kien segretarju tal-Għaqda Poeti Maltin għal tant snin, biex aktar tard sar ukoll President tal-istess Għaqda. Ħadem bħala għalliem u assistent kap ta' skola, fi ħdan l-MUT u s-CMTU. Kien jikteb poeżiji fit-tliet ilsna u anki proża. Hawn issibu żewġ poeżiji mill-pinna taż-żewġ poeti biex titfakkar il-memorja tagħhom.*

## X'QED JIĠRI F'DAL-PAJJIŻ!...

Biex taħbi x-xkiel tal-qgħad, u l-kotra tibla'
li kollox miexi sew, ħloqt il-problemi
li ma jinħallu qatt. Serquli seh'mi,
u tridni nqis bħal ġieħ kull skart ta' żibla.

Ħtaft il-poter u ma tridux jintilef,
u sa kasbart il-ħaqq li ħtart bi kliemek;
imm'issa tlift il-kredtu minn quddiemek,
u sibt warajk id-dejn li jaf jinsilef.

Nixtieq kont nista' ntik kull ma jifridna
mill-bqija tal-bnedmin, biex tgħaqqad miegħi,
tant id-dell ta' xi siġra mingħajr friegħi,
il-kliem li tħobb tgħid int, u qed jeqridna.

X'qed jiġri f'dal-pajjiż! Kont nafek b'iben
it-Twemmin Malti: w sirt suldat tat-tiben!

**AMANTE BUONTEMPO**
(Minn *Mix-Xquq ta' Qalbi*, 1987)

## FITTIXT IS-SABIĦ

Ħrigt qalb l-għelieqi
u l-ward ma rajtux.
Rajt biss l-għolliq
li mlieni bid-diq.

U mort f'xatt il-baħar
għax qalu li hemm
il-leħen tal-ilma
iċafċaf kemm kemm
jimlieni bis-sliem
tas-sbejjaħ ħolqien.

'Ma jien rajtu kburi,
ikarwat, qalil;
se jaħbat għalija
jekk nibqa' viċin.

Ħarist jien madwari
biex nifli l-uċuħ:
ma rajtx it-tbissima
li twarrad u tfuħ.

Stkerraht nimxi waħdi
qalb dinja krudili,
b'xemx, "oħti", taħraqni,
taħt qamar ostili.

Fittixt is-sabiħ,
'ma jien ma sibtux.
Jew forsi ħbatt miegħu
u bqajt m'għaraftux.

**CHARLES MAGRO**
(Minn *Msiebaħ Mediterranji/Lucerne mediterranee*, Antares, Vincenzo Ursini Editori, 1995)




## L-ANNIMALI UMANIZZATI

**(Noel Cachia, *Ħarsien u Mħabba – Novelli*, Malta, 2023)**
**Jikteb** Charles Briffa

Bosta mill-interess fil-letteratura Maltija kontemporanja jinsab fiċ-ċans li l-kitba tagħti lill-istħajjil biex jimraħ 'l hawn u 'l hemm hu u jipprova jsawwar għamliet ġodda ta' ġrajjiet b'koerenza maż-żmien.

Dawn ir-rakkonti ta' *Ħarsien u Mħabba* rridu naqrawhom għall-appell psikoloġiku potenzjali li għandhom. Il-qarrejja kultant ikunu jridu ftit tqanqil fil-letteratura biex jimxu 'l quddiem fl-għamla ta' ħsieb tagħhom. Noel Cachia jagħti dan it-tqanqil billi jressqilna karattri annimali u s-sitwazzjonijiet tagħhom biex aħna l-qarrejja narawhom b'mod differenti mis-soltu. Għaldaqstant, ir-rakkonti, bosta drabi, jaslulna mill-perċezzjoni tal-annimali – perċezzjoni li hija frott l-istħajjil tal-awtur. U aħna nħarsu lejn it-taqnigħ u t-tiġrib ta' wġigħ u fsid jew kura b'aktar għarfien għax l-awtur jippreżentalna letteratura ta' nuqqas kognittiv ta' familjarità. Il-qarrejja jidħlu f'kuntesti li ma jimxux eżatt mal-aspetti realistiċi.

F'*Ħarsien u Mħabba* (iddedikat lil Oliver Friggieri li ra t-tbatija fost l-annimali bħal dik tal-bnedmin) għandna tlaqqigħ ta' ideat komuni ma' stennijiet individwali jew kulturali. Imma huma rakkonti li jiddiljaw ma' avvenimenti konkreti aktar milli ma' diskussjonijiet astratti. L-emfasi tal-ġabra hija fuq l-azzjoni aktar milli fuq l-introspezzjoni. Imma l-qarrejja serji xorta jitħassbu fuq dak li jaqraw.

Il-karattri Cachia jagħmilhom annimali umanizzati: kapaċi jaħsbu fuq ħwejjeġ konkreti u attwali, kultant b'implikazzjoni morali; u bosta drabi fl-ambjent reali ta' Santa Vendra. U r-rakkonti lill-annimali jagħmluhom ħlejjaq tal-Istorja tagħna, tant li quddiemna l-annimali jidhru donnhom qed jiflu u jagħmlu ħaqq fuq il-kontemporanjetà u l-umanità. Jgħaddu għar-reazzjonijiet emozzjonali immedjati fis-sitwazzjonijiet li jkunu fihom; u dan jagħmluh b'sens komun. Fl-istess ħin l-awtur jesplora x-xeħtiet umani u għalhekk ir-rakkont isir il-vettura li tinvestiga l-morali u l-karattru u li turi li bosta mill-għawġ x'aktarx ġej mill-preżent tagħna.

Il-ġabra avolja hija żgħira, tagħtina varjetà sħiħa ta' temi:

Il-ġenituri jinqdew bl-istħajjil tat-tajr biex jikkontrollaw lil uliedhom żgħar ("Għasfur li Jaf Kollox").

Il-kelba ("Cloudy") trabbi possessjoni fuq it-tifel u tbati meta ma jkunx hemm ħdejha d-dar għax ikun mar jumejn kamp ma' sħabu l-iskawts.

It-tbatijiet tal-ħmar jitpoġġew mal-waqtiet dinjitużi tal-ħmar fl-Istorja ("Il-Ħmar Bieżel u Għaref").

Il-pappagall ("Budgie") jiddeffes fil-firda politika tal-Maltin u fil-firda lokali tal-irħula.

Il-bniedem isalva qattus mill-kesħa ta' barra ("Il-Qattus ta' Wara l-Bieb").

Il-koppja xjuħ bil-ħlewwa tal-ħbiberija jitimgħu l-annimali tal-ambjent ("Mammina") – dan ir-rakkont ifakkarni fi kliem Jack London (1876-1916) li qal: 'Life that lives is life successful, and success is the breath of its nostrils.'

In-nassab kiefer iċaħħad lit-tajr mill-ħelsien tagħhom u jagħmilhom "għasafar-ħabsin" ("In-Nasba").

Meta l-bniedem jikber u jinbidel l-imħabba għall-annimali tinbidel minn dik reali għal waħda virtwali ("Ġerrej taż-Żwiemel").

It-tifel idum biex jifhem il-mewt tal-kelba li kien iħobb, u fl-istess waqt il-kelba tressqilna dehra ta' relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tifel ("Linda").



Noel Cachia

Komunità ta' annimali apprezzaw lis-serduq wara mewtu għax qabel kien idejjaqhom jidden ("Is-Serduq li Baqa' Rieqed").

L-annimali jidhru għandhom intelliġenza straordinarja (bħall-annimali ta' Enid Blyton, 1897-1968), imma nifhmu li kollha qegħdin fl-erja safe tal-istħajjil. Dawn l-annimali jirriflettu l-immaġinazzjoni tal-bniedem. Fl-istess ħin din il-ġabra ta' Cachia tfakkarni fir-rakkont ta' J.J.Camilleri (1928-2012), "Il-Verdett" fejn naraw li l-qerda li l-bniedem qiegħed iġib fuqu nnifsu hija ġrajja ta' bosta niket meta titressaq mad-dehra tal-bhejjem li bejniethom jafu jġibu ruħhom wisq aħjar u naturali.

L-annimali umanizzati lill-awtur jagħtuh aktar liċenzja immaġinattiva meta jqegħedhom f'sitwazzjonijiet partikulari f'dinja nofsha umani u nofsha annimali. Cachia jiffittja l-karattri bejn is-sehem tagħhom uman u s-sehem tagħhom annimal skont il-ħtiġiet tal-plotts. U b'hekk, fir-responsabilità artistika tiegħu, jispjega lill-bniedem.

Bħal fil-kotba li ppubblika qabel, Cachia f'din il-ġabra jippreżentalna rakkonti miktubin bil-lingwa ħajja tagħna tal-lum. U qiegħed fl-istil letterarju tiegħu l-fatt li jagħżel li jkun sempliċi (mhux kumpless jew akkademiku). U dan l-istil iħaddan elementi tal-esej jew rapport narrattiv li jinqeda ħafna bid-deskrizzjoni biex ilibbes l-antropomorfiżmu. Barra minn hekk, parti mill-kreattività tiegħu narawha fit-tħaddim tad-diminuttiv u l-plural biex joħloq forom mhux tas-soltu bħal "ħmajjar" (p.20), "qtajtes" (p.27), "kanjolini" (p.30), "papretti" (p.32), "għasajfra", "ħmejmiet" (p.33), "żwejmel" (p.39), u "srejdeq" (p.54). B'dan l-istil, fil-fantasija tispikka x-xeħta ta' antropomorfiżmu bħala element tar-rakkontar għax f'dawn ir-rakkonti l-annimali jieħdu sentimenti umani u jidhru qishom bnedmin, imma fl-istess ħin iressqulna xejriet ta' estrangement kognittiv.

Id-dehra ta' Krista li qiegħda tistenna lill-kanarin jiġi wara li kien ilu li tar "liberu fil-wesgħat tal-ispazju" (p.10) nistgħu neħduha figurattivament għall-awtur li jistenna lehma jew tqanqila li twasslu għal xi xena oħra ta' ħsieb.

## ĦUTA

Wara ma nafx kemm snin
erġajna ltqajna, u għal minuta
konna aħna - int kont raġel
jien kont mara.

B'wiċċ wieħed int tbissimtli
minn żgħożiti, bl-ieħor tlabtni
naqlilek ħuta, u leħnek
kellu r-riħa ta' xatt il-baħar.

Fommok ħassejtu bħall-ilma
sħun dwar saqajja ħafja
u l-qamar kien abjad daqs sidri
xħin tlaqt nistad.

Iżda x-xemx ta' kuljum
tnixxef kollox, kemm qamar,
kemm ilħna, kemm kliem
li jittajjar mar-riħ.

Wara ma nafx kemm snin
ma nafx min int u kemm
għandek uċuħ, ma nafx
min jien li ntlift fil-kliem.

Ħut mejjet, jgħidu, jitla' f'wiċċ l-ilma
u llum rifless ġo wiċċi
hemm ħuta, ħalqha mbewwaq,
b'għajnejn ta' mara

tfexfex f'għadira mal-blat.

**MARIA GRECH GANADO**
(Minn *Monografija*, Sensiela MATSEC, 2010)






## *FJURA TAS-SABBARA, FJURA TAX-XADINA* (KKM, 2023) – Traduzzjoni mit-Taljan ta' Mark Vella

**Jikteb Patrick Sammut**

Ma ninsewx li dan hu rumanz li oriġinarjament inkiteb fil-lingwa Taljana - *Fiore d'agave, fiore di scimmia* (Laurana Editore, 2020) minn kittieba minn Sqallija li tgħix Malta, Irene Chias, imma li ġie tradott għall-Malti minn raġel, anki hu kittieb u bniedem b'esperjenza fil-qasam tal-editorija. Sa mill-Prologu l-qarrej jistaqsi min eżattament qed jikteb, u min hu Max, il-persuna indirizzata? Jistaqsi wkoll jekk dan hux rumanz jew saġġ filosofiku li b'xi mod jittratta l-fantaxjenza, is-sitwazzjoni mwiegħra li l-bniedem jinsab fiha llum, u l-futur li xejn ma jipprometti għalih.

Ladarba nibdew il-kapitli proprji, insiru nafu li n-narratriċi, Adelaide, hi awtriċi ta' rumanzi distopiċi, imma tintalab biex tikteb rumanz għan-nisa. Fl-ewwel kapitlu titkellem dwar l-istess letteratura u kif tiġi milqugħa mill-pubblikaturi, skont jekk min jikteb hux raġel jew mara. Nagħrfu li Max hu l-aġent Kalabriż ta' Adelaide, u bħalha hu min-Nofsinhar tal-Italja imma jgħix f'Milan. Adelaide tiddikjara li se tikteb rumanz għan-nisa mimli b'sens ta' "sicilitudine", kunċett li jorbot flimkien l-idea ta' solitudni ma' dik li tkun minn Sqallija. (17)

L-awtriċi Irene Chias tilgħab bl-ambivalenza tal-personaġġ Adelasia (fir-rumanz li qed tikteb Adelaide hi Adelasia li tmur lura fid-dar antika tal-familja materna f'Rocca Musciaro) u Adelaide (li qed tikteb ir-rumanz bħala adulta f'Sant'Angelo Muxaro). Dan bħal joħloq kitbiet li jimxu parallelament, imma anki r-rumanz ġewwa r-rumanz: hemm partijiet fejn Adelaide tikteb fl-ewwel persuna, oħrajn fil-korsiv dwar Adelasia, fit-tielet persuna singular femminil. Il-veru rumanz hu miġjub fil-korsiv: min qed jikteb jiddikjara li hu xogħol awtobijografiku ladarba "jien u nikteb skont ma jiddettawli l-fantażmi..." (17) Hemm ukoll l-idea tal-mera: fuq naħa l-personaġġ maħluq, ir-rifless (Adelasia Luigia), fuq l-oħra, id-dinja t'hawn (Adelaide Luisa).

Dwar ommha Adelaide tikteb hekk: "Ommi kienet kumplessa. Kien jirnexxilha tkun kritika, ironika, doċli, qalila, kiefra, dħulija, sarkastika. Kollox bis-saħħa ta' reġistru lingwistiku li kienet tiddeċiedi li taddottah skont iċ-ċirkostanzi..." (51) Inħoss li dan hu dak li qed tagħmel anki Irene Chias f'dan il-ktieb "kumpless". Tikteb ukoll dwar id-djalett Sqalli fuq naħa, u fuq l-oħra, il-fenomenu tat-"Taljanizzazzjoni furzata" (54) ta' ċertu kliem.

Hemm il-kuntrast bejn l-ispazju metropolitan ta' Milan, u dak marbut mas-Sud u mal-baħar ta' Agrigento. Kuntrast ieħor huwa l-interess fid-distopiji u l-fantaxjenza (il-multivers) fuq naħa - dwar il-fantaxjenza naqraw li "għandha dan l-aspett affaxxinanti tal-arkeoloġija tal-immaġinazzjoni..." (137) -, u fuq l-oħra, ir-rabta mal-istrati differenti tal-Istorja imgħoddija u l-ispazju tas-Sud magħmul minn irkejjen u monumenti marbutin ma' popli u ħakkiema antiki.

Titħaddem spiss il-parodija, imma anki l-element tal-metaletteratura ladarba Chias tikteb dwar il-kitba kif tiġi reċepita mill-qarrejja u tistaqsi jekk hemmx differenza fil-ġeneru fejn tidħol il-kitba tal-letteratura. Dan jintrabat ma' kliem Adelaide lill-aġent letterarju tagħha dwar il-kanonu letterarju: "... il-kitba femminili ma teżistix. Teżisti però l-esperjenza femminili, li mara nimmaġinaw li tafha, imma mhux bilfors, aħjar minn raġel." (96) F'rabta mal-karattru femminili jissemmew kittieba nisa bħal Patricia Highsmith u Marguerite Yourcenar. Tixref ukoll il-mistoqsija: tista' mara tkun il-protagonista ta' storja tal-umanità u mhux neċessarjament tal-femminilità? Però Chias tfakkarna wkoll li, "Bosta rġiel kellhom jivvintaw psewdonimu femminili biex jiktbu r-roża, filwaqt li bosta nisa kellhom isibu psewdonimu maskili sempliċiment biex jiktbu." (107)

Il-lingwaġġ isir wieħed tekniku għall-aħħar meta n-narratriċi tikteb dwar speċi differenti ta' primati (l-ispeċi bonobo u s-soċjetà matrijarkali tagħhom) u r-relazzjonijiet bejn is-sessi. Hu hawn fejn il-kitba toqrob lejn is-saġġ xjentifiku u femminista. U dan jintrabat ukoll mal-aħħar parti tar-rumanz intitolata "Jien u x-Xadina", li tieħu forma ta' trattat jew studju dwar il-primati u ċerti differenzi bejniethom, xi drabi mqabbla anki mal-bniedem.

F'paġna oħra n-narratriċi tikkummenta dwar ċerti




ambigwitajiet li jistgħu jinħolqu meta wieħed jittraduċi minn ilsien għal ieħor. In-narratriċi tinsisti ħafna fuq ir-relazzjoni li trid iżżomm bejnha u l-qarrejja nisa tagħha. Hemm għalhekk drabi meta l-qarrej iħoss li dan hu xogħol letterarju ibridu, magħmul minn bosta frammenti li b'xi mod u bil-mod jaslu biex jiffurmaw ħaġa waħda u magħquda. Dan ta' Chias hu anki xogħol riflessiv, bħal awtopsja, mela dwar kif jista' jinbena u jieħu l-forma rumanz tan-nisa.

Wiċċ ieħor ta' dan ir-rumanz hu dak eko-ambjentalistiku: jissemma l-fatt li l-popolazzjoni dejjem qed tikber u l-konsum tar-riżorsi naturali hu bla kontroll. Tissemma l-pjaneta Mars bħala pjan B ladarba neqirdu d-dinja tagħna, imma lejn tmiem ir-rumanz taħkem l-idea li l-umanità ma ħaqqhiex tabita pjaneti oħra ladarba qerdet l-istess pjaneta li tgħix fuqha. Aktar tard, f'kapitlu 12, issir denunċja ambjentali kontra l-kimiċi mormija fil-baħar u taħt l-art li ħolqu eluf ta' morda bil-kanċer fi Sqallija, u dan paradossalment, minn industriji li jagħtu x-xogħol lill-eluf. Jissemmew ukoll in-nukleari u r-radjazzjoni elettromanjetika fl-Italja. Huwa hawn fejn dan ir-rumanz imiss ġeneru letterarju ieħor: it-thriller politiko-ambjentali-terroristiku. F'kapitlu 26 naqraw ukoll dwar demopsikoloġija, ekonomija u ekoloġija, u l-bżonn għar-ritorn tad-demografija jew bilanċ bejn l-ekonomija u l-ekoloġija; imma anki dwar l-inutilità tal-psewdoinizjattivi li qed isiru biex taparsi jsalvaw l-ambjent. Dan, ma ninsewx, hu kollu parti minn Irene Chias bħala ġurnalista. Hemm ukoll drabi meta n-narratriċi-awtriċi tesplora l-ġeneru letterarju porno-erotiku (kapitlu 8). Hawn jissemma Boris Vian, kittieb Franċiż kontroversjali u awtur ta' rumanzi parodiċi ta' natura kriminali.

Il-parti aħħarija ta' kapitlu 7 li hi fil-korsiv, hija tifkira tal-kxaxen tal-iskrivanija antika tan-nanna min-naħa ta' Adelasia. Dil-biċċa għamara, imsejħa "kaxxa tas-sigrieti", tixbah lil dan ir-rumanz magħmul minn tant kompartimenti żgħar li jinkixfu u jinfetħu bla mistenni u jitfgħu dawl fuq aspetti differenti. Bħall-kxaxen-kompartimenti sigrieti, anki l-kapitli ta' dan ir-rumanz mhux tas-soltu huma "esplorazzjoni" dwar familja, persuna/i, ġeneru letterarju jew ġeneri letterarji partikolari. Adelaide tiltaqa' ma' xi parenti tagħha u ssir taf bis-sitwazzjoni attwali tagħhom: min kellu jemigra biex isib ix-xogħol, min bla xogħol u ta' 40 sena għadu jiddependi mill-ġenituri, u min hu gay u mhux aċċettat. Dan hu anki rumanz ta' ritorn lejn l-ispiritwalità u l-familja, ta' laqgħat mistennija u mhux mistennija, u ġineoloġija femminili.

Mela hi "esplorazzjoni" anki fis-sens li dan hu rumanz ta' awto-għarfien, anki permezz tal-għarfien tal-antenati tagħna. F'dan ir-rumanz li għandu mid-djarju, fil-parti miġjuba fil-korsiv jerġgħu jissemmew djarju aħmar bi ftit sinjali li ma jagħmlux sens, u ieħor blu b'iktar kitba, daqqa kaotika u daqqa mhux. Jista' jkun ukoll li dan ir-rumanz jieħu xi ftit mill-ġeneru investigattiv ladarba Adelasia tfittex xi jfissru eżattament ċerti dati jew marki tal-punteġġjatura fid-djarji tal-antenati nisa tagħha.

Hemm ukoll partijiet li huma riflessjoni fuq x'kienet l-Italja – u anki Sqallija – fis-snin '50: soċjetà patrijarkali, arretrata u mudlama, b'tentattivi ta' ċaqliq min-naħa ta' "nisa irregolari jew ta' mġiba devjanti." (62)

Hemm ukoll ir-rakkont tal-imħabba permezz tar-relazzjoni bejn Adelasia u Salvatore u dik bejn Adelaide u Simone, biż-żewġ koppji jżuru nekropoli.

Isiru bosta referenzi intertestwali matul dan ir-rumanz: jissemmew kittieba varji tal-fantaxjenza bħal Philip K. Dick, H.G. Wells, Asimov, Clarke, L.D. Brackett u Bradbury; issir referenza għall-kummissarju Montalbano (37), personaġġ ewlieni fir-rumanzi tal-kittieb Sqalli Andrea Camilleri; Judith, fix-xogħol ta' Virginia Woolf; Lovecraft; Katherine Burdekin u r-rumanz fantaxjentifiku u distopiku tagħha - *Swastika Night* (1937) - li ħareġ qabel *1984* ta' Orwell; anki ismijiet miċ-ċinematografija bħal Polanski u Cronenberg meta jiġi ttrattat il-kunċett tal-*autofiction*. F'kapitlu 24 Adelaide kittieba tikteb kapitlu ta' natura komparattiva billi tqabbel ix-xogħol fantaxjentifiku tagħha ma' dak ta' kittieba li eżistew fir-realtà, fosthom Orwell u Dick.

Wieħed jista' jazzarda jgħid li dik ta' Adelaide hi ġlieda kontra Max biex hi tkun tista' tikteb b'mod ħieles, mhux kif jiddettalha hu. It-telefonata-tilwima lejn tmiem ir-rumanz bejn l-aġent letterarju Max u Adelaide hi serja imma fl-aħħar mill-aħħar għandha anki mill-komiku, u dan ironikament waqt li tissemma t-traġedja Griega. Adelaide tispiċċa billi tiddikjara l-indipendenza tagħha bħala kittieba. Daqskemm mhux tad-daħq it-titlu li Max jissuġġerixxi għar-rumanz ta' Adelaide! Mela hu anki rumanz li jimraħ fl-ispazju bejn il-libertà fuq naħa, u l-biġottiżmu fuq l-oħra, b'Adealide tistqarr, "Jiena jien, u nikteb dak li nikteb kif niktbu." (179) Fil-kitba tar-rumanz tan-nisa Sqalli Adelaide timxi bejn żewġ estremi: ir-romantiċiżmu tradizzjonali fuq naħa, u fuq l-oħra elementi oħra minn tagħha li jitbiegħdu min-normi ta' ġeneru bħal dan. Chias bħala ħassieba tikteb rumanz riflessiv li spiss tinħass il-ħtieġa li terġa' taqrah jew taqra bil-mod dak li huwa miktub fuq il-paġna biex tifhem aħjar ħsiebha. Hija wkoll storja ta' falliment ta' relazzjoni ta' mħabba proprju għax m'hemmx is-skiet. It-tmiem għandu mill-fantaxjentifiku – hemm l-idea tat-tarbija tikber fil-ġuf meqjusa bħala mostru aljen - u huwa provokattiv, mela jista' jaħsad lil ċerti qarrejja.




## L-EWWEL VOLUM FIS-SENSIELA LETTERATURA KLASSIKA MALTIJA: *IL-FIDWA TAL-BDIEWA* TA' NINU CREMONA

**Joseph P. Borg u Dr Sergio Grech Edituri**

**L-għan ta' din is-sensiela**

Il-ħsieb li l-Akkademja tal-Malti tippubblika sensiela ta' kotba li jiġbru l-qanun tal-klassiċi tal-letteratura Maltija jmur lura għas-sena 2013. Il-qanun huwa forma ta' għażla imma tajba kemm hi tajba din l-għażla, bil-parir taż-żmien ikun jeħtieġ li tiġi aġġornata, għax l-ebda qanun ma hu assolut u jiddependi kemm huma b'saħħithom il-kriterji li jimxi fuqhom.

L-Akkademja kienet ħatret kummissjoni u għalkemm l-istudji kritiċi ta' Prof. Oliver Friggieri jistgħu jservu ta' riga tajba għal żminijietna, b'danakollu l-proġett inħass riskjuż. Maż-żmien ix-xogħlijiet magħżula jkun jeħtieġ li jitnaqqew biex fejn hemm bżonn jitwarrbu wħud u jidħlu oħrajn. Il-fatt li trid tinkludi lil xi wħud u tħalli barra lil oħrajn hija dejjem ħaġa riskjuża.

Għaddew is-snin imma l-idea ma mititx fuq ruħ ommha sakemm il-ħsieb ħa direzzjoni oħra: li l-Akkademja – bi sħab mal-Klabb Kotba Maltin – tibda tippubblika sensiela lussuża ta' kotba klassiċi Maltin, bi studju u annotazzjoni fejn meħtieġ. Tkun edizzjoni numerata b'legatura xierqa li tħajjar mhux biss lil kull min għandu għal qalbu l-ilsien u l-letteratura Maltija imma wkoll lill-kolletturi tal-kotba u tal-Melitensia.

B'din is-sensiela l-Akkademja tittama li se nkunu qed nagħtu sinjal ta' liema huma l-klassiċi Maltin. Ġietna wkoll l-opportunità f'waqtha meta l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ħabbar li bis-saħħa tal-Fond Malti tal-Ktieb 2022 kien se jagħti l-għajnuna finanzjarja meħtieġa għall-pubblikazzjoni ta' edizzjonijiet ġodda ta' kotba li huma *out of print*.

Il-Kunsill tal-Akkademja tal-Malti ħatar bord editorjali li sabha aktar faċli biex jagħżel dawk ix-xogħlijiet letterarji li llum huma meqjusa bħala xogħlijiet klassiċi imma mhumiex daqstant aċċessibbli, ħlief fil-libreriji u l-kollezzjonijiet privati.

Il-bord editorjali huwa magħmul minn Joseph P. Borg u Dr Sergio Grech, membri fil-Kunsill bir-responsabbiltà ta' Edituri tas-sensiela, flimkien ma' tliet membri oħra: Dr Josette Attard, Leanne Ellul u Trevor Żahra. Is-Sur Joseph Mizzi, Direttur ta' Midsea Books Ltd | Klabb Kotba Maltin jifforma wkoll parti minn dan il-bord editorjali.

**L-għażla ta' *Il-Fidwa tal-Bdiewa***

Ftit tas-snin ilu, l-Akkademja ċċelebrat għeluq iċ-ċentinarju mit-twaqqif tagħha (1920-2020) u din is-sena wkoll qed nimmarkaw ċentinarju ieħor importanti: il-ħruġ tat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*. Isem Ninu Cremona huwa marbut bl-għeruq u x-xniexel mat-tnejn li huma – kien membru fil-Kummissjoni maħtura mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti biex tfassal l-alfabett u mbagħad ħadem ma' oħrajn u fassal ir-regoli tal-grammatika.

Fl-2022 ħabat ukoll il-ħamsin anniversarju mill-mewt ta' Ninu Cremona u għaldaqstant l-Akkademja u l-Bord Editorjali kienu tal-fehma li tkun ħaġa xierqa li bl-ewwel volum ta' din is-sensiela nsellmu lil dan il-pijunier li fi kliem Ġużè Aquilina, għandna nibqgħu nqisuh bħala "wieħed mill-kolonni l-kbar tal-Ilsien Malti" (*Il-Malti*, 1991, p. 22). Mix-xogħlijiet letterarji ta' Ninu Cremona, l-għażla waqgħet fuq *Il-Fidwa tal-Bdiewa* – xogħol kważi minsi mill-ġenerazzjoni tal-lum u ilu nieqes fil-ħwienet tal-kotba għal ħafna snin.

Ninu Cremona kiteb *Il-Fidwa tal-Bdiewa* fl-1914 u deher stampat għall-ewwel darba wara tnejn u għoxrin sena f'*The Teacher* bejn Lulju 1934 – Diċembru 1935 (sar-Raba'



Ninu Cremona

Taqsima). L-ewwel edizzjoni fi ktieb dehret fl-1936 (Empire Press); it-tieni edizzjoni tal-ktieb dehret fl-1948 u t-tielet edizzjoni fl-1968.

Għal din l-edizzjoni twarrbu d-dokumenti storiċi bil-Latin kif ukoll ir-riċensjonijiet li dehru fl-edizzjoni tal-1968 imma nżammu l-"Għanjiet" jew aħjar "Il-Għanja tal-Għannej tal-Ġnejna". Kull volum f'din is-sensiela huwa maħsub li jinkludi bijografija qasira tal-awtur u studju kritiku jew apprezzament letterarju fuq ix-xogħol magħżul mill-bord editorjali.

**Il-ġrajja fil-qosor – u s-siwi tagħha fi żmienna**

*Il-Fidwa tal-Bdiewa* huwa dramm li joħodna fiż-żminijiet medjevali-fewdali meta Malta kienet maħkuma minn Don Consalvo Monroi. Il-Maltin qamu kontrih, qaflu lil martu Donna Costanza fil-Kastell Sant'Anġlu, u talbu lir-Re Alfonso biex jifdu l-gżejjer għal rahan ta' tletin elf fjorin. Għall-ewwel darba, nilmħu l-fidwa ta' nazzjon u l-kisba tal-identità nazzjonali mill-poplu nnifsu, patrijottiżmu b'xewqa waħda – dik li jieħu l-ħelsien u jwarrab kull sinjal ta' skjavitù:

"Ċkejkna ħafna
kienet din l-art minn dejjem u n-nies tagħha
għaxet taħt is-saqajn dejjem ferħana;
il-weġgħa qatt ma ħasset, kielet dejjem
loqom ta' ħobż u l-id ta' sidha lagħqet."

Fi kliem Joe Camilleri, studjuż li ħa ħsieb ifakkar lil Cremona fl-anniversarju li semmejna qabel: "id-dramm isegwi wkoll tifsiliet fejn l-element storiku u mistħajjel, dak patrijottiku, folkloristiku u reliġjuż jitħalltu u jsiru għaġna waħda... il-qalbiena huma l-Maltin li lesti jagħtu ġidhom u jiftaqru għal pajjiżhom... Il-karattri tiegħu mhumiex ġellieda armati u glorjużi. Huma n-nies komuni li Malta qajla ħasbet fihom, imma li fl-imgħoddi storiku tgħakksu huma biex fdew lil arthom. Fi Cremona, dawn in-nies umli, iżda ġenwini, sabu l-interpretu tat-tamiet u tas-sagrifiċċji tagħhom." (*Ninu Cremona 1880-1972*, 2022, p. 25).

**Din ir-raba' edizzjoni ta' *Il-Fidwa tal-Bdiewa***

Il-ktieb ilu nieqes mill-idejn 'il fuq minn 20 sena. Għal din l-edizzjoni, saru bidliet sostanzjali fil-format u fil-legatura b'qoxra ġdida iebsa u l-kontenut tal-ktieb ġie aġġornat mal-ortografija tal-lum filwaqt li twarrbu żbalji tipografiċi li kien hemm fl-edizzjonijiet ta' qabel. Ingħatat attenzjoni speċjali matul il-qari tal-provi għall-metrika għax Ninu Cremona fassal il-Poema Drammatika tiegħu fuq l-endekasillabu (il-vers tal-ħdax), xogħol li sar b'mod metikoluż mill-qarrej tal-provi Chris Giordano.

Filwaqt li nżammu l-illustrazzjonijiet oriġinali flimkien mal-qxur tal-edizzjonijiet ta' qabel, il-ktieb hu mogħni wkoll bi studju kritiku ta' Ġużè Diacono li deher għall-ewwel darba fl-1972 fis-sensiela Melitensia Publications. Bis-saħħa t'hekk, il-qarrej issa f'idejh mhux biss għandu mill-ġdid il-kapolavur ta' Cremona imma jsib ukoll studju li aktarx qajla kien jobsor li jeżisti. L-istess ħaġa tgħodd għall-apprezzament qasir ta' Prof. Oliver Friggieri mislut minn ktieb li llum ukoll mhux fl-idejn – *Ir-Ruħ fil-Kelma* (KKM, 1973). Silta minn dan l-apprezzament tinsab fuq il-qoxra ta' wara tal-ktieb:

Malta li jippreżenta Cremona fil-letteratura tiegħu, hi ta' liema ġeneru hi, hija Malta safja, bla ambizzjonijiet żejda, iżda f'sensiha, bil-qisien ta' x'inhi u x'għandha tkun, medhija bit-tajjeb tagħha, iżda mhedda minn żmien għal ieħor mill-għedewwa ġewwiena u barranija. Dan l-appell ma jinħass imkien aħjar milli fil-*Fidwa tal-Bdiewa*, imxandra fl-1936, fejn it-tnejn u għoxrin persunaġġ, ilkoll ulied l-art, marbutin b'ruħhom u b'ġisimhom mal-ambjent, isiru biċċa mill-ambjent, anzi jiksbu t-tifsira tal-eżistenza tagħhom sewwa sew fix-xejriet tiegħu.

Hemm art waħda, hemm għajta waħda, għad li hemm bosta nies, bosta tnehid, u bosta tbatijiet. U fil-fatt, nemmen li fost il-kittieba klassici Maltin li ntrabtu mal-istorja nazzjonali bħala s-sies tal-ispirazzjoni tagħhom, kif ilhom li għamlu l-aqwa kittieba ta' artijiet oħrajn li bdew joħolqu l-letteratura sekli u sekli twal qabilna, ħadd ma fisser il-moħba tar-ruħ Maltija aħjar minn Cremona.

Din l-edizzjonl-ġdida ta' *Il-Fidwa tal-Bdiewa* tinkludi wkoll glossarju ta' kliem arkajku mfisser bil-Malti tal-lum kif ukoll il-ħames taqsimiet tal-ġrajja mqassra. Hawnhekk tajjeb ngħidu li n-notamenti oriġinali ta' Cremona kollha nżammu mat-test innifsu u jidhru bħala *footnotes*.


Fliegen im eigenen Körper
Deine Lungen füllen & dehnen
Flügel aus rosa Blut, und deine Knochen
leeren sich und werden hohl.
Wenn du einatmest, hebst du ab wie ein Ballon,
und dein Herz ist auch leicht & groß,
schlägt aus reiner Freude, reinem Helium.
Die weißen Sonnenwinde wehen durch dich hindurch,
nichts ist mehr über dir,
jetzt siehst du die Erde als ein ovales Juwel,
strahlend & meerblau vor Liebe.
Nur in Träumen bringst du so etwas fertig.
Wenn du erwachst, ist dein Herz eine geschüttelte Faust,
feiner Staub beschwert die Luft, die du atmest;
die Sonne ist ein heißes Kupfergewicht, das direkt
niederdrückt auf die dicke rosa Haut deines Schädels.
Es ist immer der Augenblick kurz vor dem Schuß.
Du willst & willst aufstehen, aber du schaffst es nicht.
48
Die Verhaftung des Börsenmaklers
Sie brachen die Hände des Musikers,
und als er trotzdem nicht aufhörte zu singen,
erschossen sie ihn. Das kam nicht unerwartet.
Du hast erwartet, daß sie den Dichter kopfüber mit
einem Fuß an der Wäscheleine aufhängen: in deiner Phantasie
hast du sein Haar grün gefärbt. Kunst braucht Märtyrer.
Und dann der Gewerkschaftsführer, die
blühendsten Körperteile mit Elektroden
besetzt, verdrahtet, wie ein
sonderbares zoologisches Diagramm:
wenn du den Mund nicht hältst,
wählen sie den passenden Schrei
für dich. Das ist ein offenes Geheimnis.
Irgendwie hat er es so gewollt.
Wenn du die Zeitung liest – du hast das alles schon gesehen:
die Maschine, die Fingernägel zieht,
die Motoren, das Zubehör,
was man mit der gewöhnlichen Stecknadel alles anstellen kann.
Ganz abgesehen von den Ehefrauen und Kindern.
Wer braucht diese Geschichten,
die zwischen den
Zeilen stehen,
alltäglich und formlos, wie Schnee?
49

# il-Poeżija

MILL-PINNA TAL-MALTIN

## MISSIER NIFTAKAR SEWWA

Missier
kemm għadda żmien
mindu ġejt twassalni l-ajruport
biex nitlaq lejn l-Awstralja
u għadni niftaker sewwa,
ftit kliem
fuq wiċċek rajt id-diqa
u naħlef li kont tibki...
U jien ma bkejtx
nurik li issa kbirt
u għalija tinkwetax
meta nkun sifirt
avolja min-nitfa raħal qatt ma kont ħriġt,
u b'ħarsti 'l quddiem imxejt lejn l-ajruplan
u rajtek iddur lura b'nofs tixjira, ftit kajman
u warajk darba ma ħaristx;
kemm xtaqtek iddur lura
u tiġri biex tilħaqni qabel nitla' l-ajruplan
u twissini bħal dari, kważi beżgħan
biex waħdi mid-dar ma nitbiegħedtx
u taqbadli jdejja
bħal meta ntlift fil-folla
u fraħt x'ħin sibtni
u fuq spalltejk biż-żifna
lura d-dar ħadtni
ħdejn ommi tibki
u ħuti kollha.

**JOE AXIAQ (Awstralja)**

## IMNEJN, SAFEJN!?

(B'appoġġ għal dawk is-siġar kollha li tqaċċtu bla skruplu jew li waslitilhom il-kundanna tagħhom)

Dispjaċir kbir
tara kennet l-għasafar
dell wenniesi għal bniedem
bla skruplu jinqala'
bla ħniena jitqaċċat
u jsir il-baħħ,
il-vojt sieket ta' qabar
dell li min jaf kemm sema'
dell li dejjem wennes
fis-skiet, fil-paċi u bis-sabar.

Mgħaddba u mnikkta
għal dawn l-għeżież ħlejjaq
imċaħħda, misruqa
minn saqaf tant kenni
li min jaf kemm-il qalb
b'werqitu fejjaq
u kemm il-għasfur
lil bejtietu seddaq.

Ma nistax nibqa' siekta
ma nistax nibqa' ċassa
mingħajr ma nitkellem
mingħajr ma nitnikket
kif nista' nittarrax għalkollox
qisu mhu jiġri xejn
u elf darba nistaqsi:
Dil-moħqrija għalfejn?
Din ir-regħba kollha
imnejn, safejn?!

Ilni ħafna narahom
itiru mgerfxin, mifxulin
fi bliet, pjazez oħra
lil dal-ħlejjaq ċkejknin,
u rajt qlub maqsumin
ta' xwejħin mikdudin
għax serqulhom, neħħewlhom
bankijiet u imkejjen
mdellin, msaqqfin
b'siġar għolja wenniesa
b'werqithom ħelliesa, melliesa
imma issa ... meqruda, mitmuma,
ħajjithom ġo qabar, mirduma.

U nerġa' nistaqsi
imnikkta, u sogħbiena:
Dil-moħqrija għalfejn?
Dir-regħba kollha
imnejn, safejn?!

**RITA GATT**

## L-GĦARBIEL

Tfajt kollox ġewwa għarbiel,
bil-ħażin ukoll bit-tajjeb.
Ħawwadthom sew bil-herra
kif ħarrikt l-għarbiel kull naħa.
Ma' kull xengila bdejt nara
it-toqob jinkixfu u jidhru
fit-twettiq tal-ġustizzja fl-għażliet,
kif l-għabra bdiet ittir
ma' kullimkien u l-arja dlonk tiċċara.
Ġbart it-tajjeb u rfajtu bil-għaqal,
'żda l-ħażin maż-żibel tfajtu.
B'hekk, sa fl-aħħar kont għarbilt
dak li nġema' tul is-snin
ta' ħedliet u ndifferenzi.

**SALV SAMMUT**

## UKRAJNA 2022

Għalfejn dil-moħqrija
għalfejn dit-tbatija
fuq tfal fuq anzjani
fuq żgħażagħ fuq nisa tqal?
Xi jġiegħel lil bniedem
li jinsa l-modrija
irabbi l-ħruxija
jiġġenen għar-regħba
għas-setgħa?
U jinsa li x-xemx
Titla' w tinżel
u tobdi rutina
issaħħan
id-dgħajjef u l-għaref
il-fqir lis-sinjur.
Ix- xita tinzel u thenni
lir-raba' min-nixfa
il-pjanti inibbtu u
jferrħu
liż-żgħir u lix-xiħ.
'Mma l-bniedem
li b'setgħat moħħu
kapaċi jsir sid
iħalli lil moħħu jiddallam
jittappan u jħarbat kull ritmu
irid kieku li anke n-natura
jaħtaf u jrieġi.
U jasal biex jeqred
dak stess li jkun sawwar
tul sekli ta' żmien.

**IMELDA SERRACINO INGLOTTT**

## ERĠA' TBISSIMLI

Erġa' tbissimli
kif darba kont għamilt
meta ħanin tellajtni
mill-qiegħ fejn kont inżilt.

Ibqa' kenninni
mir-rħ jonfoħ qalil
f'xi lejl kiesaħ u twil.

Ibqa' ħarisni
illum sew sew bħal dari
mill-għawġ li jħuf madwari.

Ibqa' ħaddanni,
Missier, f'dirgħajk godlija
biex miegħek ngħix il-hena
li int ħejjejt għalija.

**CARMEL G. CAUCHI**

## MILL-ĠDID

Qalbi tingħaqad kumpass.
Sabi fl-ilma ċirku ħass.
Iżda l-qamar eklissat
tefa' d-dlam li qalbi rat.
Int ukoll terraqt fiċ-ċpar.
Fil-kesħa bdejt tħoss l-imrar.
Fl-imħabba ma nafx xi rrid
bħal nerġa' nibda mill-ġdid

Ni - (xtieq)- bda mill-ġdid. /
S "ejja" ħtlek / Għalxejn. /
Leħni rbombja mal-ħitan tal-lambrint. /
Niġri u nara l-passi tiegħi biss. /
U nkompli niġri u ntajjar kull traba /
sa ma nara d-dawl.

**OMAN SEGUNA**

## DAL-LEĦEN

Dal-leħen li nibet fid-deżert,
imlejthuli bil-ħlewwa t'ommi
bħall-għasel tal-miġbħiet.

Mill-baħar tlajt bħall-arzella
u mxejt il-mogħdijiet minsuġa
min-nies li stkennu f'dil-gżira.

Meta lħaqt il-belt ta' fuq l-għolja
stajt tarahom kollha dal-blatiet
mifruxin bħas-sigħat tal-lejl
fuq ibħra żejt taħt qamar rieqed.

Bih noħlom u nislet vrusi
fil-qiegħ l-iktar kiesaħ ta' ruħi
sabiex qalbi timtela bil-hena
bħax-xemx fietla ta' tfulitna.

Kliemek nibqa' nisimgħu anke fil-ħolm:
meta jintfew il-ħġejjeġ tax-xagħri
u tibda s-saltna ta' msiebaħ il-lejl,
dal-leħen jibqa' jidwi taħt il-kwiekeb.

**STEPHEN CACHIA**

## L-AĦĦAR GĦOQDA

il-mewt
l-aħħar għoqda
x'tinħall fil-lazz ta' żarbun
l'issa tgħarraq iterraq, ipassi
f'mogħdijiet imħarbta,
xemx u xita
fi trejqiet mistħajla
sajf u xitwa
jkaxkax, ipassi
f'mixja mixtieqa kemxejn tqajla
qajla titħarrek fi triqtha
f'mixja l'issa tkemmxet
bl-irwiefen iwerdnu, jingħu, jeqirdu
u t-tkaken itakknu, jtektku
fi triqtha jtektku, jtaqtqu
jkattru t-tekdid żorr
tekdid il-mewt
tirmixka x-xorti -
tagħżel lil min sa ssorr
u magħha ġġorr...

l-aħħar għoqda
ħallini nħollha.

**JESMOND SHARPLES**

## XI ĠMIEL TA' SALM

Għomri, jiem il-ħaddiem mikri.
Għomri, nixxennaq għal dell l-ilsir.
Għomri, iljieli dwejjaq missewni.
Nimtedd, nittama li nqum. U li
nixba' nhewden, sa ma jidlam.
Mekkuk jgħaddi ż-żmien bija,
it-tama jtemmli u jfakkarni, li
ħajti buffura riħ, tgħaddi u għajnejja
ma jaqgħux fil-għama, afli ma
jerġgħux jaraw risq.
Għomri hi ħajti u mhux xogħol biss fuq l-art,
imma li norqom u nixtarr Salm li wiżinni.

**JESMOND ZERAFA**

## PUPAZZI TAL-METALL

ma nsejnihiex l-ukrajna-
timsaħ imneħirha ħamrani,
fl-imkatar imxarrba.

ma nsejnihomx it-twissijiet inutli,
tal-imgħoddi wieti,
meta skjerajna l-ġugarelli.

lanqas lir-russja ma nsejna,
li ddimettiet il-minġel u l-mazza,
u għannqet l-impulsi varjati.

insejna nħossu għalihom,
minħabba l-preludju kunċertist.

**MARIO GRISCTI**

## MALL

Urajja Mall ta' tifkiriet –
mogħdija miżuna fuq ġnubha
b'sensiela ta' mfakar,
bħal żewġ kefef tal-miżien
li bejniethom qegħdin jorqmu
lill-miti li sa minn ċkuniti
mlewli sriebet ta' ħsibijiet
tarġa
fuq
tarġa
sena wara sena
ilkoll qed iqisu lill-polz tiegħi
u bħal stimolu kull taħbita
qiegħda sservi ta' riedni
fl-attivita' ta' moħħi.

**MARIO ATTARD**

## F'DEMGĦA

Ħarist lejn ħbub għajnejk
fid-dawl ta' xemgħa
u rajt l-hena ta' qalbek
jilma f'demgħa.

**JOHN MALLIA**

## ILLUŻJONI

Xtaqtek li kont ...

għajn ta' ilma ġieri
f'nofs il-oażi,

palma bi frott imtaqqla
li jista' jtuqni,

l-ewwel raġġ dawl il-għodwa
fuq ramel deh'bi,

żiffa mfewħa tal-lejla
fuq ward il-kaktus,

lejl miegħi b'qamar jiddi
iddommli l-kwiekeb.

Minflok inti kont...

miraġġ,
żgur li mhux ġrajja,
f'deżert il-ħajja.

**LINA BROCKDORFF**

## QTAR

Fejn se mmur jekk nitlef lilek?
M'għandi 'l ħadd fuq min nistrieħ.
Int is-sema u l-art għalija,
l-univers u kulma fih.

Qalbi mtajra xejn mhi mħajra
li tiltaqa' mal-Maħbub
iżda ruħi kemm taħsibha
bil-maqlub!

Ismagħha x'tgħid id-dinja:
'Idra agħmel li jfettillek.
Tkellem biss meta jaqbillek.'

**ĠORĠ BORG**
(Minn *Qtar. 300 Ħsieb mill-Miżieb*, Pubblikazzjoni Preca, 2023

## MEDITERRAN

Malta, f'nofs baħar, fejn mit-Tramuntana
jiġi kultant mill-Etna trab sewdieni
u r-riħ min-Nofsinhar jaf iwasslilna
mis-Saħara ramel fin lewn il-larinġ.
Ma tistax tinsa kemm hi qrib l-Ewropa
waqt li l-Afrika wkoll hi ġara tagħha.
Il-Mediterran, baħar qadim. Dawramejt
idur ma' qalbi bħalma jagħraf jagħmel
ukoll ma' artna sbejħa u maħbuba.
Narawh ħiemed bħal liżar lewn is-sema,
leħnu aħrax nisimgħuh meta jiqliel;
u mal-ħalel li twassal kull buffura
jasal ukoll bla mistenni messaġġ ġdid.
Hu dan il-baħar illi lkoll jgħaqqadna
anki jekk dari xi kultant tlewwimna,
għax issa żmien is-sliem. Fl-aħħar tgħallimna!

**ALFRED CARUANA RUGGIER**
(Minn *Malta. Qawsalla ta' Kulturi/Arcobaleno di culture*, Associazione EspRimi Malta e Associazione E'Valtellina Italia, Malta 2018)

## STESSU FUQ FACEBOOK

Sar moda
li jinbidel spiss ir-ritratt tal-profil.
Jittieħed stessu mitluq alaxanxè
jitberraħ mal-erbat irjieħ tal-voga,
rilassat b'ġin u tonik fuq gabarrè.

Sar l-istil
li stessu jitpaxxa f'xtajta ramlija.
Jilgħaq ir-raġġi tax-xemx pizzi pizzi
bil-ħerqa jistenna minn ħin għal ieħor
ruxxmata likes fuq tilar tal-pastizzi.

Sar il-bżonn
biex jimtela l-baħħ tat-toroq stramani.
Għebet in-nies mill-misraħ mitluq għeri
li battal warajh l-urugan virtwali
f'kaxxa piksilli li biddlu l-isferi.

**RAYMOND C. GRECH**
(Minn *'il barra mill-piIŻMI*, It-tieni volum, 2018)

## GĦOLBOT

Pawlu sofra lil martu sentejn;
Riedet duwa biex togħlob daqsxejn;
    Għalhekk taha flixkun sħiħ
    B'doża doppja ġo fih,
Għolbot doppju u għebet fix-xejn!

**GUIDO LANFRANCO**
(Minn *Ċajt bil-Limerikki*, Wise Owl, 2008)


A ARTE DE PRODUZIR EFEITO

# Versi

LIL HINN MINN XTUTNA

## UMBRIA

Frate Francesco, il tuo respiro
è in questo verde riposante.
Dai poggi e per le valli un'ampia pace
l'anima invade e fa più buona.
A queste soglie di mistero e di preghiera
dell'Umbria fresca e solatia,
curve di morbidi orizzonti
schiudono il tuo sorriso di fanciullo;
in ombre dolci di angoli pensosi
frullano voli di fratelli uccelli;
cantano amore, pace ed innocenza
le bionde messi colme di speranze,
le acque di limpide sorgenti.
Frate Francesco, le parole tue
siano ancora lievito di amore,
e non soltanto all'Umbria benedetta,
ma al mondo che in angoscia vive
per nuovi ordigni che la scienza inventa,
terribili minacce di rovine.
Divina è l'armonia della vita
in questo verde che letizia infonde.
Muovi da Assisi, mite Poverello,
ad insegnare in carità di affetto
che tutti siamo figli della Terra
e tutti aspetta la sorella Morte;
ridona un cuore agli uomini feroci,
tu che ammansisti il lupo ed il sultano,
e porta un ramoscello d'umbri ulivi
ai popoli che sete hanno di pace.

**NICOLA NAPOLITANO**
(Minn *Venti poesie vent'anni dopo*, AliRibelli, 2023)
*L-Italja*

## COLLOQUIO

Padre, dove le ossa
- le tue -
sono finite è inutile
pensare -

perché sono le mie
e mi portano (quasi
gli stessi sintomi)
sulla stessa strada

**GIUSEPPE NAPOLITANO**
(Minn *Gli occhi del lago*, Beqir Muslu, 2021)
*L-Italja*

## PIROTECNIA

Granate tuonanti, sbocciano scie
di coriandoli, arti falciando
e la carne.
Senza nome né senso si chiude la vita
che vale due penny. È un dono
se un braccio ti avanza.
Follia.
La neve non lava racconti scarlatti.
Il cerchio è compiuto. Chi piange
stanotte col cielo le stelle
invisibili?

**LUCILLA TRAPAZZO**
(Minn *Rune. Selected Poems*, AliRibelli, 2022)
*L-Italja*

## THEOLOGY

No, the serpent did not
seduce Eve to the apple.
All that's simply
corruption of the facts.

Adam ate the apple.
Eve ate Adam.
The serpent ate Eve.
This is the dark intestine.

The serpent, meanwhile,
sleeps his meal off in Paradise
smiling to hear
God's querulous calling.

**TED HUGHES**
**L-Ingilterra**
**(Minn *British Poetry Since 1945*, Penguin Books, 1985)**

## CANTO PAESANO

Eccomi qua.
Guardo dalla finestra
e mi vedo camminare per una strada.
Davanti a me tutto è come il vetro.
Conosco ogni cosa come se l'avessi già vista.
Eccomi qua date.
Cammino sul vetro.
I luoghi mi sono noti,
mi è noto il seme delle piante che calpesto,
mi sei noto anche tu.
Eccome, vado lontano.
Oscillo interamente,
dal punto esclamativo all'interrogativo:
sono vivo, fratello!
Ecco, cammino.
È la mia ora.

**NEDELJKO TERZIĆ**
***Is-Serbja***

## THE MINOTAURUS IN THEIR FLIGHT

You are not coming back in the past
to put things back right the broken possibilities
you focus the brain in a flight
and you see that there still is a past
the future that can still be improved

Less time will still fly yet
and in the dream of world
the years will metamorphose in months
the months will be distorted into days
the days will climb down into hours
the hours into seconds

You barely see that

The man freed by the kinetic rigor
admires trough the divided world
how on the Earth are wondering
the minotaurus supervised
with three shadows behind

The fear of the multiplication dilates the pupil
the human beings inhibit the state of mind
pensively of the real birth
in an idea
immense is the need of love

**IOAN BABA**
**Maqluba għall-Ingliż minn Diana Botoaca**
***Is-Serbja***

## ANGELO ANGELICA

Il mio piano non è perfetto
Odio la perfezione
Scelgo l'alata improvvisazione
Nel mio amore non comanda il poi
Io sono il brivido dentro di voi
Bill il Bello vuole farvi ballare
Pulite la pista, tutto deve brillare
E planando dentro una finestra
Con aerodinamica abilità
Come fan Dracula e la regina Mab
Ho soffiato nell'orecchio a un vecchio
Fottutissimo amministratore
Una lettera piena di rancore
Per stanare il giovane Elvis
E ho versato dentro il cuore di Amina
Una gran voglia di cantare
E Lady ora ricorda un locale
Dove trascorse felice molte ore
Con un lui oppure una lei
Amici amanti che ne so
Non sono poi cazzi miei
Io che sono angelo e angelica
Preparo una notte di musica
Spalanco le mie ali e spero
Il cielo è nero, ma lassù
Vedo le stelle e i pianeti
E i voli dei miei fratelli alati
E la galassia dove ci radunammo
Ribelli, per volare fino a voi

**STEFANO BENNI**
***L-Italja***
**(Minn *Dancing Paradiso*, Feltrinelli, 2019)**

## AISLING ('a vision')

He courted her
With a decadent sweet art
Like the wind's vowel
Blowing through the hazels:

'Are you Diana...?'
And was he Actacon,
His high lament
The stag's exhausted belling?

**SEAMUS HEANEY**
***L-Irlanda***
**(Minn *British Poetry Since 1945*, Penguin Books, 1985)**

# Minn Fuq

## 1– Ixkaffa






## *DRAMA GĦAD-DISKUSSJONI* ta' Carmel G. Cauchi, Horizons, 2024

Dawn li Carmel G. Cauchi jsejjaħ 25 *playlets* mhumiex intiżi biex bilfors jittellgħu fuq palk. Fl-*istage-directions* tal-biċċa l-kbira minnhom ma jissemmewx dwal, separju, kwinti, mużika u ħtiġiet oħra marbuta mal-palk. Imma anki fil-ftit każi fejn dawn jissemmew il-*playlets* xorta jistgħu jittellgħu fil-klassi, fil-kamra tal-*youth club* jew fejn jiltaqa' l-grupp. Il-fatt li l-karattri mhumiex tal-istess ġeneru lanqas m'għandu jkun problema. Għax fejn il-membri tal-klassi jew ċentru huma ta' ġeneru wieħed, kollha maskili jew femminili, il-mexxej tal-grupp jista', f'ħafna każi, jibdel l-ismijiet u jagħmel xi tibdil żgħir ieħor, u faċilment jaddatta l-*playlet* skont il-ġeneru tal-grupp tiegħu. Il-mexxejja li għandhom grupp ta' ġeneru wieħed jistgħu wkoll isolvu l-problema billi jirrekordjaw il-play magħżula bil-karattri oriġinali. Il-parti tal-karattri tal-ġeneru nieqes mill-grupp jistgħu jinħadmu minn qraba jew ħbieb bħala *guest actors*. Imbagħad ir-recording (jew mp3) jindaqq fil-grupp bħallikieku *radioplay* u wara jkun hemm xorta waħda d-diskussjoni. Lanqas ma hu meħtieġ li l-karattri bilfors jitgħallmu l-partijiet tagħhom bl-amment. Jista' jkollhom kopja tal-iskritt kulwieħed u jirreċtawha fil-laqgħa tal-grupp billi jaqrawha. Ikun xi jkun il-mod kif jintużaw dawn il-*playlets* hu importanti ħafna li min imexxi jkun ippreparat sewwa. Il-punti għad-diskussjoni wara kull *playlet* mhux bilfors jintużaw kollha. Jistgħu jitnaqqsu, jiġu modifikati jew jinbidlu skont il-ħtieġa. Fuq l-aħħar paġni tal-ktieb issibu indiċi tematiku.  F'dan l-indiċi ssibu t-temi kollha (trattati jew milquta biss) kemm fil-*playlets* infushom kif ukoll fil-punti għad-diskussjoni. Dan jiswa ta' għajnuna biex il-mexxej tal-grupp ikun jista' jagħżel *play* bit-tema li jixtieq.




## *BINT L-EMIGRANT* ta' Charles Buttigieg, Horizons, 2024

Dan hu rumanz li jtul mal-280 paġna u jinqasam f'13-il kapitlu. Olivia, bint missier Malti u omm ta' nisel Taljan, twieldet l-Amerika. Għall-bidu, tfulitha kienet hienja – sakemm fil-familja tagħha seħħet ġrajja li, minħabba dak li ġabet warajha, qallbitilha ħajjitha ta' taħt fuq. Bla qatt mistenni ssib ruħha wiċċ imb wiċċ ma' salt intriċċi u gideb ta' mara bla skrupli. Fil-qalba tal-istorja jkun hemm ukoll tifel, pittura ta' valur kbir li tkun moħbija, mewt traġika misterjuża, testment sigriet, ċertifikat tad-DNA, raġel fil-ħabs, ġojjelli misruqin li ħadd ma jkun jaf fejn qegħdin ħlief minn ħbiebhom, u ittra kunfidenzjali b'kontenut ta' natura kruċjali. Fil-ħajja tat-tfajla jidħlu pulizija, avukati, qassis, miljunarju u martu, investigaturi, bankier, u żagħżugħ Malti li jitfa' għajnejh fuqha. B'kollox idur magħha, Olivia jkollha tissara ma' sfidi kbar fi triq twila u kumplessa li titlob minnha ħafna sabar, għaqal u kuraġġ. Buttigieg isostni li, "F'dak li nikteb, ukoll jekk ikun storja fittizja, jien inħobb ninseġ ideat imnisslin mill-esperjenzi personali tiegħi matul ħajti. *Bint l-Emigrant* jiġbor fih nisġa ta' ħsibijiet li jsibu għeruqhom f'dak li jien sirt naf u skoprejt mill-ħidma tiegħi fost l-emigranti Maltin, fis-snin twal li kont nagħti servizz volontarju fil-Kummissjoni Emigranti, id f'id mal-mibki Mons. Philip Calleja u Mons. Alfred Vella. Rumanz ieħor li twieled minn esperjenzi simili kien *Iż-Żagħżugħ li Ġie mill-Bogħod*, li huwa storja mistħajla ta' refuġjat li ġie jfittex kenn f'Malta. Din ukoll hija storja mnebbħa mill-ħidma twila ħafna li jien għamilt ma' bosta nies li fittxew l-ażil f'Malta u li wasslitni biex inkun magħżul bħala l-ewwel Kummissarju għar-Refuġjati f'Malta. L-iktar li ħdimt kien mar-refuġjati, imma mal-emigranti ħdimt ħafna wkoll. Fiż-żewġ każi tgħallimt ħafna."







## *DAK LI TIŻRA' TAĦSAD* ta' Therese Vella, Horizons, 2024

Dan hu t-tieni rumanz ta' din l-awtriċi. Itul ftit iktar minn 200 paġna, maqsum f'żewġ taqsimiet, 41 kapitlu kollox. Ninsabu fi kriżi dinjija fis-snin futuri tal-2088. Il-pajjiż ta' Mahar, x'imkien fil-Lvant Nofsani, hu taħt il-ħakma dittatorjali ta' MIK. Huwa żmien meta ssir il-Festa Komuni (mhux iktar il-Milied), meta teżisti l-Unjoni Globali, Oħtna l-Kbira. Xuri Abdella hu fost dawk li jsofru inġustizzja li teqirdhom. Darba, b'subgħu ppuntat lejn raġel bilqiegħda f'xarabank, jgħid lil bintu Ania: "Meta mmut, għid dan qatlu lill-papà." Meta kibret, bla ma ppjanat, Ania spiċċat tfittex min kien dak ir-raġel. Iżda, tiskopri li ommha u t-tabib tal-familja setgħu kellhom x'jaqsmu mal-inkwiet li bata missierha. It-tfittxija għall-verità titħallat mal-ħajja ta' kuljum – Ania, *single mother* li żżewġet narċisist u li għeb hekk kif iddivorzjaw. Iżda issa ltaqgħet ma' Kenneth – l-għalliem ta' bintha, Rebekka. X'jiġri meta Ania tasal tagħmel ħaqq mill-passat? Dak li tiżra' taħsad għax kull kawża għandha effett – effett li qatt ma nkunu qed nistennew. Therese Vella titkellem dwar il-problemi li qed jolqtu l-umanità, imma anki lilna l-Maltin, illum, billi mill-futur tħares lura u tara kif dak li qed nagħmlu llum se jinfluwenza l-ġejjieni tagħna. Fost il-problemi msemmija hemm il-kriżijiet ekoloġika u ekonomika, il-kriminalità (serq, droga, prostituzzjoni, traffikar ta' nies, kuntrabandu), il-faqar, u l-vjolenza domestika. Dan hu rumanz li għandu elementi mix-xogħol *Brave New World* ta' Aldous Huxley, imma huwa oriġinali fih innifsu. Therese Vella turina li jasal ukoll żmien meta l-poplu jinduna li min għandu l-poter estrem f'idu ma jistax ikompli hekk, lanqas jekk il-maġġoranza tinxtara bil-flus. Hemm dak il-mument meta trid tiġi l-bidla bilfors u dan billi jinħoloq moviment ta' reżistenza. Apparti l-livell politiko-soċjali, hemm ukoll dak familjari li jintrabat mar-relazzjonijiet umani.

## *MIN NASAB LIS-SUR WILF* ta' Ben Agius, Horizons, 2024

Dan hu r-raba' rumanz ta' dan l-awtur. L-ewwel tlieta kienu *Iben il-Quisling* (2021), *Anġli u Xjaten* (2022), u *Taħt il-Qilla tal-Iswastika* (2023). *Min Nasab lis-Sur Wilf* itul mal-200 paġna u jinqasam fi tliet partijiet ewlenin, 50 kapitlu b'kollox. Is-Sur Wilf, accountant u għażeb ta' mezzetà, jitlef għaqlu wara l-masseuse Filippina Suxi Li. Dan l-aġir iġib miegħu l-għadab ta' zitu Ġulina, ħakkiema u tiranna fuqu mindu kien ċkejken. Ġemma, is-segretarja fidila tas-Sur Wilf, ukoll tħossha ttraduta b'din ir-relazzjoni. Biex jeħles mill-ħakma ta' zitu, Wilf ifittex qattiel minn fuq l-Internet il-moħbi. Iżda ftit basar f'liema basla kien ser jidħol fiha... Rikatt, theddid, u saħansitra qtil. Il-Baruni tal-kriminalità, Elvis Aaron Pisani, irid dak li hu tiegħu, filwaqt li eks Surġent tal-Pulizija korrott qiegħed jipprova jsib tarf din il-kobba mħabbla. Aktar ma jipprova jeħles mill-għawġ li daħal fih, is-Sur Wilf aktar jogħdos 'l isfel fin-nasba... Sigriet mill-imgħoddi jista' jkun il-ħolqa li torbot kollox... u tikxef wiċċ min nasab lis-Sur Wilf. Fi kliem l-awtur, "Dan ir-rumanz huwa miktub fuq stil ġdid u differenti mill-oħrajn li ktibt qabel, u jixbah l-istil tal-Black Comedy. Din it-tip ta' kitba taqbad ġrajja serja u żżewwiġha mal-umorizmu. Dan joħloq taħlita ta' emozzjonijiet, fejn it-tensjoni tar-rakkont tiġi mwittija b'sitwazzjonijiet u diskors li jqabbduk id-daħk. Madankollu, *Min Nasab lis-Sur Wilf?* huwa rumanz thriller, bl-ingredjenti kollha li jagħmel ġrajja eċitanti u li żżomm lill-qarrejja fuq ix-xwiek." Buttigieg ikompli hekk: "L-ispirazzjoni li nikteb dan ir-rumanz ħadtha minn dak li smajt ħafna drabi, fejn persuni 'inġenwi' jaqbdu u jidħlu bl-addoċċ f'basal mingħajr wisq ħsieb. Imbagħad, sabiex joħorġu minn din il-basla jispiċċaw iwettqu żballji akbar. Tema oħra fl-ispirazzjoni ta' dan ir-rumanz hija dik tal-vendetta, u kemm wieħed huwa lest li jinjora l-ħsara li jista' jwettaq sabiex jikseb il-ġustizzja miċħuda."







## *QABEL INGĦALAQ IL-BIEB* ta' Alfred Massa, Horizons, 2024

Dan huwa l-21 rumanz tal-kittieb u poeta prolifiku Alfred Massa. *Qabel Ingħalaq il-Bieb* jinfirex fuq 180 paġna u 21 kapitlu. Kull kapitlu mbagħad jinqasam f'partijiet iqsar u dan żgur jgħin biex il-qarrejja ma jsibuhiex diffiċli jkomplu jaqraw bla ma jegħjew jew jaqtgħu qalbhom. Il-bieb hu simbolu ta' firda għax jifred naħa minn oħra. Imma meta ngħaddu minn quddiem bieb magħluq ta' xi dar, qatt jgħaddilna minn moħħna kemm misteri setgħu seħħew minn dak il-bieb 'il ġewwa? U kemm stejjer ta' ferħ jew ta' niket għandu x'jirrakkonta dak il-bieb? Dan hu dak li Massa jirrakkonta f'dan ir-rumanz. Darba waħda, waqt passiġġata ma' wliedu, Maurice jgħaddi minn quddiem id-dar fejn kien twieled, trabba u għex għal numru ta' snin. Il-mistoqsijiet ta' Kevin u Helga jiħduh lura lejn żmien tfulitu u żgħożitu, li hu kien qatta' wara dak il-bieb. Illum dik id-dar bil-bieb magħluq għandha dehra ta' abbandun, iżda l-istejjer li seħħew fiha għadhom ħajjin: stejjer ta' mħabba, ferħ, niket, qtigħ il-qalb, tjubija, korla, kif ukoll ta' nuqqas ta' ftehim... stejjer li wara kollox iseħħu tista' tgħid f'kull familja. Bħal dejjem, Alfred Massa, bil-mod narrattiv li sirna nidentifikaw miegħu, jaghti tagħrif lill-qarrej dwar dak kollu li fuq medda ta' snin seħħ wara dak il-bieb... illum mitluq u maħmuġ... B'dehra ta' stmerrija... u fl-istess ħin misterjuża. L-istil li juża Massa huwa sempliċi, ċar, b'Malti idjomatiku li joħroġ għall-beraħ l-isbuħija ta' lsienna. Din hi tip ta' storja li tinżel għasel ma' dawk li jħobbu rakkont nadif u bla ħafna kumplessitajiet li jgħejjuk. Ċert li matul dawn il-kważi ħamsin sena li ilu jikteb, Alfred Massa rnexxielu jikseb numru mdaqqqas ta' qarrejja li jkunu qed jistennew bil-ħerqa pubblikazzjoni ġdida tiegħu, u *Qabel Ingħalaq il-Bieb* żgur mhux se jiddeludihom.

## *MISTURA WARA L-KANĊELL* ta' Nunziella Zahra Giglio, BDL, 2024

F'dan ir-rumanz l-awtriċi tħallat elementi li għandhom mill-awtobijografija ma' oħrajn mistħajlin. Toħodna ġewwa orfanatrofju jew istitut għat-tfal immexxi mis-sorijiet, u ż-żmien hu dak tas-snin '70 u '80. Stilistikament għandna taħlita interessanti: hemm partijiet li għandhom mill-gotiku (b'referenzi għad-dinja tal-erwieħ, il-limbu, id-dlam, id-demm), oħrajn mill-ħrafa bi tmiem hieni (bħal meta l-protagonista Nadia tidħol l-isptar għal operazzjoni tat-tunsilli), waqtiet li jnisslu tbissima, oħrajn fejn jaħkem sens ta' seħer u maġija li tant jappella għall-immaġinazzjoni tat-tfal, oħrajn fejn jaħkem il-parodiku (bħad-deskrizzjoni tal-funeral tal-qattus Ginger), filwaqt li partijiet qosra oħra huma vversifikati. Spiss it-tifkiriet irakkuntati hawn jieħdu l-forma ta' għadd ta' mikro-rakkonti inklużi fir-rakkont ewlieni. Hemm drabi meta jinħass sewwa s-sens ta' skoperta - pereżempju l-iskoperta tal-kelma "marżipan" - u stagħġib li jħossu t-tfal malli jġarrbu xi ħaġa tajba jew sabiħa għall-ewwel darba. L-awtriċi tinsisti ħafna fuq l-element "umanità" li hemm fina l-bnedmin, bil-ħażin, imma aktar u aktar bit-tajjeb tagħna. Din t'hawn hija wkoll storja li tirrakkonta l-mixja lejn il-maturità tal-protagonista. F'paġna minnhom naqraw li "t-toqol jaf isawwarni f'mara aħjar." Dan jgħinna nifhmu li l-ħajja wara l-kanċell ma kinitx biss tbatija imma anki esperjenza pożittiva ta' tagħlim, bl-għarfien li l-isbaħ u l-aqwa ħwejjeġ huma dawk li jagħtina l-ħolqien naturali, u li ħafna drabi l-ġenna qiegħda fejn għal snin twal għexna u għadna ngħixu. Il-kanċell mhux biss dak letterali tal-orfanatrofju, imma anki dak metaforiku li jifred lill-protagonista minn ommha mejta.




## *QTAR. 300 ĦSIEB MILL-MIŻIEB* ta' Ġorġ Borg, Pubblikazzjoni Preca, 2023

Hawn għandna ġabra ta' ħsibijiet poetiċi forma ta' mikro-poeżiji - l-awtur Ġorġ Borg isejħilhom qatriet ta' poeżija - li għandhom jinżlu tajjeb mal-qarrejja li jħobbu din ix-xorti ta' kitba b'versi ritmiċi u bir-rima. Ir-rima qatt ma hi sfurzata u toħroġ naturali għall-aħħar, karatteristika tal-poeta li kitibhom. Għalkemm mhumiex strettament poeżiji iżda biss 300 ħsieb qasir ta' mhux aktar minn erba' versi xorta jxabilbu mhux ħażin lejn il-poeżija vera. Xi versi huma ħfief u għandhom forma ta' aforiżmi żgħar. Il-qarrejja għandhom fejn jimirħu ġmielhom bħalma jagħmel farfett li jdur minn fuq fjura għal oħra bil-gost ta' qalbu. Fil-ħajja mgħaġġla tal-lum wieħed iżjed jieħu gost jaqra xi ħsieb qasir milli qari fit-tul. Din allura tista' tkun għażla tajba għal min jaqbad il-ktieb u jaqra minnu fejn u kif jogħġob lilu. Tassew li huma farkiet żgħar - kif kien iħobb isejħilhom il-poeta maħbub Patri Marjanu Vella OFM - iżda meta jolqtu l-qalb ikunu xhieda li fihom ingredjenti tajbin li jistgħu jsostnuk fil-mixja tal-ħajja. Dwar il-kontenut l-awtur fid-Daħla għal dan il-ktieb jikteb hekk: "It-temi ttrattati f'din il-ġabra, dejjem miktuba b'laqta poetika kemxejn sottili, ivarjaw minn kummenti fuq il-ħajja, x'toffri n-natura u mistoqsijiet għarriexa sa aforiżmi, twemmin, imġiba Nisranija u riflessjonijiet spiritwali. Fuq kollox, fil-paġni ta' dan il-ktieb il-qarrejja se jiltaqgħu ma' prinċipji sodi msejsa fuq l-Evanġelju li hu l-mudell eċċellenti ta' għajxien bis-sens u, iżjed minn hekk, mimli bil-ferħ ġenwin li Ġesù biss jista' jagħtina." Dan il-ktejjeb fih ukoll għadd ta' pitturi tassew milquta ta' artisti magħrufa bħal Albert Edelfelt, Vincent van Gogh, Fanny Churberg, Claude Monet, Gustave Caillebotte, Edgar Degas, Winslow Homer, Georges Seurat, Laszlo Mednyansky, Paul Gauguin u Samuel Colman. Huma kollha pitturi ispirati minn xenarji naturali li jnisslu sliem f'ruħ il-bniedem u għalhekk imorru id f'id mal-versi miktubin minn Ġorġ Borg f'dan il-ktejjeb li l-għan tagħhom huwa li jnisslu sens hena fil-qarrejja. *QTAR. 300 Ħsieb mill-Miżieb* huwa ktejjeb ċkejken fl-apparenzi imma fil-fatt huwa rigal kbir ieħor mogħti lilna l-qarrejja mill-pinna ta' dan il-kittieb u poeta Nisrani u membru attiv fis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M.




## *TRIQ L-ARKATA* ta' Augusto Cardinali, BDL, 2023

F'dan il-ktieb ta' 128 paġna li jinqasam f'23 taqsima Augusto Cardinali jiġbor rakkonti u stejjer qosra li ġarrab fi tfulitu. Element ewlieni hija n-nostalġija, imma Cardinali hawn jirnexxilu jerġa' jara l-istess ġrajjiet mil-lenti sempliċi tat-tfulija. Huwa jirnexxilu jpinġi permezz tal-kliem l-ambjent tal-imgħoddi, u fl-istess ħin jintroduċi spiss l-element umoristiku sabiex inissel fil-qarrejja tbissima. Il-ktieb jappella anki għal dawk li għexu wara s-snin '70 ladarba jifthilhom tieqa fuq żmien ieħor li fuqu hija msejsa il-ħajja Maltija tal-lum. Waqt il-qari ta' dan il-ktieb jinħass li hemm il-ħin kollu żewġ forzi jimbuttaw 'kontra' xulxin: fuq naħa t-tfulija bl-innoċenza tagħha, fuq l-oħra d-dinja tal-adulti bl-uġigħ, bil-kumplessitajiet u bl-ambigwitajiet kollha tagħha. *Triq l-Arkata* hu anki album imlewwen ta' personaġġi differenti li ħallew marka fuq ħajjet il-kittieb, karattri li jieħdu wkoll xejra universali ladarba anki l-qarrejja setgħu ltaqgħu magħhom fi tfulithom. Permezz tal-kitba tiegħu Cardinali jwaqqaf il-ġirja taż-żmien u saħansitra jreġġgħu lura. Il-ktieb jagħti pjaċir għax joffri stampa ħajja ta' kif ta' qabilna kienu jgħixu daqs 50-60 sena ilu, imma jintemm b'nota kemxejn malinkonika ladarba jfakkar li matul is-snin naqsu bosta persuni u ntilfu tant ħwejjeġ importanti u sbieħ għal ċerta ġenerazzjoni ta' Maltin. Id-Daħla hija miktuba minn Giovann Attard li jsostni li Cardinali jgħinna "nisimgħu, inxommu, intiegħmu u mmissu dawk iż-żminijiet", u aktar tard jikteb ukoll li tant ħa gost jaqrah li, "Meta spiċċajtu ħassejt li kien qasir."




## *KTIEB TAS-SĦAĦAR*, ta' Rowena Grech, KKM, 2022

Insibu hawn 19-il rakkont, 92 paġna. Dak li tagħmel Rowena Grech huwa li taqbad numru ta' ħrejjef tradizzjonali li min jaf kemm kienu jiġu rrakkuntati min-nanniet jew zijiet anzjani tagħna u ttihom il-laqta oriġinali, kontemporanja u anki gotika tagħha. Mela l-awtriċi titlaq minn dak li hu familjari biex bil-mod il-mod tintroduċi l-element perturbanti li jaf jaqta' fil-laħam il-ħaj. Huma kollha rakkonti mhux twal imma li jħallu impatt jew eku jirbombja f'ras il-qarrej. Grech tambjenta l-ipertesti tagħha fi spazji Maltin, bħall-Università, l-Iżmerċ, Baħar iċ-Ċagħaq, Ħad-Dingli, Wied iż-Żurrieq, Mater Dei, Sant'Anton, u l-bqija. Mela l-awtriċi bħal tagħti libsa moderna lill-ħrejjef klassiċi, tirreċiklahom u tgħaddihom mill-għarbiel tal-kreattività tagħha. Hekk, pereżempju, is-Sbejħa Rieqda ssir it-tfajla li tidħol f'koma wara overdose biex aktar tard jintfewlha l-magni li jżommuha ħajja biex tidħol fil-ħajja eterna. *Is-Sirena ż-Żgħira* tintrabat ma' tematika ambjentalistika, Hansel u Gretel ikollhom jgħaddu xi snin jgħixu maz-zija li ddaħħalhom fid-dinja tal-logħob sesswali, filwaqt li *Ċiklemfusa* tingħata tmiem imdemmi u traġiku. Hemm drabi meta Grech tindirizza direttament lill-qarrejja u ssostni li dawn mhumiex stejjer tat-tfal imma għall-adulti. Hemm partijiet senswali, kif ukoll oħrajn fejn dak li ma jingħadx għandu l-piż tiegħu, bħalma hemm ukoll it-taħlit bejn dak li hu reali u dak li hu fantastiku. Intant, waqt il-qari ta' dawn il-ħrejjef riviżitati, huma ttrattati temi attwali bħall-manipulazzjoni tal-midja soċjali, il-kultura li tagħti importanza lill-apparenza fiżika, il-pornografija, ir-regħba, il-kruha tad-droga, id-dlam tal-injoranza, l-isfruttar tal-minorenni, il-vizzju tal-logħob tal-azzard, l-użura, u l-promiskwità sesswali. Huma kitbiet li jistednuna għar-riflessjoni.




## *FIS-SAJF TA' ŻEWĠT IBLIET*, ta' Salv Sammut, Horizons, 2024

Dan hu l-15-il rumanz li Salv Sammut qed jippubblika f'temp ta' 14-il sena. U dan apparti li l-poeżiji tiegħu dehru f'erba' ġabriet poetiċi differenti mis-sena 2000 sal-2019. *Fis-Sajf ta' Żewġt Ibliet* itul ftit iktar minn 200 paġna u jinqasam f'żewġ taqsimiet, 39 kapitlu b'kollox. Diġà mit-titlu tar-rumanz Sammut ifakkarna fit-tant vjaġġi li għamel matul ħajtu, u għalhekk ma setax jonqos li din tkun tema ewlenija fil-proża tiegħu. Dan ir-rumanz għandu riflessjoni introduttiva mill-pinna ta' Paul P. Borg, kittieb prolifiku ieħor. Hawn naqraw dwar ġrajja fi ġrajja f'relazzjoni romantika li tintemm f'ċirkustanzi mhux mixtieqa, u żewġ karattri li jinqabdu f'labirint ta' emozzjonijiet qawwija. Sitwazzjoni f'waqt ta' disperazzjoni twassal għat-tneħħija ta' ħajja fil-ġuf. Il-qarrejja jistaqsu x'wassal ħlejqa matura tħalli l-belt ta' Ruma u tiġi tgħix fil-belt antika tal-Imdina? Mistoqsijiet oħra huma dawn: Il-preżent jista' jnessi l-passat? Ir-romantiċiżmu jista' jirbaħ fuq il-qrusa ta' esperjenza kerha? U l-abort dejjem inissel sogħba u maħfra? Borg jikkunsidra lil Sammut "bħala awtur magħġun fil-ġrajja soċjali madwarna, li ltaqa' wiċċ imb wiċċ ma' ħafna qagħdiet umani kemm bħala missier fil-familja u fil-ħajja ta' kuljum, kif ukoll bħala trejdjunjonista mġarrab... Bħala awtur Salv Sammut ifittex waqtiet li jweġġgħu u li jaqsmu l-qalb. Kitbietu kollha misluta minn dak li jseħħ u li fl-istess waqt iħasseb madwarna." Borg jinnota wkoll li Sammut jasal għal profondità li mhux lakemm tintlaħaq anki billi jixħet dawl fuq ir-relazzjoni bejn il-bniedem u l-ġewwieni tiegħu. Il-veru għan ta' Sammut hu dak li mill-ħażin joħroġ it-tajjeb, u b'hekk Borġ jikteb li ħsieb Sammut hu li jnissel fil-qarrej ix-xewqa "li b'xi mod isib faraġ u juri sogħba li tittanta teħles u tħaffef il-qalb muġugħa li ma tista' qatt tinsa dak li sar."




**_BELLILOTE U L-BJAR TA' NAPULJUN_, ta' Charles Xuereb, KKM 2024**

Dan hu rumanz fuq żmien il-Franċiżi hawn Malta (1798-1800). Għandu 262 paġna u jinqasam f'14-il kapitlu, bi Prefazju mill-awtur stess u Daħla li tagħtina l-isfond storiku ta' qabel il-ġrajja. Bellilote żżewġet fl-1798, eżatt qabel żewġha imbarka fuq ix-xwieni tal-Ġeneral Napuljun Bonaparti fi triqtu għal Malta u l-Eġittu. F'ġest ta' mħabba libset ta' suldat raġel u imbarkat miegħu. L-Eġittu laqqgħuha ma' Bonaparti u saru jinħabbu. Dawn fatti storiċi. Fil-ġrajja rrakkontata hawn, meta waslu Malta niżlet l-art u għamlet ħbieb ġodda f'avventuri amorużi. Marin Lhoste, karattru ewlieni Franċiż, fil-ġrajja preżenti ġie Malta fuq *cruise* dis-sena. Hawn sar jaf li l-antenat tiegħu Stanislas Lhoste kien l-uniku sindku Malti li nqatel biex jiddefendi l-bonordni fl-1798. Xħin sar jaf dwaru ntebaħ li n-neputi ta' Stanislas, 200 sena qabel, kien sar iħobb lil Bellilote u flimkien kienu għamlu patt moħbi li llum jissarraf minn Marin biex jara x'hemm fil-Bjar ta' Napuljun, San Ġiljan. F'Malta, Marin isib aktar minn teżor... L-awtur Charles Xuereb, storiku soċjali u xandar, għamel riċerka li ġiet ippubblikata ġa tliet darbiet mill-MUP fuq żmien il-Franċiżi bl-isem *France in the Maltese Collective Memory, Perceptions, Perspectives, Identities after Bonaparte in British Malta* (2014/21). Midsea Books Ltd ħarġu wkoll riċerka oħra ta' Dr Xuereb bl-isem *Decolonising the Maltese mind, in search of identity* (2022) fuq il-mentalità kolonjali wara l-Inglizi. *Bellilote* hu żgur taħlita interessanti bejn storja u sħajjil li għandha tinżel tajjeb ħafna ma' min iħobb din it-tip ta' letteratura. Hemm ukoll xi ritratti, u anki noti fi tmiem il-ktieb li jgħinu lill-qarrejja jifhmu aħjar ċerti affarijiet.




**_IL-POLITIKA U L-ĠID KOMUNI_, Knisja elfejn, nru. 148, Pubblikazzjonijiet Dumnikani, 2024**

Volum bħal dan ħareġ fi żmien tajjeb ladarba ra d-dawl ftit qabel l-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali u dawk tal-Unjoni Ewropea. L-artikli, bħal dejjem, huma miktubin minn esperti u riċerkaturi magħrufa, fosthom Dr Clive Zammit, il-Prof. Mario Thomas Vassallo, Dr Louise Chircop, Dr Michael Grech, P. Ivan Attard OP, Francesco Frendo, Dr Kurt Xerri, u Andrè P, DeBattista. Huma saċerdoti, letturi f'istituzzjonijiet edukattivi differenti, kemm lokali kif ukoll barra minn Malta, fuq kollox ħassieba. L-aħħar kontribuzzjoni hija l-messaġġ tal-Papa Franġisku intitolat "Message to the Participants in the Workshop 'Aquinas Social Ontology and Natural Law in Perspective'". Dan huwa volum li l-editur, P. Raymond Gatt OP, jiddedika lill-politiċi kollha ta' rieda tajba għall-ħidma li jwettqu b'risq il-komunità. U dan hu aspett ewlieni li ta' min niftakru: il-politiku hu hemm biex itejjeb il-komunità mhux biex jara kif se jiggwadanja personalment minnha. Għalhekk tolqot il-kwotazzjoni "Bniedem jitqies fil-mod kif juża s-setgħa..." ta' Platun. Fost is-suġġetti ttrattati hemm il-governanza tajba f'pajjiż demokratiku, id-demokrazija, id-drittijiet u l-ġid komuni, l-ekonomija u l-ġid komuni, il-ħajja u l-persuni b'diżabbiltà, il-ġid komuni u l-industrija tal-bini u l-ħtieġa ta' riformi immedjati, il-kunċett tal-ġid komuni fl-enċiklika *Laudato Sì*, u l-ġid komuni u r-rispett lejn il-ħolqien. Huma kollha studji u kitbiet b'suġġetti attwali li jolqtuna direttament bħala ċittadini Maltin u anki bħala bnedmin. Hu volum li ħareġ biex ifakkar is-750 sena mill-mewt ta' Tumas t'Akkwinu (1225-1274), kittieb Nisrani li ħallielna kitbiet anki f'rabta mal-politika u l-etika.


il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

l-pont stabbilit 2012

Editur: Patrick J Sammut
Disinn: Hilary Spiteri
Kuntatt: ilpontliterarymagazine@gmail.com

il-pont